**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

**Seduta Nru 180**
**It-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 180**
**It-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.02 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 180**

**It-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2023**

## WERREJ


MINUTI ..... 906

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA ..... 906

MISTOQSIJIET -TWEĠIBIET ORALI ..... 906

TQEGĦID TA' KARTI ..... 913

PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA ..... 914

FTEHIM TAL-KAMRA ..... 914

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA
IL-ĦMISTAX-IL SEDUTA STABBILITA – MINISTERU GĦAL GĦAWDEX ..... 914

AĠĠORNAMENT ..... 939

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ..... 939

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 179 li saret fis-27 ta' Novembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia)**: Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Tabib Dr Jacob Vella et vs Paul Magro et (Rikors Nru 380/2021/ LM), deċiża fit-28 ta' Settembru 2022 u dik tal-Appell datata 25 ta' Ottubru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> Rapport maħruġ mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru bl-isem *Governance Action on the NAO's Annual Report on Public Accounts 2021 and other NAO Reports 2022.*

## MISTOQSIJIET -TWEĠIBIET ORALI

### TAS-SLIEMA, IL-GŻIRA, SAN ĠILJAN - SANITÀ

**11418. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il ġurdien mejjet inġabar mid-Dipartiment tas-Sanità minn Tas-Sliema, San Ġiljan u l-Gżira, rispettivament għal kull lokalità, f'April 2023?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Abigail Camillieri, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ABIGAIL CAMILLERI:** Sur President, il-ġimgħa li għaddiet fil-Belt Victoria ġewwa Għawdex infetaħ ċentru tas-saħħa ġdid. Jista' d-Deputat Prim Ministru jispjegalna kif se jitjieb is-servizz tas-saħħa ġewwa l-gżira u x'differenza se jagħmel dan iċ-ċentru tas-saħħa għall-Għawdxin, partikolarment għall-komunità tar-Rabat?

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa Chris Fearne.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-ewwel nett, Sur President, nixtieq nibda billi nirringrazzja lill-Onor. Interpellant għal din il-mistoqsija għax, kif issa taf sew din il-Kamra, ma tgħaddix ġimgħa waħda li ma nħabbrux xi inizjattiva li tkun saret fil-qasam tal-kura primarja.

Dan il-Gvern qiegħed jaħdem ħafna biex iżid is-servizzi tas-saħħa fil-komunità. Naturalment l-isptarijiet jibqgħu importanti, però filwaqt li l-isptarijiet għandhom jibqgħu dejjem ikunu attrezzati bl-iktar apparat modern u għandhom jibqgħu jipprovdu l-aħjar servizzi għal min jiġi bżonnhom, issa ilna għal dawn l-aħħar snin għaddejjin bil-politika tagħna li nipprovdu iktar servizzi fil-komunità u fl-istess ħin innaqqsu l-għoti ta' servizzi mill-isptarijiet għax nemmnu li b'hekk iktar nistgħu naqbdu ċertu mard minn meta dan ikun għadu fi stadju bikri. Apparti minn hekk, l-eżitu għall-pazjenti jkun aħjar. Fil-fatt bħalissa għaddejjin b'kampanja biex fil-bliet u l-

irħula Maltin u Għawdxin niftħu ċentri komunitarji tas-saħħa, dawk li qabel kienu jissejħu "bereġ".

Tant hu hekk li tul dawn l-aħħar tliet xhur diġà ftaħna diversi ċentri ta' dan it-tip, fosthom f'Ħad-Dingli u fl-Iklin. Dan filwaqt li ċ-ċentri tas-saħħa l-kbar, li qabel konna nsejħulhom "polikliniċi", għadhom jagħtu servizz importanti ħafna, u iżjed ma jgħaddi ż-żmien iktar qegħdin intejbuhom, inkabbruhom u nestendulhom is-servizzi li joffru. Matul is-sajf li għadda, wara proċess ta' rinnovar qawwi, erġajna ftaħna mill-ġdid iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara, filwaqt li s-sena ta' qabel irrinovajna u erġajna ftaħna mill-ġdid iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira. Ta' min isemmi wkoll li bħalissa għaddej ix-xogħol ta' rinnovar biex fl-ewwel xhur tas-sena d-dieħla jerġa' jinfetaħ iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi.

Kif qalet tajjeb l-Onor. Interpellant, proprju l-ġimgħa li għaddiet ftaħna ċentru tas-saħħa kompletament ġdid - jiġifieri mhux rinnovat - ġewwa r-Rabat, Għawdex, liema ċentru tas-saħħa qed jieħu post ċentru ieħor tas-saħħa li kien hemm diġà fir-Rabat stess, li kien jinsab in-naħa l-oħra ta' Pjazza San Franġisk, inti u sejjer lejn in-naħa tal-Punent ta' Għawdex. Ta' min jgħid li ċ-ċentru tas-saħħa l-antik offra servizzi tas-saħħa għal 30 sena sħaħ, u allura joħroġ ċar għaliex ridna nkabbru. Il-post kien żgħir, u allura kif għedt diġà, fil-każ taċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat, Għawdex, ma kienx biżżejjed li nirrinnovaw u nsebbħu ċ-ċentru tas-saħħa li kien hemm qabel imma kien hemm bżonn li dan jinbena u jiġi attrezzat mill-bidu.

Ta' min jgħid ukoll li llum dan iċ-ċentru l-ġdid mhux biss qed ikompli joffri s-servizzi li kien joffri ċ-ċentru tas-saħħa tar-Rabat li kien hemm qabel, imma qed joffri wkoll numru ikbar ta' servizzi. Fil-fatt, apparti s-servizz ta' tabib, ta' nurse u ta' treatment room li kien joffri ċ-ċentru tas-saħħa tar-Rabat li kien hemm qabel u li issa ngħalaq, iċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat il-ġdid, filwaqt li kompla joffri dawn it-tliet servizzi, beda joffri numru ta' servizzi ġodda oħra, fosthom is-servizz tat-tilqim.

Terġa', matul il-ġimgħat li ġejjin se nkomplu nżidu ma' dawn is-servizzi billi se jkun hemm klinika għal dawk il-persuni li jbatu mid-dijabete, klinika għal persuni down syndrome kif ukoll klinika oħra għal dawk il-persuni li jieħdu l-warfarin u li allura minn żmien għal żmien ikollhom bżonn jitteħdilhom id-demm. B'hekk lil dawk il-persuni li jieħdu l-warfarin se nevitawlhom l-iskariġġ li jkollhom joqogħdu jmorru l-isptar biex jitteħdilhom id-demm. Bħalissa qegħdin isiru wkoll ix-xogħlijiet neċessarji biex f'dan l-istess ċentru jinfetħu wound clinic u GU Clinic filwaqt li nkomplu noffru iktar servizzi ġodda matul il-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

Dan ifisser li dawk is-servizzi li l-Għawdxin kienu jingħatawlhom biss mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex issa qed jingħatawhom fil-komunità tagħhom stess biex dak li jkun jista' jinqeda b'iżjed kumdità, b'inqas skariġġ u b'inqas żmien ta' stennija bil-għan li fl-aħħar mill-aħħar il-kwalità tas-servizz titjieb.

Din mhijiex l-unika inizjattiva li qegħdin nagħmlu għall-komunità Għawdxija. Xahar ilu ftaħna ċentru tad-dentistrija fil-komunità u matul il-ġimgħat li ġejjin se niftħu ċentru ieħor ġdid ġewwa l-Qala biex kemm jista' jkun il-pazjenti Għawdxin jingħataw is-servizzi li jkollhom bżonn fil-komunità stess.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, ilbieraħ kelli l-opportunità li nżur iċ-Ċimiterju "Sultana tal-Vittorji" fil-Mellieħa, li qiegħed wara l-knisja tal-istess raħal, u rrid nirrimarka b'sodisfazzjon li sar titjib mhux żgħir f'dak li għandu x'jaqsam ma' ndafa. Irrid insemmi wkoll li dawk il-lapidi li konna tkellimna dwarhom xhur ilu reġgħu tpoġġew f'posthom.

Madankollu nixtieq nieħu din l-opportunità biex nerġa' nagħmillek mistoqsija dwar l-oqbra li jinsabu fiċ-ċimiterju t'isfel, u ċjoè fiċ-Ċimiterju "Omm il-Ħniena". B'dispjaċir ngħid li l-proċess għal dawn l-oqbra issa ilu sejjer 11-il sena sħaħ. Għalhekk, Sur President, jista' d-Deputat Prim Ministru jserraħ moħħ dawk l-għexieren ta' familji li sal-lum għadhom ma jistgħux jagħmlu użu minn dawn l-oqbra billi jgħidilhom li dan il-proċess mhux se jibqa' jittawwal iktar? Ta' min jgħid li dan il-proċess ma bediex fi żmien id-Deputat Prim Ministru, u fil-fatt ilna 11-il sena għaddejjin bih. Jista' għalhekk id-Deputat Prim Ministru jgħidilna meta fl-aħħar dawn il-familji se jkunu jistgħu jibdew jagħmlu użu minn dawn l-imberkin - u vera mberkin! - oqbra?

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, l-ewwel nixtieq nirringrazzja lill-Onor. Interpellant li rrikonoxxa ... Għax ta' min jispjega li fil-Mellieħa hemm żewġ ċimiterji, wieħed magħruf bħala "ta' fuq" u l-ieħor "ta' isfel". Ma nafx, forsi dak ta' fuq jinsab iżjed viċin il-ġenna! (Interruzzjonijiet) Kif kont qed ngħid, Sur President, nirringrazzja lill-Onor. Interpellant li rrikonoxxa li x-xogħlijiet li konna wegħedna li se nagħmlu fiċ-ċimiterju ta' fuq wettaqniehom. Wara li l-periti sabu li kien hemm ħajt bil-lapidi li kien perikoluż, dan il-ħajt tneħħa, sar ieħor minfloku u l-lapidi li kien hemm reġgħu twaħħlu b'mod dinjituż. Fil-fatt nixtieq nagħmel appell minn hawnhekk biex jekk forsi xi ħadd mar ifittex il-lapida li kellu u ma sabhiex jitkellem ħalli jkunu jistgħu jsiru l-investigazzjonijiet neċessarji, għalkemm safejn naf jien il-lapidi li kien hemm ma' dan il-ħajt kollha reġgħu twaħħlu b'mod sigur u, kif għedt diġà, b'mod dinjituż.

Kif qal tajjeb l-Onor. Interpellant, numru ta' snin ilu fiċ-ċimiterju ta' isfel inbeda proġett ta' tkabbir biex ikunu jistgħu jiżdiedu xi 75 qabar ġdid. Hawnhekk ta' min jirrimarka li numru minn dawn l-oqbra se jinżammu mill-gvern biex jużahom għal dawk il-persuni li sfortunatament meta jmutu, ma jikklejmjahom ħadd. Però mbagħad hemm 'il fuq minn 60 qabar li se jgħaddu għand il-privat, u fil-fatt diġà saru xi konvenji għalihom. Skont l-informazzjoni li għandi, il-kuntrattur li kien rebaħ il-kuntratt wara li sar il-proċess kompetittiv tat-tenders iddikjara li kellu jieqaf għax il-kumpanija tiegħu kienet ġiet xolta jew falluta.

Għalhekk, wara li dak il-kuntrattur weħel multa - għax fil-kuntratt ikun hemm klawsola li tgħid illi jekk kuntrattur ma jlestix ix-xogħol fiż-żmien stipulat, jeħel multa - reġgħet inħarġet sejħa għat-tenders u dan il-kuntratt intrebaħ minn kuntrattur ieħor. Jien informat li minn mindu hemm il-kuntrattur il-ġdid, ix-xogħol beda u jinsab miexi sew. Fil-fatt jidhirli li qed isir anke xi xogħol ta' rinnovar fil-kappella ż-żgħira li hemm fl-istess ċimiterju, u informat ukoll li l-oqbra għandhom ikunu lesti fi ftit xhur oħra. Kif għedt diġà, diġà saru l-konvenji fuq ħafna minn dawn l-oqbra, jiġifieri issa li fadal hu li jsir il-kuntratt. Naturalment ħadd ma jkun jixtieq jużah il-qabar, imma dan ikun qiegħed hemmhekk għall-użu tal-familja.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Cressida Galea.

**ONOR. CRESSIDA GALEA:** Sur President, ftit tal-ħin ilu d-Deputat Prim Ministru għadu kif inawgura sala kompletament rinnovata fl-Isptar Monte Carmeli. Jista' jagħtina iktar dettalji dwar kemm se jkun importanti l-użu ta' din is-sala?

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Fil-fatt, Sur President, illum stess waranofsinhar fl-Isptar Monte Carmeli inawgurajna t-tielet sala li ġiet rinnovata fi żmien sentejn, però qabelxejn irrid nirrimarka li l-politika tal-Gvern hi li kemm jista' jkun il-kura tas-saħħa mentali tingħata 'l barra mill-isptarijiet tagħna u ġewwa l-komunità. Tant hu hekk li jekk wieħed jara x'inhu n-numru ta' pazjenti li qed jinqdew fi kliniċi fil-komunità għall-kura tas-saħħa mentali jinnota li f'temp ta' madwar tliet snin dan in-numru rdoppja. Infatti filwaqt li fl-2020 kien hemm madwar 9,500 persuna li ħadu t-trattament ġo kliniċi tas-saħħa mentali fil-komunità, is-sena li għaddiet dan in-numru tela' għal 19,000 persuna, jiġifieri f'sentejn din il-figura rdoppjat. Dan ifisser żewġ affarijiet. L-ewwel nett li qegħdin noħorġu l-kura tas-saħħa mentali fil-komunità u, it-tieni, li dan it-titjib fis-servizz qiegħed jilħaq lil iktar nies. Terġa', apparti minn dan kollu, illum min għandu xi problema ta' saħħa mentali jista' jċempel fuq il-Helpline 1579 li hu miftuħ 24 siegħa kuljum.

Minkejja dawn is-servizzi li qed jingħataw fil-komunità għall-kura tas-saħħa mentali, il-kura fl-isptarijiet xorta waħda tibqa' importanti, u għalhekk filwaqt li l-proċess li jkollna sptar akut viċin l-Isptar Mater Dei għadu għaddej, xorta waħda se jkollna bżonn li nżommu lill-Isptar Monte Karmeli, għalkemm b'numru inqas ta' pazjenti. Qabel l-Isptar Monte Karmeli kellu xi 600 pazjent, però kif għedt diġà, il-politika tagħna hi li noħorġu lil ħafna minn dawn il-pazjenti barra. Fil-fatt illum hemm iktar persuni li qegħdin jirċievu l-kura ta' saħħa mentali f'istituzzjonijiet oħra milli hemm persuni li qegħdin jirċievu l-kura ta' saħħa mentali fl-Isptar Monte Karmeli. Minkejja dan kollu, nerġa' nenfasizza li l-Isptar Monte Karmeli xorta waħda se jkollna bżonnu. Għalhekk bħalissa għaddej proċess ta' rinnovar qawwi f'dan l-isptar fejn prattikament qegħdin naqilgħu s-swali - xi wħud minnhom anke bis-soqfa b'kollox - u nagħmluhom mill-ġdid.

Sur President, kif kont qed ngħid illum inawgurajna t-tielet sala f'temp ta' sentejn, liema

sala se tibda toffri s-servizzi minn għada stess. Din mhix se tkun xi sala ffullata iżda se tilqa' fiha 13-il ruħ. Hija sala spazjuża u moderna li tilqgħek, mhux għax wieħed jieħu pjaċir imur l-isptar imma għax toffri ambjent san. Fil-fatt għandha saħansitra bitħa u hija attrezzata bl-iktar apparat modern. B'hekk issa min ikollu bżonn xi kura għas-saħħa mentali tiegħu li ma jistax jeħodha fil-komunità u jrid jeħodha bilfors ġewwa dan l-isptar, se jkollu din is-sala biex ikun jista' jingħata s-servizz li jkollu bżonn.

Fl-aħħar nett ma nistax ma nagħmilx referenza għall-fatt li apparti dawn is-servizzi kollha, issa għandna wkoll is-servizz tal-Crisis Resolution Home Treatment. Jiġifieri issa jekk wieħed ikollu xi problema akuta ta' saħħa mentali, minflok ma jintbagħat bilfors ġo sptar, jista' jintbagħatlu tim multidixxiplinarju d-dar tiegħu stess għal darba, darbtejn, tlieta u, anke jekk hemm bżonn, inżommu kuntatt miegħu permezz tat-telefon biex b'hekk kemm jista' jkun nevitaw li n-nies ikollhom għalfejn jidħlu l-isptar.

Ta' min jgħid li minn mindu nbeda dan is-servizz xi sena u nofs ilu, ibbenefikaw minnu 600 persuna filwaqt li kienu biss madwar 35 li daħlu l-isptar. Dan ifisser illi li kieku ma ġiex introdott dan is-servizz, dawn is-600 persuna kienu jispiċċaw fl-Isptar Monte Karmeli, mentri għax illum qed jiġi offrut dan is-servizz għal dawk il-pazjenti li għandhom problemi akuti ta' saħħa mentali, lil 94% minnhom evitajnielhom il-bżonn li jkollhom jidħlu l-isptar.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Graziella Attard Previ.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, id-Deputat Prim Ministru semma li għadu kif infetaħ ċentru tas-saħħa ġdid ġewwa r-Rabat, Għawdex. Jista' jgħid jekk infetħitx il-GU Clinic ġewwa dan iċ-ċentru u, jekk iva, hijiex qiegħda tagħti s-servizzi tagħha bħala GU Clinic? Jekk le, meta hemm il-ħsieb li tinfetaħ il-GU clinic f'Għawdex u tibda toffri s-servizzi tagħha bħalha?

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nixtieq nirringrazzja lill-Onor. Interpellant għal din il-mistoqsija f'waqtha għax proprju matul dan ix-xahar - jiġifieri f'Novembru stess - bdejna noffru numru ta' servizzi tal-GU Clinic, li ħafna drabi huma relatati ma' mard trażmess sesswalment, mhux biss fl-Isptar Mater Dei, kif kien isir qabel, jew inkella mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, imma issa qed noħorġu anke fil-komunità.

Illum għandna numru ta' tobba li għamlu korsijiet apposta biex ikunu jistgħu joffru dan is-servizz, u allura permezz ta' koordinazzjoni bejn il-klinika li hemm fl-Isptar Mater Dei u bejn in-numru ta' kliniċi li nfetħu fil-komunità, bdejna proprju minn dan ix-xahar noffru s-servizzi tal-GU Clinic fil-komunità. Dan qiegħed iwassal biex tonqos ħafna l-lista ta' stennija. Tant hu hekk li jien mgħarraf li llum fl-Isptar Mater Dei m'hemmx lista ta' stennija għal każijiet ta' GU, u infatti jekk ikun hemm xi każ urġenti, jibagħtu għalih f'temp ta' 24 jew 48 siegħa, mentri dawk il-każijiet li jkunu follow-ups jingħataw appuntament.

Fir-rigward taċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid ġewwa r-Rabat, Għawdex, il-pjan hu li jkollna ċentru tal-GU fil-komunità. Bħalma spjegajt ftit tal-minuti ilu, is-servizzi li se jkun qed joffri dan iċ-ċentru tas-saħħa ma bdejnihomx kollha fl-istess ġurnata imma se ndaħħluhom b'mod gradwali. Wieħed jifhem li meta jiġu introdotti servizzi ġodda, ikun aħjar li dawn jiġu introdotti b'mod gradwali fuq numru ta' ġimgħat biex wieħed jilħaq anke jidra l-ambjent ġdid, il-bini ġdid, fost oħrajn. Però l-pjan tagħna hu li għall-ħabta ta' Jannar jinfetaħ ukoll GU clinic ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid fir-Rabat, Għawdex.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, nixtieq nistaqsi lid-Deputat Prim Ministru x'inhi s-sitwazzjoni llum fir-rigward tal-aċċess għal dawk il-mediċini li ġew impattati minn Brexit. Jista' d-Deputat Prim Ministru jagħtina rendikont tas-sitwazzjoni preżenti f'dan ir-rigward u jispjegalna kif pajjiżna qiegħed jadatta biex l-aċċess għall-mediċini ma jkunx imxekkel?

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, il-fatt li ftit tas-snin ilu r-Renju Unit, partikolarment l-Ingilterra, ma baqax jifforma parti mill-Unjoni Ewropea wassal, b'mod partikolari lilna l-Maltin - imma anke lill-Irlanda u forsi f'aspett ħafna iżgħar lil Ċipru - għal problema fejn jidħol l-akkwist ta' ċerti mediċini. Għaliex? Għax tradizzjonalment l-importaturi Maltin li jimportaw il-mediċini lejn Malta kemm għas-suq

privat kif ukoll għas-servizz tas-saħħa dejjem kellhom arranġamenti ma' manifatturi mir-Renju Unit, kemm minħabba li ħafna drabi matul is-snin Malta kellha rabta kummerċjali qawwija mal-Ingilterra imma, iktar minn hekk, minħabba li, kif nafu, il-kitba li jkun hemm fuq il-kaxxi jew il-kontenituri tal-mediċini għandu jkun miktub b'lingwa li wieħed jista' jifhem, u allura aħna dejjem ġibna l-mediċini tagħna mill-Ingilterra.

Ta' min jgħid ukoll li l-Unjoni Ewropea għandha regoli li jgħidu li ma nistgħux nimportaw u nużaw mediċini li mhumiex ġejjin minn pajjiż tal-Unjoni Ewropea. Meta l-Ingilterra kienet għadha fl-Unjoni Ewropea konna nġibuhom mill-Ingilterra, iżda ġaladarba l-Ingilterra ma baqgħetx tifforma parti mill-Unjoni Ewropea, ma stajniex nibqgħu nġibu mediċini mis-suq Ingliż iżda ridna nibdew inġibu l-mediċini minn pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea. L-importanti kien li l-kitba li jkun hemm fuq il-kaxxi u l-kontenituri l-oħra tal-mediċini tkun bl-Ingliż.

L-Irlanda ftit li xejn timmanifattura mediċini, però hija l-unika pajjiż li fadal fl-Unjoni Ewropea fejn il-kitba fuq il-kaxxi u l-kontenituri l-oħra tal-mediċini li timmanifattura hija bl-Ingliż. B'hekk aħna qed insibu problema biex nimportaw il-mediċini għax il-kitba li jkun hemm fuq il-mediċina li tiġi manifatturata mill-Italja tkun bit-Taljan, il-mediċina li tiġi manifatturata minn Franza tkun bil-Franċiż u dik li tiġi manifatturata mill-Ġermanja tkun bil-Ġermaniż. S'issa għandna deroga li permezz tagħha nistgħu nibqgħu nixtru l-mediċina għal perjodu qasir mill-Ingilterra, però eventwalment din id-deroga se tispiċċa.

Allura aħna x'qegħdin nagħmlu, Sur President? Qegħdin naħdmu mal-Kummissjoni Ewropea u mal-European Medicines Agency (EMA) sabiex noħolqu sistema li biha nkunu nistgħu nġibu l-mediċini mill-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea bil-lingwa oriġinali tagħhom u mbagħad inkunu nistgħu nġibu permess biex meta dawn il-mediċini jaslu Malta jkollna app apposta li permezz tagħha jkollna aċċess għall-istruzzjonijiet u għal kitba oħra li normalment ikun hemm fuq l-ippakkeġġjar ta' dawn il-mediċini f'forma diġitali bil-Malti jew bl-Ingliż, dik li tissejjaħ electronic product information leaflet (e-PIL).

Is-sistema tal-e-PIL, li se nkunu nistgħu niddiskutuha fit-tul f'dan il-Parlament meta se nkun qiegħed inressaq abbozz ta' liġi f'dan ir-rigward, se tkun qiegħda żżid l-aċċess għall-mediċini kemm fil-privat kif ukoll fis-sistema tas-saħħa tal-gvern għax permezz tagħha l-mediċina li l-pazjent Malti se jkun qiegħed jakkwista se tkun tista' tinqara b'lingwa li hu jifhimha. Apparti minn hekk se tkun qed tiftħilna s-suq minħabba li issa, grazzi għas-sistema tal-e-PIL, mhux biss se nkunu nistgħu nġibu l-mediċini mill-Ingilterra imma se nkunu nistgħu nġibuhom minn kwalunkwe pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea bi prezzijiet orħos, b'iktar aċċessibbiltà u b'għażla ikbar.

Aħna qed nittamaw li s-sena d-dieħla se nkunu nistgħu nibdew napplikaw din is-sistema li qegħdin nippilotaw flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u mal-EMA gradwalment. Dan se jwassal biex se nkunu nistgħu naċċessaw għażla ikbar ta' mediċini b'iżjed faċilità u bi prezzijiet orħos kemm għall-gvern u sussegwentement anke għall-pazjent u għall-privat, għax aħna qed inbassru li mbagħad il-prezzijiet tal-mediċini jorħsu wkoll. Kif semmejt diġà, meta naslu biex nibdew inħaddmu din is-sistema se jkun hemm bżonn li jsir ċertu tibdil fil-liġi Maltija, u għalhekk nispera li s-sena d-dieħla jkollna l-opportunità li niddiskutu din is-sistema fit-tul f'dan il-Parlament għax jien persważ li sistema bħal din se sservi ta' benefiċċju kbir għall-pazjenti Maltin u Għawdxin.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Alex Borg.

**ONOR. ALEX BORG:** Sur President, issa li ilna x-xhur nistaqsu jekk hemmx time-frame għall-bini tal-isptar ġenerali l-ġdid ta' Għawdex, nixtieq li d-Deputat Prim Ministru jagħti iktar informazzjoni sabiex naraw hux veru hemm pjan li jinbena sptar ġenerali ġdid għal Għawdex u meta hu maħsub li dan il-proġett jitlesta.

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE :** Sur President, bħalma kelli l-opportunità li nispjega ftit tal-minuti ilu, il-Gvern huwa konxju ħafna mill-bżonn li jibqa' jagħti l-impenn tiegħu biex mhux biss inżidu s-servizzi tas-saħħa ġewwa Għawdex iżda anke biex inżidu l-infrastruttura ġewwa Għawdex għall-pazjenti Għawdxin. Semmejt li l-ġimgħa li għaddiet għadna kif ftaħna ċentru tas-saħħa ġdid fir-Rabat, Għawdex kif ukoll li matul il-ġimgħat li ġejjin se nkunu qegħdin nifthu ċentru komunitarju fil-Qala wara li diġà ftaħna

ċentri komunitarji oħrajn ġewwa l-Għarb u x-Xewkija.

Irrid ngħid ukoll li t-tender tal-MRI il-ġdid, li se jkun tad-ditta "Philips", diġà ġie aġġudikat u assenjat, filwaqt li bħalissa qiegħed isir ix-xogħol hekk imsejjaħ "coring" għax billi l-istruttura tal-MRI tiżen ċertu piż, irid jiġi assigurat li l-bażi tagħha, li se tkun fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, se tkun qiegħda fis-sod. Ovvjament, permezz ta' dan it-tagħmir, se nkunu qegħdin inżidu l-investiment tagħna f'dan l-isptar.

Dan mhuwiex l-uniku proġett li qed isir għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Fil-fatt is-sena d-dieħla dan l-isptar se jkollu wkoll CT scanner ġdid. (Interruzzjonijiet) Fuq l-isptar qed inkellmek, Onor. Borg. Ħu paċenzja, u isma' naqra biex imbagħad ma jkollokx għalfejn terġa' tistaqsini!

Se nkunu wkoll qegħdin inżidu s-servizz tal-kimoterapija fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex billi nkabbru l-ispiżerija u b'hekk inkunu nistgħu nħalltu iktar mediċini. Is-servizzi li semmejt, jiġifieri dawk tal-MRI, tas-CT scanner u tal-kimoterapija, huma kollha servizzi li se jingħataw f'dan l-isptar.

Issa fejn tidħol il-binja tal-isptar il-ġdid, hemmhekk ukoll qegħdin nirrazzjonalizzaw għax meta l-binja tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ġiet lura għand il-gvern, il-pjani li kellu l-konċessjonarju mhux biss kienu li jaqdi l-ħtiġijiet tal-pazjenti Għawdxin iżda anke li jaqdi l-ħtiġijiet ta' dak li suppost kellu jkun it-turiżmu mediku. Dik il-parti aħna m'għandniex bżonnha u allura qegħdin nirrazzjonalizzaw, jiġifieri qegħdin nagħmlu l-pjani tagħna dwar kif se jissokta l-proġett tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex biex inkomplu nżidu l-infrastruttura f'dan l-istess sptar. Wara kollox, l-importanti mhuwiex li noqogħdu ngħidu li għandna sptar ġdid jew li m'għandniex sptar ġdid, imma li nagħtu servizz aħjar lill-pazjenti Għawdxin.

M'għandniex għalfejn noqogħdu nistennew li jkollna sptar ġdid biex nibdew inżidu s-servizzi tas-saħħa fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u għalhekk aħna qegħdin immedjatament noffru diversi servizzi ġodda fil-qasam tas-saħħa filwaqt li ntejbu s-servizzi eżistenti. Diġà semmejt is-servizzi li qed jiġu offruti fil-komunità kif ukoll is-servizzi tas-CT scanner, tal-MRI, tal-ispiżerija, tal-kimoterapija u s-servizzi l-oħrajn li qegħdin nagħtu fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Però, ġaladarba jkollna t-time frame maqbul ... U rrid ngħid li aħna mhux biss qed naraw li noffru s-servizzi neċessarji tas-saħħa f'Għawdex stess.

Is-servizz tas-saħħa huwa ta' Malta u Għawdex, jiġifieri aħna qed nieħdu inkonsiderazzjoni l-infrastruttura kollha fil-qasam tas-saħħa għas-snin li ġejjin. Issa li binjiet bħall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex reġgħu ġew lura f'idejna, inkunu irresponsabbli jekk ma narawx li nagħmlu l-aħjar użu minnhom. Għaldaqstant, b'mod responsabbli, qegħdin nagħmlu pjan ħolistiku, fosthom għall-isptar modern li se jkollna ġewwa Għawdex, biex b'hekk inkunu nistgħu nkomplu nżidu n-numru ta' servizzi ta' eċċellenza li nagħtu lill-pazjenti Għawdxin u Maltin filwaqt li nkomplu nżommu postna bħala l-pajjiż li noffru l-iktar servizzi tas-saħħa rinomati madwar id-dinja.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, bħalma jsir kull sena, bħalissa għaddej il-programm ta' vaċċinazzjoni kontra l-influwenza u qed jingħata anke l-booster tal-COVID-19. Għalhekk nixtieq li d-Deputat Prim Ministru jaġġorna lil din il-Kamra dwar l-andament ta' dan il-programm għal matul din is-sena.

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, din hija mistoqsija importanti u f'waqtha, anke għax din is-sena x-xitwa damet ma daħlet. Fil-fatt, filwaqt li kien hemm snin meta f'Novembru kien ikun hawn kesħa kbira, matul din is-sena t-temp qed jaqleb issa, fl-aħħar ta' Novembru. Il-ġimgħa d-dieħla nibdew Diċembru, u kulħadd jaf li l-iktar perjodu li fih naraw każijiet ta' influwenza huwa meta tasal ix-xitwa u jibda jiksaħ it-temp. Terġa', matul dawn l-aħħar snin, prattikament ta' kull sena qed jibda jkollna wkoll xi każijiet tal-COVID-19, għax issa l-COVID-19 saret endemika u staġjonali, bħall-influwenza, u m'għadhiex pandemija, jiġifieri kull xitwa se nibdew nistennew li jkollna każijiet minnha.

Din is-sena huwa maħsub li l-iktar perjodu li matulu se jkollna każijiet ta' influwenza u ta' COVID-19 se jkun bejn Diċembru u Jannar, jekk mhux ukoll Frar. Kien hemm snin meta l-influwenza kienet fl-eqqel tagħha bħalissa,

jiġifieri bejn Novembru u Diċembru. Madankollu din mhix l-ewwel sena li ġara hekk.

Dan ifisser li min għadu ma ħax it-tilqima tal-influwenza jew tal-COVID-19, issa huwa l-aqwa żmien biex jitlaqqam għax kemm it-tilqima tal-influwenza kif ukoll it-tilqima tal-COVID-19 jibdew iħallu l-effett tagħhom madwar tlieta jew erba' ġimgħat minn mindu wieħed jeħodhom. Jien nistqarr li ħadt dawn iż-żewġ tilqimiet il-ġimgħa l-oħra, u naħseb li inti għamilt l-istess, Sur President. Ħadna t-tilqima tal-influwenza fuq naħa u t-tilqima tal-COVID-19 fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk inħeġġeġ lil min għadu ma ħax dawn iż-żewġ tilqimiet biex jagħmel hekk issa.

Naturalment kemm it-tilqima tal-influwenza kif ukoll it-tilqima tal-COVID-19 huma bla ħlas, jiġifieri wieħed ma jħallas xejn tagħhom. Issa aħna ilna nagħtu dan is-servizz għal numru ta' snin, liema servizz huwa miftuħ għaċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kif ukoll għar-residenti kollha ta' pajjiżna. Kien hemm żmien taħt amministrazzjonijiet oħra meta t-tilqima tal-influwenza kienet limitata biss għal persuni vulnerabbli, però issa aħna estendejna t-tilqima tal-influwenza kif ukoll it-tilqima tal-COVID-19 għaċ-ċittadini u r-residenti kollha ta' Malta u Għawdex li għandhom minn sitt xhur 'il fuq, għax m'hemmx limitu sa liema età wieħed jista' jeħodhom. Hawn irrid nirrimarka wkoll li wieħed jista' jieħu dawn iż-żewġ tilqimiet fl-istess ġurnata, waħda fuq id u l-oħra fuq id oħra.

Però jekk ma jitteħdux fl-istess ġurnata, imbagħad wieħed irid iħalli perjodu ta' xi għaxart ijiem jew ħmistax bejn tilqima u oħra. Dan is-servizz qed jiġi mogħti fiċ-ċentri tas-saħħa kollha ta' Malta u Għawdex, inkluż fiċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid ġewwa r-Rabat, Għawdex, fejn fl-ewwel ġimgħa diġà kien hemm mijiet li ħadu t-tilqim tal-influwenza u tal-COVID-19 hemmhekk. B'kollox s'issa kien hemm madwar 85,000 persuna li ħadu t-tilqim tal-influwenza u tal-COVID-19, u għal darb'oħra jien inħeġġeġ lil min għadu ma ħadhomx biex jagħmel dan mill-iktar fis possibbli. Kif għedt diġà, dan is-servizz huwa bla ħlas u wieħed jista' jmur jieħu dawn iż-żewġ tilqimiet mingħajr appuntament bejn l-10.00 a.m. u s-7.00 p.m. ħalli b'hekk ikun qed jipproteġi lilu nnifsu kif ukoll lil dawk ta' madwaru.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet għadda. Ngħaddu issa għal Tqegħid ta' Karti. Il-Ministru Clint Camilleri.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi informazzjoni dwar ħaddiema sekondati jew on loan mal-Ministeru għal Għawdex fil-perjodu bejn April 2022 u April 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13142.

**L-ISPEAKER:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Sur President, f'isem il-Prim Ministru nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Avviż Legali Nru 270 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Aġenziji tal-Impjieg;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Avviż Legali Nru 271 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jħassru r-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg;
>
> Avviż Legali Nru 272 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Obbligi ta' Rappurtar għall-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament);
>
> Ammont ta' arretrati netti li kellu jieħu l-gvern sal-aħħar tal-2022, maqsuma skont il-Ministeru, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11766;
>
> Tagħrif dwar in-numru ta' ħaddiema barranin li ħadmu f'Malta fis-snin bejn l-2013 u Ġunju 2023 maqsuma skont il-pajjiż tal-oriġini u skont l-industrija, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13600;

f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Screenshot tal-webpage tal-Università ta' Malta, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13662;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Lista ta' direttivi tal-Unjoni Ewropea li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur li ġew trasposti fl-2023 u dawk id-direttivi li għadhom pendenti, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 12960;
>
> Tabella li turi l-fondi li ntnefqu għall-Independent Community Living fis-snin bejn l-2012 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13795;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Lista ta' direttivi tal-Unjoni Ewropea li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża li għadhom ma ġewx trasposti, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 12956;

f'isem il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Lista ta' applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar għal bini ta' faċilitajiet reliġjużi fil-perjodu bejn Jannar 2001 u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13597; u

f'isem il-Ministru għall-Anzjanità Attiva nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar korsijiet li ġew offruti miċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-Faċilità ta' San Vinċenz de Paul lill-impjegati tal-Faċilità għas-snin bejn l-2021 u l-2023 maqsuma skont il-kors, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13590; u
>
> Tagħrif dwar korsijiet li ġew offruti miċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-Faċilità ta' San Vinċenz de Paul lill-pubbliku inġenerali għas-snin bejn l-2021 u l-2023 maqsuma skont il-kors, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13591.

## PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Albert Buttigieg.

**ONOR. ALBERT BUTTIGIEG:** Sur President, niġbed l-attenzjoni tas-Sedja li minkejja li f'mistoqsija parlamentari 13813 tlabt lill-Ministru Anton Refalo biex ipoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti u l-ftehimiet li ġew iffirmati bejn il-Gvern u APH Ltd, li huwa sptar tal-annimali, ir-risposta tal-Ministru għal tliet darbiet kienet li se jweġibni f'seduta oħra. Għalhekk qed nitlob biex forsi l-Ministru jagħtini risposta.

**L-ISPEAKER:** Jien ħadt nota tal-punt li qed tqajjem. Però kif irrimarkajt f'diversi rulings, ma nistax nordna lill-Ministru biex iwieġeb din il-mistoqsija parlamentari, u li nista' nagħmel hu li fejn hu possibbli ngħaddi l-messaġġ bil-proċeduri kollha stabbiliti.

## FTEHIM TAL-KAMRA

**L-ISPEAKER:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, bħala l-Whip tal-Gvern ninforma lill-Kamra li skont kif ipprovdut fil-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, intlaħaq ftehim sabiex is-seduta ta' għada filgħodu, 28 ta' Novembru 2023, tibda fit-8.30 a.m.

**L-ISPEAKER:** Onor. Cutajar, inti tikkonferma dan il-ftehim bħala l-Whip tal-Oppożizzjoni?

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Iva, nikkonferma.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ESTIMI ĠENERALI 2024

## KUMITAT TA' PROVVISTA

## IL-ĦMISTAX-IL SEDUTA STABBILITA

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*L-Onor. David Agius, President tal-Kumitat, jippresiedi.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Illum il-Kumitat għandu quddiemu biex jiġi diskuss il-Vot tal-Ministeru għal Għawdex. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni tal-lum huwa ta' tliet sigħat u għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Jekk jogħġbu, il-Ministru għal Għawdex iressaq ir-riżoluzzjonijiet tiegħu.

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Sur President, inressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

> **VOT 26 - MINISTERU GĦAL GĦAWDEX**
>
> Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €64,187,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 26 - Ministeru għal Għawdex, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.
>
> **VOT XIII - MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - KAPITAL**
>
> Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €19,953,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XIII - Ministeru għal Għawdex - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Alex Borg.

**ONOR. ALEX BORG:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

**VOT 26 - MINISTERU GĦAL GĦAWDEX**

***Personal Emoluments***
***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€54,222".

*Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€54,222".*

Sur President, il-gżira żgħira t'Għawdex għandha densità elevata ta' wirt kulturali u naturali. Il-karatteristiċi kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali ta' din il-gżira huma differenti minn dawk ta' Malta u huma uniċi. L-isfidi li għandu Għawdex ukoll huma differenti b'konsegwenza tal-insularità doppja, il-vulnerabbiltà ambjentali, il-popolazzjoni densa u r-riżorsi limitati. Għalhekk il-gżira Għawdxija teħtieġ interventi apposta u dedikati speċifikament għaliha. Il-Gvern Laburista wkoll jikkondividi din il-ħtieġa fuq il-karta tant li anke fil-Manifest Elettorali tiegħu tas-sena 2022, qal li:

"Il-viżjoni tagħna għal Għawdex tagħraf li tilħaq il-bilanċ bżonnjuż bejn l-attività ekonomika u l-aspett soċjali u ambjentali tal-gżira."

Imbagħad, iktar 'l isfel, dan il-Programm Elettorali jkompli jgħid li:

"Flimkien ser nassiguraw aktar titjib fil-kwalità tal-ħajja f'Għawdex ukoll.".

Anke fid-diskors li għamel qabel l-elezzjoni ġenerali f'Ta' Sannat Għawdex, il-Prim Ministru tenna li l-Gvern Laburista se jkompli jaħdem favur Għawdex billi jressaq proposti u ideat tajbin għal din il-gżira bil-għan li tkun tista' tkompli timxi 'l quddiem. Madankollu qalilna li biex iwettaq dawn il-proposti u l-ideat kellu bżonn il-mandat tal-poplu. Fil-fatt il-mandat ingħata lill-Gvern Laburista, però sfortunatament il-wegħdi li kien għamel il-Prim Ministru sparixxew u sfumaw fix-xejn. Minn dak li qed naraw jiġri u anke minn dak li rajna qabel f'diversi setturi tal-gżira Għawdxija, dawn kienu biss frażijiet popolisti li l-Prim Ministru għamilhom bil-għan li jilludina, jiżgwidana u jqarraq bina.

Ma niddejjaqx ngħid li l-Baġit għas-sena 2024 kien wieħed tajjeb minn aspett soċjali, però meta nagħsru dan il-Baġit nirrealizzaw li l-gżira Għawdxija ntesiet kompletament, kif ġara f'baġit wara l-ieħor taħt amministrazzjonijiet Laburisti. Ħalli nibda bil-bażiku. Għawdex lanqas biss ingħata kapitlu speċifiku għalih fil-Baġit għas-sena d-dieħla. Din hija xi ħaġa li rajnieha f'baġit wara l-ieħor, u qed narawha anke fil-Baġit għas-sena d-dieħla. Minnu nnifsu dan juri li l-Gvern ma fehemx x'inhuma l-bżonnijiet bażiċi li għandha l-gżira Għawdxija. Ma fehemx il-fatt li r-realtajiet tal-gżira Għawdxija huma ferm u ferm differenti minn dawk ta' Malta. Mhux ta' b'xejn li saru ħafna u ħafna żbalji matul dawn l-aħħar għaxar snin, ibda mill-iżvilupp eċċessiv u spiċċa billi tara kif is-settur tas-saħħa ġewwa l-gżira Għawdxija spiċċa f'xifer l-irdum.

Għalhekk ma kinitx sorpriża li naraw ukoll kif in-nefqa kapitali għall-gżira Għawdxija tnaqqset b'10%. Meta wieħed jiġi biex jara x'importanza qed tingħata lil xi settur partikolari, probabbilment l-ewwel ħaġa li wieħed jagħmel hu li jħares lejn in-nefqa kapitali, u minn hawnhekk ukoll tinduna kif il-Gvern Laburista reġa' poġġa lil Għawdex fit-tieni sular. Għaliex? Għax mhux talli ma tawniex l-10% tal-fondi Ewropej, Sur President, talli ħadu 10% mill-fondi lokali li suppost hemm allokati għall-gżira Għawdxija, liema fondi suppost intużaw fuq l-infrastruttura u fuq l-investiment f'din il-gżira. Dan id-dannu se jaffettwa lil Għawdex b'mod sostanzjali, speċjalment meta wieħed iqis li Għawdex għadu ferm u ferm lura f'ċerti aspetti, partikolarment fl-infrastruttura, għax billi ċerti setturi f'Malta ngħataw baġit ikbar milli ngħatat il-gżira Għawdxija, din tal-aħħar ma tkunx tista' tikkompeti b'mod ġust.

Mhijiex sorpriża lanqas, Sur President, li dan il-Baġit ma jagħti l-ebda soluzzjoni dwar kif l-ekonomija Għawdxija tista' tiġi ddiversifikata. Fil-fatt, il-Kamra Għawdxija tal-Kummerċ (GBC) ħarġet stqarrija għall-midja biex tagħti r-reazzjoni tagħha għall-Baġit ta' din is-sena fejn hija qalet hekk:

"Nonetheless, in view of the recent publication of the Gozo Regional Development Strategy the Chamber said it believes that the budget has "failed an

important opportunity to transform the Gozitan economy into a more sustainable economy, and to sustain a long-term vision for the island.".”

Hawnhekk il-GBC stqarret li dan il-Baġit ma jagħti l-ebda viżjoni fit-tul għall-gżira Għawdxija u ma jagħti l-ebda pjan dwar kif il-Gvern preżenti se jiddiversifika l-ekonomija ta' din il-gżira.

Għawdex ma jistax jibqa' jibbaża l-ekonomija tiegħu biss fuq is-settur tal-kostruzzjoni. Għalkemm l-attività fis-settur tal-kostruzzjoni trendi ħafna, u jien nemmen li jekk din issir b'mod sostenibbli kapaċi tkompli trendi ħafna, wasal iż-żmien li s-settur ekonomiku Għawdxi jiġi ddiversifikat sabiex ikollna setturi u niċeċ oħra li verament irendu, u jrendu mhux għal perjodu qasir ta' żmien imma jkomplu jrendu fuq medda twila ta' snin.

Sur President, ma nistax nitkellem fuq l-ekonomija Għawdxija mingħajr ma nsemmi dik li kważi saret buzzword - għax illum il-ġurnata buzzword saret! - u ċjoè x-xogħol ta' kwalità għall-Għawdxin ġewwa l-gżira Għawdxija. Ma nistax ma nsemmix ukoll il-famuż Gozo Innovation Hub, li oriġinarjament kien proġett tajjeb. Kien hemm viżjoni tajba għalih u kien hemm idea tajba warajh, però llum il-ġurnata meta naraw l-ammont ta' impjegati li jħaddem il-Gozo Innovation Hub u nipparagunawh mal-ammont miżeru ta' kumpaniji li investew f'dan il-hub nirrealizzaw li dan kien falliment komplet.

Il-Gozo Innovation Hub kien opportunità kbira sabiex kumpaniji tal-farmaċewtika, kumpaniji tal-gaming u kumpaniji tas-servizzi finanzjarji jinvestu ġewwa l-gżira Għawdxija u sussegwentement ikollna verament xogħlijiet ta' kwalità għall-Għawdxin ġewwa l-gżira Għawdxija. Kellna wkoll opportunità sabiex nattiraw id-digital nomads li jaħdmu bir-remote working ġewwa l-gżira Għawdxija, però sfortunatament minħabba nuqqas ta' viżjoni u nuqqas ta' pjan fit-tul, illum dan mhu xejn għajr falliment komplet ieħor ta' Gvern Laburista.

Il-Partit Nazzjonalista jemmen li Għawdex għandu opportunitajiet enormi sabiex jiddiversifika s-settur ekonomiku tiegħu. Pereżempju, nistgħu ninvestu f'Għawdex billi nirreklamawh bħala digital nomad hub u b'hekk Għawdex ikun iċ-ċentru tar-remote working fil-gżejjer Maltin u Għawdxin. Nemmen li Għawdex jista' jkompli jinvesti fl-ekoturiżmu u fid-dixxiplini sportivi tal-avventura. Nistgħu wkoll nutilizzaw ir-riżorsi naturali, in-natura u l-kampanja li għandna f'Għawdex biex l-ekonomija ta' din il-gżira verament tkompli tikber u tiġi diversifikata. Naturalment irridu wkoll inkomplu ninvestu fl-industriji agrarji, fis-snajja', fix-xogħol magħmul bl-idejn, fil-prodotti lokali u fl-oġġetti tradizzjonali Għawdxin, li minnhom infushom jistgħu jattiraw iktar turisti lejn Għawdex u jkomplu jġibu l-ekonomija Għawdxija 'l quddiem.

Nemmen li Għawdex għad baqagħlu x'jinvesti wkoll fit-turiżmu lingwistiku. Bħalissa f'Għawdex għandna skola waħda tal-Ingliż, iżda jien nemmen li kapaċi nattiraw iktar skejjel ta' dan it-tip. B'hekk inkunu qed noħolqu settur ieħor ġdid u fl-istess ħin dan it-tip ta' turiżmu jkun qed iservi ta' mutur għall-ekonomija Għawdxija. Nemmen li Għawdex kapaċi jkun ukoll il-mutur fil-qasam tal-gastronomija u tat-turiżmu kulinari billi jippromwovi festivals ta' ikel lokali, tours kulinari u esperjenzi mir-razzett sal-mejda. B'dan il-mod inkunu qegħdin ukoll nagħtu iktar appoġġ lill-bdiewa u lill-produtturi lokali sabiex itejbu l-industrija tal-ikel.

Sur President, mhijiex sorpriża lanqas li filwaqt li fil-Manifest Elettorali tal-Partit Laburista 2022 ġie ddedikat kapitlu sħiħ fuq il-gżira Għawdxija bħala destinazzjoni distinta u fuq l-investiment li se jsir ġewwa din il-gżira, sfortunatament dan il-Baġit naqqas in-nefqa fuq is-settur turistiku bi 30%. Fil-fatt għal dan is-settur ġew allokati inqas minn €1 miljun. Is-settur turistiku huwa importanti ħafna għall-gżira Għawdxija, u jien nemmen li Għawdex kapaċi jkun verament destinazzjoni distinta u ta' kwalità iktar tajba minn dik ta' Malta li tattira turisti li jħallu ħafna u ħafna iktar flus ras għal ras fil-bwiet tal-Għawdxin.

Ġaladarba qed nitkellem fuq is-settur turistiku tal-gżira Għawdxija, jien nħoss li llum Għawdex wasal f'punt li għandu bżonn l-awtorità tiegħu. Nemmen li Għawdex għandu jkollu awtorità għat-turiżmu għal Għawdex sabiex din l-awtorità jkollha poteri eżekuttivi u finanzjarji, u r-reklamar li tagħmel ikun speċifikament għal Visit Gozo. Jien persważ li jekk inwaqqfu din l-awtorità u namalgamawha mad-Direttorat tat-Turiżmu u l-Iżvilupp Ekonomiku fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex inkunu kapaċi noffru settur turistiku verament ta' kwalità.

Sur President, lanqas mhi sorpriża li l-investiment fil-qasam tal-edukazzjoni ġewwa Għawdex huwa miżeru. Jaqbdek il-biki meta tisma' lill-Ministru Clyde Caruana jgħid li l-bini tal-Iskola Primarja tar-Rabat, Għawdex għadu miexi b'pass tajjeb. Tista' tgħid li ġenerazzjoni ta' tfal laħqet twieldet, kibret u tilfet iċ-ċans li jkollha struttura adegwata fejn tibda l-mixja edukattiva tagħha.

Ta' min ifakkar li issa dan il-proġett jinsab fir-raba' sena tiegħu, però minkejja dan kollu mbagħad nisimgħu lill-Ministru Clyde Caruana jiftaħar li wasal fi stadju avvanzat. Niftakar li fi żmien gvernijiet Nazzjonalisti kienet tinfetaħ skola kull sena u mhux kull erba' snin, imma llum il-ġurnata l-Membri tal-Gvern tant tefgħu lis-settur edukattiv 'l isfel fil-prijoritajiet tagħhom li qed jiftaħru li wara erba' snin waslu biex jifthu skola ġdida ġewwa r-Rabat, Għawdex.

Naturalment ma nistax nitkellem fuq is-settur edukattiv mingħajr ma nitkellem ukoll dwar dak li rajna jiġri matul dawn l-aħħar ġimgħat fejn il-Prim Ministru Robert Abela u l-Gvern preżenti, minflok mhuma qed jisimgħu l-bżonnijiet u l-karba tal-għalliema u tal-edukaturi tagħna, qed iwaqqgħuhom għaż-żufjett filwaqt li qed iħalluhom waħedhom mingħajr l-ebda appoġġ. (Onor. Membri: Hear, hear) Minħabba dawn in-nuqqasijiet tal-Prim Ministru u tal-Gvern Laburista, anke l-istudenti u l-ġenituri tagħhom qed ibatu.

Sur President, mhijiex sorpriża li dan il-Baġit ma joffri l-ebda soluzzjoni u mhux jindirizza t-tessut soċjali u kulturali tal-gżira Għawdxija. Nafu li tul dawn l-aħħar snin Għawdex inbidel. Id-demografija Għawdxija nbidlet u m'għadhiex dik li kienet għaxar snin jew 20 sena ilu. Mhijiex sorpriża lanqas li ma rajniex x'tip ta' investiment se jsir f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà tal-gżira Għawdxija. Tul dawn l-aħħar xhur rajna li l-kriminalità f'Għawdex żdiedet b'mod sostanzjali, imma minkejja dan kollu l-Gvern preżenti mhux qed jagħti appoġġ lill-korp tal-Pulizija ġewwa Għawdex biex ikollhom l-għodda u r-riżorsi umani neċessarji bil-għan li jkunu kapaċi jindirizzaw din is-sitwazzjoni.

Biżżejjed insemmi ż-żieda li rajna fis-serq, fil-ġlied ġot-toroq kif ukoll fit-teħid u t-traffikar tad-droga. Meta jisimgħuni nsemmi dawn ir-realtajiet, il-Membri tan-naħa l-oħra tal-Kamra jipprovaw jiżżuffjettaw b'dawn il-problemi u jgiddbuni, imma l-Għawdxin jafu x'inhi r-realtà f'ċerti rħula, bħal Marsalforn u x-Xlendi. Meta nitkellem fuq dawn il-problemi, għal xi raġuni jew oħra l-Ministru għal Għawdex ftit li xejn inissel kelma, u għalhekk ikolli nindirizza lill-Ministru Byron Camilleri u lill-Kummissarju tal-Pulizija, però sfortunatament lanqas dawn mhuma qed joffru xi tip ta' għajnuna u appoġġ lill-korp tal-Pulizija ġewwa l-gżira Għawdxija.

Lanqas mhi sorpriża li ma smajna xejn dwar il-bini ġdid ta' qorti ġewwa l-gżira Għawdxija. Jien nemmen li l-Qorti ta' Għawdex mhux postha fejn qiegħda llum u hemm bżonn isir pjan biex din il-qorti jinstabilha post li jkun iktar aċċessibbli u adegwat għal persuni anzjani u persuni b'diżabilità. Però għal xi raġuni jew oħra anke din id-darba, il-Gvern preżenti nesa kompletament il-bini ta' qorti ġdida ġewwa l-gżira Għawdxija fil-Baġit għas-sena d-dieħla.

Sur President, ma smajna xejn lanqas dwar kemm se jkun hemm investiment fuq is-servizzi soċjali ġewwa Għawdex. Kif semmejt qabel, matul dawn l-aħħar snin rajna bidla demografika kbira ġewwa l-gżira Għawdxija. Rajna jseħħu wkoll ċerti każijiet soċjali ġewwa Għawdex, u għalhekk wieħed kellu jindirizza dawn il-problemi u r-realtajiet ġodda mal-ewwel biex jiġi assigurat li l-ħajja ġewwa Għawdex tkompli miexja 'l quddiem, però għal darb'oħra l-Gvern preżenti mhux qed jindirizza dawn il-bidliet.

Ma nistax nitkellem fuq il-gżira Għawdxija u ma nsemmix is-settur tas-saħħa. Dan il-Baġit bl-ebda mod mhu qed jindirizza l-bżonn li l-Gvern iġib lura l-€400 miljun li nsterqu minn ħalq il-poplu Malti u Għawdxi, €400 miljun li nsterqu minn fuq is-saħħa tagħkom, minn fuq is-saħħa tiegħi, minn fuq is-saħħa tal-familja tiegħi u minn fuq is-saħħa tal-poplu Għawdxi u Malti kollu. Dan minkejja li suppost dawn l-€400 miljun marru fuq l-investiment ta' tliet sptarijiet ġodda, inkluż fuq l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Lanqas ma jissemma pjan dwar kif se jinbena sptar ġdid ġewwa l-gżira Għawdxija, wegħda li smajnieha biss eżattament wara li ngħatat l-ewwel sentenza mill-Qorti ta' Malta. Fil-fatt din kienet l-ewwel darba li l-Ministru għal Għawdex qal xi ħaġa fuq dan il-każ għax tul il-medda ta' snin li konna qed naraw lis-settur tas-saħħa jinsteraq, inkluż is-serqa li saret fuq l-Isptar Ġenerali t'Għawdex, il-Ministru għal Għawdex ma kien lissen l-ebda kelma f'dan ir-rigward.

Però rrid ngħid ukoll li l-ġimgħa li għaddiet ħadt gost - għax it-tajjeb irrid ngħidlu tajjeb u l-ħażin ngħidlu ħażin - li nfetaħ iċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid fir-Rabat, Għawdex. Tajjeb ħafna! Wara li għaddew erba' snin minn mindu suppost dan il-proġett ġie ffinalizzat, jalla dan il-proġett iħalli l-frott u jalla dan iċ-ċentru tas-saħħa jirrivoluzzjona l-qasam tas-saħħa ġewwa l-gżira Għawdxija, kif kienet qalet proprju Carmen Ciantar fil-ġurnal *Times of Malta*.

Meta nisma' lil min juża ċertu kliem bħal "revolutionise", niftakar x'kien qal id-Deputat Prim Ministru Chris Fearne meta hekk kif daħlu Steward Healthcare minflok Vitals Global Healthcare (VGH) kien qalilna: "This is the real deal!" Kien ġie jiftaħar li issa li ġew ta' Steward Healthcare, is-settur tas-saħħa f'Malta u Għawdex se jagħmel qabża 'l quddiem, biex imbagħad rajna x'falliment komplet kien u x'serqa sfaċċata serquna fid-dawl tax-xemx f'dan is-settur! Għalhekk jalla dan il-proġett ma jkunx l-istess.

Sur President, dan il-Baġit ħalla ħafna affarijiet barra li kienu msemmija f'baġits oħrajn, fosthom il-famuż breakwater ta' Marsalforn. Ilbieraħ stess irċevejt diversi filmati tal-baħar tiela' l-art f'Marsalforn waqt xi maltempata, u minnhom infushom dawn il-filmati jixhdu l-bżonn ta' breakwater f'din il-lokalità. Madankollu, għal xi raġuni jew oħra, f'dan il-Baġit il-bini tal-breakwater f'Marsalforn intesa kompletament. Ilkoll niftakru kemm il-Gvern preżenti kien jgħidilna li l-pjani għall-bini ta' dan il-breakwater jinsabu fi stadju avvanzat u saru wegħdi elettorali li l-pjaga tal-maltemp f'Marsalforn kienet se tiġi indirizzata. Ilkoll niftakru kemm saru konferenzi stampa f'dan ir-rigward, però llum hemm skiet assolut. Daqstant ieħor mhix sorpriża li għal darb'oħra dan il-Baġit ma jagħti l-ebda indikazzjoni ta' x'se jsir mill-famuż Victoria Park, proġett li l-faċċata tiegħu tidher sabiħa ħafna, imma sfortunatament bil-faċċata se nibqgħu!

Dan il-Baġit lanqas ma jagħtina l-ebda ħjiel dwar ir-raba' vapur ġdid għall-gżira Għawdxija. Milli jidher il-Gvern preżenti se jħalli lill-Għawdxin bil-famuż MV Nikolaos, vapur li ġab Gvern Laburista u li, apparti n-nefqa tal-fuel, qed inħallsu għalih 'il fuq minn €13,000 kuljum. Ta' min ifakkar li dan il-vapur mhuwiex aċċessibbli għal persuni b'diżabilità u għal persuni anzjani, però għal xi raġuni jew oħra l-Gvern huwa ferħan b'dan ir-raba' vapur, li huwa s-second-class tas-second-class! Meta nħares lejn dan il-vapur, jien niftakar fit-tliet vapuri totalment ġodda li kien investa fihom il-Gvern Nazzjonalista għall-Għawdxin, turija ċara tad-differenza li teżisti bejn il-prijoritajiet ta' gvern Nazzjonalista u l-prijoritajiet ta' gvern Laburista għall-gżira Għawdxija. (Onor. Membri: Hear, hear)

Meta nara dawn l-affarijiet, Sur President, inħoss diqa f'qalbi għax fl-aħħar mill-aħħar jien ġejt elett mill-poplu Għawdxi u sirt Membru ta' dan il-Parlament biex inkun verament rappreżentant denju tal-poplu Għawdxi. Però meta nara dawn l-isfreġji f'kull settur jiddispjaċini, għax dawn l-affarijiet juru li l-Gvern Laburista m'għandux il-gżira Għawdxija għal qalbu. Meta naraw dan kollu jseħħ f'Għawdex, aħna bħala poplu Għawdxi nistaqsu: "Gżiritna kif qatt tista' tkun gżira ta' villaġġi?!" Irrid ngħid li l-istrateġija għal Għawdex kienet tajba. L-ippjanar u l-marketing li sar kien tajjeb ukoll. Anke l-ktejjeb li jippromwovi din l-istrateġija huwa wieħed sabiħ ħafna, però meta mbagħad tibda tagħsar il-kliem sabiħ li ntuża f'dan il-ktejjeb, li rrid ngħid illi huwa wkoll kliem riċiklat, tinduna li dan mhu xejn għajr kliem fieragħ li jisfuma fix-xejn għax ma jagħti l-ebda indikazzjoni ta' kif il-Gvern Laburista se jpoġġi lil Għawdex bħala prijorità tiegħu.

Kif qatt jista' l-poplu Għawdxi jemmen li t-titlu ta' dan il-Baġit, "Malta Ġusta", huwa verament indirizzat ukoll għalih? Aħna l-Għawdxin kif qatt nistgħu nemmnu li Għawdex huwa tassew għal qalb il-Gvern Laburista meta anke jekk biss inħarsu lejn il-Ministeru għal Għawdex, nirrealizzaw li llum il-ġurnata dan il-Ministeru kważi għandu l-istess poteri ta' kunsill lokali?! Jekk wieħed jinnota, is-setturi qed jitnaqqru minn idejn il-Ministeru għal Għawdex b'tali mod li l-prijoritajiet ta' din il-gżira qed jitneħħew.

Biżżejjed insemmi l-proġetti infrastrutturali maġġuri li qed jingħataw lil Infrastructure Malta jew inkella l-proġetti tal-iskejjel u tal-affarijiet l-oħra relatati mas-settur edukattiv li qed jingħataw lill-Ministeru responsabbli mill-edukazzjoni. U xi ngħidu għall-fondi Ewropej, b'mod partikolari għall-European Regional Development Fund (ERDF)?! Din żgur li se jipprovaw ibiddluha, u nieħu gost nisma' lill-Ministru għal Għawdex u lill-Ministru Chris Bonett jipprovaw jikkonvinċuni li qed nigdeb! Li kieku ma kienx għall-Gvern Nazzjonalista u għal Dr Eddie

Fenech Adami li daħħluna fl-Unjoni Ewropea, dawn il-fondi lanqas biss tistgħu ssemmuhom! (Onor. Membri: Hear, hear)

Madankollu l-punt tiegħi mhuwiex li Għawdex mhux se jkollu fondi Ewropej għax iva, grazzi għall-viżjoni ta' Gvern Nazzjonalista, Għawdex se jkollu fondi Ewropej. Però dawn mhumiex se jkunu f'idejn il-Ministeru għal Għawdex imma se jkunu f'idejn Ministri Maltin, jiġifieri se jkunu l-Ministri Maltin li jiddettaw kif se jintużaw il-fondi għall-gżira Għawdxija! Hija xi ħaġa inaċċettabbli, Sur President, li se jkunu l-Ministri Maltin li jiddeċiedu fuq il-fondi Ewropej għall-gżira Għawdxija! Li kieku jien kont minflok il-Ministru għal Għawdex, qatt ma kont naċċetta xi ħaġa bħal din, għax żgur li l-ebda Ministru Malti ma jista' jkun jaf x'inhuma l-bżonnijiet tal-poplu Għawdxi u tal-gżira Għawdxija daqskemm nafu jien u l-Ministru għal Għawdex!

Sur President, meta nisma' lill-Gvern Laburista jgħid li se jagħmel lil Għawdex gżira ta' villaġġi, moħħi jmur fuq il-famuż proġett f'Taċ-Ċawla. Nieħu gost nitkellem mar-residenti f'Taċ-Ċawla, u infatti jien u l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech għadna kif morna nżuruhom proprju ftit tal-ġranet ilu fejn hemmhekk smajna l-weġgħa ta' dawn in-nies kif ukoll rajna b'għajnejna x'ġara f'Taċ-Ċawla matul dawn l-aħħar xhur. Biex nispjega fil-qosor, Taċ-Ċawla hija l-housing estate tal-gżira Għawdxija, u ma niddejjaqx ngħid li l-maġġoranza tar-residenti ta' Taċ-Ċawla huma Laburisti.

Però jien b'wiċċi minn quddiem mort ħdejhom u smajt il-weġgħa li għandhom minħabba li l-Gvern tagħhom baqa' għaddej romblu minn fuqhom u baqa' għaddej bi proġett li żgur seta' jsir xi mkien ieħor, kif ipproponejna aħna mill-Oppożizzjoni, għall-ġid tal-housing ġewwa l-gżira Għawdxija. Madankollu, għal xi raġuni jew oħra, il-Ministru għal Għawdex injora l-petizzjoni li ġbart jien, injora l-alternattiva li tajtu għal dan il-proġett u, kif għedt diġà, baqa' għaddej romblu minn fuq dawn ir-residenti mingħajr ma biss sema' l-karba tagħhom.

Meta nisma' l-frażi "Għawdex Gżira ta' Villaġġi" niftakar ukoll fil-famuż proġett li qed isir ġewwa x-Xagħra Għawdex, qrib il-Ġgantija, liema proġett huwa turija ċara ta' kemm l-Awtorità tal-Ippjanar u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali reġgħu fallew. Dan kollu juri b'mod ċar li Għawdex għandu bżonn policy speċifika għalih li tindirizza l-karatteristiċi u l-bżonnijiet ta' din il-gżira. Din il-policy għandha tħalli l-iżvilupp jimxi 'l quddiem għax jien nemmen li l-iżvilupp huwa importanti u ma jistax jieqaf. Fl-aħħar mill-aħħar lil Għawdex ma nistgħux inħalluh presepju, però l-iżvilupp irid isir bi pjan, irid isir bis-sens u jrid ikun żvilupp sostenibbli li jgħolli l-kwalità tal-proprjetà u tal-gżira Għawdxija. Għalhekk il-frażi "Għawdex Gżira ta' Villaġġi" hija ċertifikat ċar ta' kif il-Gvern Laburista jipprova jitmejjel bil-poplu Għawdxi.

Issa, Sur President, wara li semmejt għaliex dan il-Baġit huwa turija ċara ta' kemm Għawdex huwa prijorità sekondarja għall-Gvern Laburista, ma nistax ma niftakarx ukoll fid-diversi proġetti tajbin li għamel il-Gvern Nazzjonalista li minnhom infushom huma turija ċara ta' kemm Għawdex dejjem kien prijorità għall-Gvern Nazzjonalista. Nibda billi nsemmi l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, li għadna nużaw sal-ġurnata tal-lum, għax ta' min ifakkar li dan kien proġett ta' Gvern Nazzjonalista. Qed nieħu gost nara lill-Onor. Abigail Camilleri tidħak meta qed tismagħni ngħid dan. Iva, minkejja li għaddew daqstant snin minn mindu sar dan il-proġett tal-isptar f'Għawdex, Gvern Laburista ħass li aħna l-Għawdxin għandna nibqgħu nużaw l-istess sptar. (Interruzzjonijiet)

Huwa ironiku, Onor. Camilleri, kif qatt ma smajtek tlissen kelma fuq il-famuż każ tal-VGH u ta' Steward Health Care! Huwa ironiku wkoll kif inti tappartjeni lil gvern li ma tana l-ebda pjan dwar 'il fejn irid li jmur is-settur tas-saħħa ġewwa Għawdex u dwar dak li għandu jsir biex l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ikun verament sptar denju għall-Għawdxin! (Onor. Membri: Hear, hear) Din mhijiex kwestjoni ta' Laburisti u Nazzjonalisti, Onor. Camilleri, għax sfortunatament xi darba jew oħra kulħadd se jagħmel użu mill-isptar. Għamel użu minnu missieri, li ħalliena ftit tas-snin ilu, u xi darba jew oħra se jagħmel użu minnu kulħadd.

Għalhekk huwa l-obbligu ta' kull gvern, irrispettivament minn jekk huwiex Nazzjonalist jew Laburist, li jassigura li fis-settur tas-saħħa jkollna s-serħan il-moħħ u l-garanziji li meta jkollna bżonn l-għajnuna se nsibuha u mhux nibqgħu fis-sitwazzjoni li ninsabu llum il-ġurnata, li l-ambulanza tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ikollha taqsam mill-inqas tliet darbiet kuljum lejn Malta minħabba n-nuqqas ta' servizzi li hemm ġewwa Għawdex. (Onor. Membri: Hear,

hear) Però minkejja dan kollu, għal xi raġuni jew oħra d-Deputati Laburisti huma ferħanin bis-sitwazzjoni attwali tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex!

Sur President, il-poplu Għawdxi jistħoqqlu aħjar. L-industrija Għawdxija jistħoqqilha aħjar. L-ambjent Għawdxi jistħoqqlu aħjar. Is-soċjetà Għawdxija jistħoqqilha aħjar. Il-wirt storiku u kulturali tal-gżira Għawdxija jistħoqqlu aħjar. Il-familji Għawdxin jistħoqqilhom aħjar. Iż-żgħażagħ Għawdxin jistħoqqilhom aħjar. Fl-aħħar nett iva, Għawdex jistħoqqlu aħjar. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Iktar rimarki? L-Onor. Claudette Buttigieg.

**ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG:** Sur President, ovvjament jiena kont qed insegwi d-diskors tal-kollega tiegħi l-Onor. Alex Borg, u nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nifraħlu għad-diskors imqanqal li għamel bħala żagħżugħ li għalih Għawdex ifisser ħafna. Imma Għawdex ifisser ħafna għall-maġġoranza l-kbira minna, u jiena, li wkoll għandi rabta mal-gżira Għawdxija, illum ninsab iddispjaċuta immens, bħall-Onor. Alex Borg.

Ħalli nagħti daqqa t'għajn fit-tul u pass pass lejn dak li fil-fatt qed joffri l-Gvern f'dak li għandu x'jaqsam ma' Għawdex. Se nibda minn xi ħaġa li għadu kif semmieha l-Ministru Clint Camilleri proprju meta konna qed niftħu din id-diskussjoni tal-Baġit fuq il-Ministeru għal Għawdex. Meta kien qed iressaq il-Voti għall-Ministeru għal Għawdex, il-Ministru għadu kemm ressaq Vot kapitali ta' €19-il miljun. Ġaladarba din se tkun in-nefqa għal dan il-Ministeru, jiena nistaqsi kif jista' jkun li dan il-Gvern se jagħmel xi ħaġa anke fuq ħafna mill-punti li għadu kemm semma l-kollega tiegħi l-Onor. Alex Borg. Bħalma għadu kif qal il-kollega tiegħi, bla dubju ta' xejn Għawdex mhuwiex presepju, anzi Għawdex għandu wirt enormi li aħna m'aħniex nużawh - kif jgħidu bl-Ingliż - to the full.

Jien insegwi mill-qrib l-attivitajiet kulturali li jkunu qed jiġu organizzati ġewwa Għawdex, u jkolli ngħid li anke l-mod kif qed jasal il-messaġġ turistiku ... Laqatni l-argument li għadu kemm għamel l-Onor. Alex Borg fuq għandux ikun hemm awtorità għal Għawdex, jew almenu xi tip ta' entità iktar ikkonċentrata fuq din il-gżira. Xi ħaġa li tissoda dan l-argument huwa l-fatt li meta tħares lejn il-websites ta' Visit Malta u Visit Gozo, fl-opinjoni tiegħi dik ta' Visit Gozo hija ħafna iktar iffokata u indirizzata biex it-turist ikun jaf x'inhuma l-opportunitajiet li għandu meta jkun qed iqatta' l-vaganza tiegħu Għawdex, fosthom fejn jista' jmur, x'jista' jagħmel, fost attivitajiet oħra.

Nifhem li Visit Gozo qiegħda tiffoka fuq il-gżira Għawdxija filwaqt li Visit Malta trid tiffoka fuq il-pajjiż kollu, imma l-vantaġġ huwa proprju dan, li fiċ-ċokon ta' din il-gżira li hi tant għażiża għalina, aħna nistgħu niffokaw fuq aspetti differenti, kemm fuq dawk ekonomiċi iżda wkoll fuq dawk turistiċi u kulturali. Il-kelma hija "sostenibbiltà". Illum jiena lekċerer fl-Università ta' Malta fuq is-settur tat-turiżmu, u punt li jitla' l-ħin kollu fit-textbooks kollha huwa proprju l-aspett ta' turiżmu sostenibbli.

Fil-fatt jiena nemmen li lil Għawdex aħna nistgħu nagħmluh il-gżira tat-turiżmu sostenibbli, imma rridu nagħrfu verament x'nistgħu nbigħu lit-turist, il-famuża "esperjenza turistika" li tista' tfisser ħafna iktar u li allura għaliha t-turist ikun lest li jħallas iktar. Pereżempju, fost oħrajn, l-Onor. Alex Borg għadu kif semma t-turiżmu marbut mat-tagħlim tal-Ingliż. Hemmhekk ukoll jista' jkollna turiżmu verament partikolari li wieħed jista' jorbtu mal-esperjenza kulinari - esperjenza li semmieha wkoll l-Onor. Borg fid-diskors tiegħu - iżda mhux biss. Ftit tax-xhur ilu jiena żort grupp ta' żgħażagħ li għandhom intrapriża interessanti ferm, u hekk għedt: Għawdex hu maħluq għal dawn it-tip ta' intrapriżi, imma rridu nagħmlu ħafna iktar biex inressqu l-investiment lejn Għawdex.

Imma għaliex huwa daqshekk diffiċli biex inressqu l-investiment lejn din il-gżira? L-ewwel nett hemm l-iktar ħaġa ovvja. F'Għawdex hemm insularità doppja. Diġà mhuwiex daqstant faċli li nressqu ċertu investiment lejn pajjiżna u allura, kif wieħed jista' jimmaġina, biex inressqu dan l-investiment lejn Għawdex irridu naħdmu u nirsistu iktar. Għalhekk it-tnaqqis ta' 10% fil-baġit tal-Ministeru għal Għawdex assolutament ma jagħmilx sens. Hemm diversi figuri li se nkun qed nikkwota proprju mill-Baġit innifsu u li sinċerament jiena ma nafx x'suppost se nkunu qed nagħmlu bihom. Pereżempju, ħdejn il-line item "Tourism Promotion including Product and Human Development" hemm il-figura ta' €740,000.

Naħseb li Għawdex jistħoqqlu iktar minn hekk proprju biex niffokaw fuq dan l-aspett! Se nirreferi għal line item ieħor, "Gozo Business Schemes", li għalih qed niddedikaw €450,000. Hawnhekk jien qed nagħmel proprju l-istess argument li għadu kemm għamel il-kollega tiegħi Onor. Alex Borg, bid-differenza li jien qed norbtu man-numri, għax inkella huwa inutli li noqogħdu ngħidu kemm għandna lil Għawdex għal qalbna u x'irridu nagħmlu għal Għawdex. Irridu naraw dan id-dokument li għandna quddiemna, l-Estimi Finanzjarji 2024, x'qed jgħid fil-konkret - kif jgħidu bl-Ingliż - in pounds, shillings and pence.

L-istess nistgħu ngħidu għal-line item "Agriculture, Fisheries and Animal Welfare Services". Ġaladarba nafu li fil-gżira Għawdxija hemm iktar prodotti li jaqgħu taħt dan is-settur, għaliex il-baġit naqas minn €2,139,000 fl-2020? Ma nafx jekk iż-€2,300,000 li ġew allokati għal din is-sena ntnefqux, u allura nibqgħu b'dawk il-figuri. Hawnhekk qed nirreferi għal-line item "Community Based Services Empowering Inclusion". Imma, pereżempju, li nallokaw €450,000 għall-Gozo Business Schemes, jien naraha daqsxejn tistona.

Intom toqogħdu taqilbu għajnejkom meta nirreferu għall-proġetti li saru taħt Gvern Nazzjonalista, u aħna nitbissmu għax fl-aħħar mill-aħħar anke jekk nieħdu kunċett li beda taħt Gvern Nazzjonalista ... Hawnhekk ippermettuli nsellem lill-eks Ministru Giovanna Debono, li kienet tant titkellem fuq Eco-Gozo, għax illum allaħares m'hemmx Eco-Gozo, u fil-fatt qed terġgħu tallokaw kważi €1.5 miljun għalih! Huwa biżżejjed? Sinċerament jekk irridu mmorru lejn is-sostenibbiltà, jekk irridu mmorru lejn id-diversifikazzjoni, jekk irridu mmorru għall-kwalità ta' esperjenza turistika, ma naħsibx li hu biżżejjed. Anzi fil-każ ta' Għawdex għandna l-vantaġġ li l-kwalità tal-esperjenza turistika mhux bilfors inġibuha minn barra minn Malta, għax nafu li fl-aħħar mill-aħħar Għawdex jibbenefika mit-turiżmu intern, imma l-Maltin mhumiex boloh! Ma jistax ikun li aħna ma naġevolawx lill-Għawdxin. Hawn ħoss daqsxejn stramb fil-mikrofonu.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Onor. Buttigieg, ħu paċenzja u itfi ftit il-mikrofonu. Qed ninnota li anke fil-mikrofonu tiegħi hemm il-ħsara. Se nissospendi s-seduta għal ftit ħin sakemm insibu soluzzjoni għal din il-problema teknika.

*Fil-5.20 p.m. il-Kumitat ġie sospiż minħabba ħsarat tekniċi u rriżuma fil-5.29 p.m.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-ħsarat tekniċi li kellna solvejniehom, u għalhekk nerġa' nagħti l-kelma lilek, Onor. Claudette Buttigieg.

**ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG:** Grazzi, Sur President. Qabelxejn nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lit-tekniċi kif ukoll lill-istaff kollu tal-Parlament tal-għajnuna tagħhom. Dawn huma affarijiet li jiġru. Meta kont xandara u kienet tinqala' xi ħsara teknika, konna nieqfu u mmorru għal mument ta' pubbliċità!

Qabel ma waqafna minħabba dawn il-ħsarat tekniċi li kellna, kont qed indur l-Estimi tal-Ministeru għal Għawdex u ġbidt l-attenzjoni ta' din il-Kamra għall-fatt li fil-ftuħ ta' din id-diskussjoni l-Ministru qalilna li l-Gvern se jonfoq €19-il miljun f'fondi kapitali, u allura din il-figura tagħti risposta lill-mistoqsija li għamel l-Onor. Alex Borg meta staqsa x'investiment kapitali se jagħmel il-Gvern għal Għawdex. Ejjew nibdew mill-fatt li llum b'€19-il miljun m'intix se tibni sptar ġdid, żgur mhux forsi. Żgur ukoll li b'€19-il miljun m'intix se ssolvi waħda mill-problemi li għandna u tibni xi vapur ġdid. L-ewwel kien hemm reazzjoni malli l-Onor. Alex Borg beda jsemmi l-vapuri li bena Gvern Nazzjonalista, imma safrattant taqleb kemm taqleb għajnejk fuq il-vapuri, il-fatt hu li dawn mhux talli saru minn Gvern Nazzjonalista imma talli nbnew mill-Maltin u l-Għawdxin! Mela dak iż-żmien kien hemm attività ekonomika li wasslet biex jittieħed dak il-pass, u tgħid x'tgħid, illum allaħares m'hemmx dawn il-vapuri!

Trid tkun vili li taqleb għajnejk meta nitkellmu fuq l-istat li jinsab fih l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex illum, wara 11-il sena ta' Gvern Laburista, għax intom ma tlajtux fil-Gvern ilbieraħ! Skużani, m'iniex qed nindirizza lilek, Sur President. Dawn ma telgħux ilbieraħ fil-Gvern, u allura meta llum jiġu jgħidulna: "X'għarukaża, f'liema stat qiegħed l-isptar!", iridu jħarsu fil-mera għax fl-aħħar mill-aħħar, minkejja li matul dan iż-żmien kollu li ilhom fil-gvern kellhom ċans biżżejjed biex jibnu sptar ġdid, safrattant ma bnewhx u lanqas almenu rranġaw l-isptar attwali! Għalhekk li joqogħdu jaqilbu għajnejhom għax illum l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jinsab fl-istat li jinsab minħabba li tħalla kif ħallieh Gvern Nazzjonalista 11-il sena

ilu ma nistax nifhimha! Jien nistaqsi: "Mela intom x'kontu qed tagħmlu f'dawn l-aħħar 11-il sena?!" Ara, kif nagħmel din il-mistoqsija jaqa' s-silenzju, għax ovvjament m'għamlu xejn f'dan ir-rigward ħlief li saret l-ikbar serqa sfaċċata li ra pajjiżna!

Sur President, xi ħadd qalli: "Taf minn fejn tibda tirrealizza kemm dan il-Gvern ma jimpurtahx minn Għawdex? Għax il-problema minn Malta tibda". U tafu minn fejn tibda? Mit-triq tal-Għadira, għax din it-triq ukoll taffettwa kemm imorru u jiġu turisti fil-ħin lejn jew minn Għawdex! Jien ma nafx kemm-il darba nisma' kliem bħal: "Kont sejjer Għawdex, imma dawwart għax qtajt qalbi b'dak it-traffiku u dak il-ġenn kollu!" Dan ifisser li hemm problemi bażiċi tal-infrastruttura li mhumiex qed jiġu indirizzati, u jien m'għandix dubju li anke l-Ministru għal Għawdex, li nixtieq nirringrazzjah talli jinsab preżenti hawnhekk jisma' dan id-dibattitu, iħossu frustrat f'sitwazzjoni bħal din għax mhux sew li mill-Għadira 'l hemm qisu ma jimpurtaniex! Meta naħsbu b'dan il-mod inkunu qed naraw ferm inqas mill-ponta ta' mneħirna. Dik it-triq hija diżastru, u rajna inċidenti u affarijiet oħra li ġraw, jiġifieri fl-aħħar mill-aħħar qed naraw kif qed jirriżultaw l-affarijiet.

Gżira oħra li naħseb illi l-kollega tiegħi l-Onor. Alex Borg ma semmihiex u li jien se nitkellem ftit fuqha wkoll hija Kemmuna. Dan is-sajf kelli l-opportunità mmur vaganza qasira ġewwa l-Kroazja. Biex mort il-Kroazja għaddejt mill-Italja, u waqt li kont qiegħda l-ajruport kont qed nisma' dak li kienu qed jgħidu grupp ta' Taljani li kienu Malta u li kienu sejrin lura lejn Trieste. Fil-fatt ikolli nistqarr li stħajt nisma' din il-konverżazzjoni għax dawn tgħidx kemm bdew imaqdru s-sitwazzjoni attwali f'Kemmuna. Għaliex? Għax bħalma għedt iktar kmieni, qabel jiġi Malta t-turist jara l-websites ta' Visit Malta u ta' Visit Gozo, u allura jara l-bajja tal-Blue Lagoon perfetta b'żewġ dgħajjes li minnhom tista' tara l-qiegħ tal-baħar, però meta jmur hemmhekk it-turist ma jsibx l-istess sitwazzjoni għax isib li fuq il-blat bilkemm jista' jinżel, jara dgħajsa ħdejn oħra bla rażan u kontroll ta' xejn, jisma' l-mużika tgħajjat, jara l-bajja mimlija qxur tal-coconuts u tal-ananas bħallikieku dawn huma xi prodotti tipiċi ta' pajjiżna! Dan hu l-prodott Malti u Għawdxi li rridu nbigħu?! Dawn huma assurditajiet kbar li qed iħallu timbru ikrah fuq dak li huwa Brand Malta, Brand Gozo u Brand Comino. U hawn irrid norbot anke ma' dak li kienu qed jgħidu l-kollegi tiegħi dalgħodu meta kienu qed jitkellmu dwar il-finanzi u l-ekonomija tal-pajjiż. M'għandix dubju li dan qed ikollu effett. Jien naf ħafna Maltin li jixtiequ jmorru jżuru Kemmuna, imma ma jmorrux għax ma jogħġobhomx dak il-ġenn kollu u ma jitħajrux meta jaraw lil kulħadd fuq xulxin. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, b'hekk qed nagħmlu riklam ħażin lilna nfusna għax l-ewwel ħaġa li tara fil-website ta' Visit Malta huwa ritratt sabiħ tal-Blue Lagoon, u allura aħna qed inbigħu gidba! Issa jien m'iniex qed ngħid li għandna nbigħu l-bajja ta' Blue Lagoon fis-sitwazzjoni li tinsab fiha verament, imma ejjew noqogħdu attenti li ma nwegħdux li għandna xi ġenna fl-art meta fil-fatt m'għandniex.

Sur President, ġaladarba qed insemmi dan, mhux se ngħid "gideb", għax din hija kelma tqila għal din il-Kamra u ma nixtieqx nużaha, imma l-logħob bil-kliem iweġġa' wisq. Mela xi siegħa ilu għadu kemm kellna l-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari, u d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne kien qiegħed hawnhekk jitkellem fuq iċ-Ċentru tas-Saħħa ġdid li nfetaħ fir-Rabat, Għawdex. Prosit! Ovvjament konna qed nittamaw li dan iċ-ċentru jitlesta ferm qabel għax ma nafx kemm ilna mingħalina li kulma jonqsu dan iċ-ċentru kienet tibjida, lagħqa żebgħa u żewġ bibien! Imma ma ġara xejn! Fl-aħħar dan iċ-ċentru tas-saħħa nfetaħ! Madankollu li rrid ngħid huwa li fl-20 ta' Novembru li għadda ħarġet stqarrija mid-DOI - qed nitkellem fuq PR/231808 - li tat lista tas-servizzi li joffri dan iċ-ċentru tas-saħħa, fosthom is-servizz ta' tabib tal-familja, tat-teħid tad-demm, tat-tilqim, tal-kura tas-saqajn, tal-ECG u l-GU Clinic. Illum ġie d-Deputat Prim Ministru hawnhekk - ma nafx kontx hawnhekk dak il-ħin inti, Ministru Clint Camilleri - u qalilna li qabel Jannar jew Frar il-GU Clinic mhix se tiftaħ. Mela tgħidx li l-GU Clinic fetħet, Onor. Fearne! Għalfejn qed tgħid li hemm servizz meta fil-fatt m'hemmx? Għalfejn?! Fil-verità sal-lum għad m'hemmx dan is-servizz! Però lin-nies mhux dan biss jurtahom, jurtahom ukoll li f'Għawdex m'hemmx ċerti servizzi li huma importanti ħafna bħal, pereżempju, is-servizzi taċ-Child Development Assessment Unit (CDAU). F'Malta dawn is-servizzi diġà huma straġi. Imma allura ma jistax almenu jkollna servizz adegwat f'Għawdex?!

Sur President, is-CDAU f'Għawdex għalfejn hemm bżonnu? Għal min ma jafx, il-funzjoni tas-

CDAU hija biex isir assessjar għall-kondizzjoni li jista' jkollhom tfal li jiġu riferuti hemmhekk, ngħidu aħna minħabba attention deficit hyperactivity disorder (ADHD) jew awtiżmu. F'dan il-Unit jingħataw ukoll servizzi bħal speech language pathology u occupational therapy. Lili jkellmuni diversi ġenituri Għawdxin ta' tfal żgħar li jridu bilfors jiġu Malta bihom biex jingħataw dan it-tip ta' servizzi. Minnha nnifisha l-kondizzjoni tal-awtiżmu diġà hija diffiċli, aħseb u ara jekk minn Għawdex ikollok toqgħod iġġib lil uliedek għat-trattament f'Malta! Allura ngħid jien, dan is-servizz ma jistax jiġi offrut f'Għawdex ukoll? Issa la qed tgħidu li ftaħtu dan iċ-ċentru tas-saħħa f'Għawdex, possibbli li m'hemmx spazju f'dan iċ-ċentru tas-saħħa biex jiġi offrut anke dan is-servizz?! Wara kollox aħna m'aħniex qed nitolbu dawn l-affarijiet għalina, iżda qed nitolbuhom għan-nies.

Kemm għedtulna fuq l-issue tal-kimoterapija! Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa Chris Fearne sa tmejjel bina għax qal li ma nafux x'aħna ngħidu! Issa f'daqqa waħda se jibda s-servizz li ċertu tip ta' kimoterapija tingħata fid-djar, u l-Għawdxin se jibbenefikaw minn dan is-servizz ġdid ukoll. Tajjeb! Dażgur li tajjeb! Imma mhux l-ewwel titmejjel bina u tgħidilna li ma nafux x'aħna ngħidu - lili l-ewwel waħda – biex imbagħad tipproponiha inti stess! Allura kont qed tmaqdar biex tixtri, hux hekk?!

Ovvjament jien qed inħares ukoll lejn l-Estimi tal-Ministeru għas-Saħħa, għax l-akbar problema li għandu l-Ministeru għal Għawdex hi li għandu kollox frammentat. Meta llum waqt il-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari staqsejna lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa Chris Fearne meta se jinbena l-isptar ta' Għawdex il-ġdid, huwa ħareġ b'żewġ stqarrijiet verament ħelwin tant li jien ħadt nota tagħhom. Qalilna li "se nirrazzjonalizzaw". Jekk jogħġobkom, jista' xi ħadd jispjegali kif meta tistaqsi lill-Ministru responsabbli mis-saħħa biex jgħidlek x'inhu t-timeline għall-bini tal-isptar, dan jgħidlek li "se nirrazzjonalizzaw"! Aħna ta' din in-naħa ħarisna lejn xulxin għax jekk l-isptar ma nbeniex, xi trid tirrazzjonalizza?! L-isptar ma nbeniex! Wegħedtu li se jinbena sptar, u ma nbeniex!

L-istqarrija l-oħra tad-Deputat Prim Ministru kienet fuq it-time frame. Qalilna li jrid ikun hemm "time frame maqbul". Maqbul ma' min? Mela issa mhux Maltin ma' Maltin u Għawdxin?! Mhux aħna issa?! Issa m'hemmx il-barranin, Sur President. Issa ma rridux niftiehmu ma' kumpanija? Jew issa tant drajna li rridu l-permess ta' kumpanija barranija biex immexxu s-servizz tas-saħħa li f'daqqa waħda qegħdin nitfixklu?! Imma dak hu li qalilna llum il-Ministru, li se nirrazzjonalizzaw, u qalilna wkoll li ġaladarba jkollna t-time frame maqbul, se jgħidilna! Tajjeb! Issa jekk tħares lejn l-Estimi tal-Ministeru għas-Saħħa u tara x'hemm għal Għawdex tirrealizza li lanqas biss huwa ppjanat li jsir dan l-imbierek sptar.

Fil-fatt taħt il-line item "Property, Plant and Equipment - Gozo General Hospital" hemm ivvotati €9 miljun, jiġifieri ma naħsibx li se jinbena sptar ġdid, hux hekk? Għalhekk irridu ninsew li fl-2024 se jinbena sptar ġdid għal Għawdex. Sfortunatament anke meta tħares lejn il-line items l-oħra li jikkonċernaw is-servizz tas-saħħa inġenerali f'Għawdex tinduna li dawn ma tantx jawguraw tajjeb għas-servizz tas-saħħa f'Għawdex, imma s-CEO tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) għoġobha tgħid mod ieħor f'artiklu li deher f'*Times of Malta*. Kif kont qed ngħid lill-Onor. Alex Borg qabel ma beda d-diskors tiegħu, malli ħarist lejn dan l-artiklu għedt: Il-madoff it-*Times of Malta* x'titlu tatu lil dan l-artiklu!

Imma mbagħad indunajt li hemm miktub "sponsored article" u għedt: Eh, mela mhux ta' b'xejn! Fil-fatt it-titlu kien jgħid hekk: "Foundation for Medical Services unveils a healthcare revolution". U ejja! L-Għawdxin ħaqqhom aħjar minn hekk. Ma nistgħux nitmejlu bl-Għawdxin b'dan il-mod! Lill-Għawdxin wegħidtuhom sptar u tajtuhom health centre. Huwa tajjeb li tajtuhom health centre, imma mbagħad tgħidulhomx li din hija rivoluzzjoni fis-servizz tal-kura tas-saħħa. U ejja! Min jaqra dan l-artiklu jibda jimmaġina li nbena l-ikbar u l-isbaħ sptar li qatt sar f'Għawdex!

Se ndur ftit ukoll fuq is-settur tal-edukazzjoni għax il-problema li għandu Għawdex hija kkaġunata proprju minn din il-frammentazzjoni kollha. Bħalma qal il-kollega tiegħi l-Onor. Alex Borg iktar kmieni, m'hemmx pjan li f'Għawdex se jsir xi żvilupp jew xi nefqa kapitali. Fil-fatt jekk taraw x'hemm taħt il-Vot Kapitali XVIII, ħdejn il-line item "Gozo State Schools Property, Plant and Equipment" issibu li fl-2022 kien hemm €18,256, però mbagħad m'hemm xejn iktar, la għal din is-sena u lanqas għas-sena li ġejja. Dan ifisser li anke l-Ministeru għal

Għawdex qiegħed jinjora l-bżonnijiet edukattivi tal-Għawdxin, u din hija ħasra kbira għax l-Għawdxin għandhom rekord ta' livell ta' edukazzjoni tajba ħafna, ħafna. Jien xi kultant naħseb li meta jkollok l-iżvantaġġ li semmejt iktar kmieni, u ċjoè li tkun tgħix fi gżira b'insularità doppja, tħoss il-bżonn li għandek tagħmel aktar, u aħna hekk nixtiequ.

Sur President, iktar kmieni ssemma wkoll is-servizz tal-vapuri tal-Gozo Channel. Jien se nirreferi lil din il-Kamra għall-mistoqsija parlamentari 10,505 datata 11 ta' Ġunju 2019, li kienet tgħid hekk:

> "Tista' l-Ministru tgħid kemm hi l-kirja tal-vapur li nkera mill-Gozo Channel biex joffri servizz bejn Malta u Għawdex? Għal kemm żmien inkera dan il-vapur u taħt liema kondizzjonijiet?",

u r-risposta tal-Ministru għal Għawdex ta' dak iż-żmien, l-eks Ministru Justyne Caruana, kienet din:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-vapur inkera għal sitt xhur".

Nerġa' nfakkarkom li din it-tweġiba ngħatat f'Ġunju tal-2019.

> "It-tender biex jinkera vapur għal perjodu itwal diġà qiegħed għand id-Dipartiment tal-Kuntratti. Dwar valur u kondizzjonijiet, din hija informazzjoni kummerċjalment sensittiva.".

Imma llum jidher - għax ovvjament għandna ġurnalisti li jistaqsu fuq li jistaqsu - li mill-2019 'l hawn in-nefqa għal dan il-vapur kienet tammonta għal bejn l-€10,000 u t-€13,000 kuljum. Kuljum! U allura tafu kemm infaqna b'kollox minn Ġunju tal-2019 sal-lum fuq dan il-vapur imsaddad li, fost oħrajn, mhuwiex aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u għall-persuni anzjani? €14.6 miljun! Dażgur li l-Griegi ma jixtiqux jitilqu! La dawn irnexxielhom idaħħlu €14.6 miljun fuq vapur li mhuwiex aċċessibbli! M'għandix dubju, Sur President, li kull Membru f'din il-Kamra tela' fuq il-vapur MV Nikolaos u nzerta nies li kellhom joqogħdu isfel fil-garaxx minħabba li ma setgħux jitilgħu fuq, fosthom persuni li qegħdin f'wheelchair u persuni anzjani li t-taraġ għalihom huwa wieqaf wisq.

Hekk qed jiġu trattati n-nies li qed jaqsmu minn Malta għal Għawdex! Hemm min jgħidlek li jippreferi jistenna vapur ieħor milli jitla' fuq dak il-vapur, u hija ħasra kbira li dan il-vapur huwa l-ewwel ħaġa li qed jesperjenza t-turist li jkun sejjer Għawdex. Infatti, meta t-turisti jinżlu minn fuq dan il-vapur, tarahom qishom mitlufin. Il-fatt li wara li tkun inżilt dak it-taraġ wieqaf qisu sellum tkun trid tgħaddi mill-istess rampa tal-karozzi huwa insult. Imma biex l-insult ikun agħar, Sur President, f'erba' snin il-Gvern nefaq iktar minn €14.6 miljun fuq dan il-vapur! Jien naħseb li din hi nefqa li setgħet tintuża ħafna aħjar għal servizz ħafna aħjar.

Nibda nikkonkludi, Sur President. In-nies hemm barra jafu, bħalma nafu aħna f'din il-Kamra, li dan il-baġit għal Għawdex mhuwiex biżżejjed u li bla dubju ta' xejn it-tnaqqis ta' 10% fil-baġit għal Għawdex se jnaqqas ħafna l-possibbiltà li jsiru proġetti li setgħu saru. Aspett li bla dubju ta' xejn għandu importanza kbira għat-turiżmu fil-gżira Għawdxija huwa dak tas-sostenibilità, u huwa proprju minn hemm li rridu nibdew biex Għawdex ikollu turiżmu ta' kwalità, bħalma wara kollox għandha bżonn li jkollha turiżmu ta' kwalità Malta.

Ma semmejna xejn dwar l-għoli tal-ħajja. Nafu li ġejjin problemi li m'għandniex kontroll fuqhom imma li rridu nilqgħulhom fejn tidħol l-importazzjoni, u għalhekk irridu noqogħdu ferm u ferm iktar attenti fuq kif dawn il-prezzijiet se jaffettwaw anke lill-gżira Għawdxija. Il-kollega tiegħi semma anke l-kwestjoni tal-popolazzjoni, u jien naqbel miegħu. Jgħid x'jgħid il-Gvern, meta tiltaqa' mal-Maltin u l-Għawdxin residenti f'Għawdex jgħidulek li din hija problema. Din diġà hija problema kbira fiż-żoni tax-Xlendi u ta' Marsalforn, u hija problema li qiegħda tinfirex.

Però d-demografija f'Għawdex qiegħda tinbidel ukoll għal raġuni oħra, minħabba Maltin li ma jifilħux iħallsu l-kirjiet tal-proprjetà f'Malta u allura qed imorru għal kirjiet li jistgħu jaffordjaw f'Għawdex. Naturalment dan it-tip ta' ċaqliq fid-demografija t'Għawdex qed iħalli l-effett tiegħu wkoll. Diġà nafu kif ġew affettwati ċerti żoni f'Malta meta ġara dan. M'iniex se nsemmi dawn iż-żoni għax m'hemmx għalfejn nidħol fid-dettall, però li rrid ngħid hu li dan iċ-ċaqliq demografiku jħalli effett kbir fuq iż-żoni milquta. Bħalma għedt diġà, spiża kapitali ta' €19-il miljun żgur li mhijiex se tagħti garanzija li dan il-Gvern Laburista se jinvesti fl-iskejjel, fil-qorti u

fl-isptar, fost oqsma oħra, u żgur li mhuwiex se jinvesti fil-livell li għandu bżonn Għawdex. Għawdex ma jistħoqqlux li nraqqgħulu l-pannu bil-qargħa aħmar, iżda jistħoqqlu ħafna u ħafna aħjar, bħalma jistħoqqilhom ħafna u ħafna aħjar anke l-Għawdxin.

Sur President, jien minn hawnhekk nappella lill-kollegi tal-faċċata tiegħi biex huma wkoll jagħmlu sforz ferm u ferm ikbar ħalli lil Għawdex jagħtuh l-aqwa servizz u l-aqwa investiment li jista' jkollu. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Ninforma lill-Kumitat illi minkejja dak li tipprovdi l-Mozzjoni 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, hawn qbil illi l-ħin li matulu kien sospiż il-Kumitat ma jkunx miżjud mal-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol.

Ninforma wkoll lill-Kumitat li l-ħin disponibbli għall-kelliema tal-Oppożizzjoni għadda u għalhekk il-ħin kollu li fadal huwa għall-kelliema tal-Gvern.

Iktar rimarki? Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** Sur President, Għawdex Gżira ta' Villaġġi, gżira fejn l-"aħna" hija ferm ikbar minn "jiena" -"Għawdex u Malta", mhux "Malta u Għawdex" - u gżira ta' opportunitajiet b'investiment bla preċedent. Għawdex la għandu problemi ta' qgħad u lanqas għandu problemi ta' housing. Għawdex huwa tal-anzjani tagħna, tal-klassi medja, u fuq kollox Għawdex hija gżira mudell ta' prosperità ġdida. Għawdex għandu opportunitajiet tad-deheb għal uliedna, għat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Pereżempju, jekk iż-żgħażagħ jixtru proprjetà f'urban conservation area (UCA), bħala first-time buyers se nagħtuhom grants ta' €40,000 kif ukoll €10,000 oħra mill-Awtorità tad-Djar, u dan apparti għajnuniet b'saħħithom oħra ta' eżenzjoni mit-taxxa. Għawdex mhuwiex is-Cinderella ta' Malta imma għall-Gvern Laburista Għawdex huwa saħansitra l-mutur ekonomiku li jmexxi lil dan il-pajjiż.

"Għawdex Reġjun" għax għandna sens ta' identità qawwija. Fuq kollox, Sur President "Għawdex Soċjalista". L-Għawdxin jafu li lilna dejjem se jsibuna magħhom, kemm fil-bnazzi u, fuq kollox, fil-maltemp. Dan huwa Gvern li, kuntrarjament għal ħaddieħor, dejjem refa' l-piż sabiex l-iżvilupp ekonomiku ta' Għawdex mhux biss jilħaq lil dak ta' Malta imma saħansitra jgħaddih. Ħaddieħor bagħat lill-mara tad-dar tixgħel il-washing machine u taħsel il-ħwejjeġ fis-satra tal-lejl. Ħaddieħor kien jikkonsidra lil Għawdex bħala xi mansab tal-gamiem għall-kaċċa tal-voti u jiġi hemm ftit qabel l-elezzjoni, bħallikieku din il-gżira kienet xi fewdu tiegħu.

Sur President, għalina Għawdex hija l-gżira ta' ħafna opportunitajiet u qiegħda fuq quddiem nett fil-politika tal-Gvern Laburista. Kif qal tajjeb dan l-aħħar il-Prim Ministru tagħna l-Onor. Robert Abela meta kien fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex:

> "Issa l-pass li jmiss li Għawdex isir il-mudell tal-prosperità l-ġdida, il-mutur tal-qalba diġitali u ambjentali ta' pajjiżna.".

Dan huwa l-mudell ekonomiku li aħna, bħala Gvern, irridu għall-gżira Għawdxija. Ara l-Membri tan-naħa l-oħra, sena wara l-oħra u baġit wara l-ieħor, jiġu f'din il-Kamra mingħajr l-ebda viżjoni għall-gżira Għawdxija. Dejjem jeqirdu, sena wara l-oħra! Kif qaltilhom ilbieraħ waħda minn sħabhom li ħierġa għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew: "Intom teqirdu, però m'għandkom xejn bħala viżjoni. Dejjem taraw ma' xiex se tipprovaw tiggranfaw biex tidhru sbieħ mal-poplu Malti u Għawdxi, però viżjoni u politika għall-gżira Għawdxija m'għandkomx."

Sur President, ħaddieħor m'għandu xejn x'joffri lill-gżira Għawdxija ħlief il-faċċata u t-teatrini. Bil-Latin ngħidu li għandhom il-kulur, però sustanza ftit li xejn. M'għandhom l-ebda viżjoni għal din il-gżira ħlief li jġibu lill-Kap tagħhom fil-housing estate ta' Taċ-Ċawla sabiex mingħalihom ir-residenti ta' dan il-housing estate jarawhom bħala d-difensuri tagħhom. Fil-fatt il-housing estate ta' Taċ-Ċawla kien, għadu u se jibqa' monument ta' Gvern Laburista. Ir-residenti ta' dan il-housing estate se jibqgħu mal-Partit Laburista għax konna aħna - l-ewwel wieħed jien - li taħt diversi gvernijiet Laburisti ħadna ħsieb il-bżonnijiet tagħhom u għamilna t-tiswijiet neċessarji f'kull blokka ta' appartamenti. Dan filwaqt li ħaddieħor abbandunahom u ħalliehom fil-ġungla. Issa, Alla jbierek, qiegħda tuġagħhom qalbhom għar-residenti ta' Taċ-Ċawla biex mingħalihom jakkwistaw xi vot! Ħaddieħor remiehom, Sur President, u ma tax kashom!

Lill-Kap tal-Oppożizzjoni ħaduh ukoll fejn biċċa bini tal-Gozo RSPCA u qalulu li qegħdin jinkwetaw fuq id-drittijiet tal-annimali. Ma jafux dawn li kien Gvern Laburista li introduċa l-animal welfare fil-gżira Għawdxija! Taf fejn messhom ħaduh lill-Kap tal-Oppożizzjoni, Sur President? Messhom ħaduh ftit metri 'l bogħod, fil-poliklinika l-ġdida li għadu kemm fetaħ dan il-Gvern! Imbagħad messhom għaddewh mill-aċċess li kont ftaħt jien, tellgħuh mill-bus terminus u ħaduh fi Pjazza San Franġisk, li hija ġawhra ta' Gvern Laburista. Messhom ħaduh ukoll, pereżempju, fil-pjazza tax-Xewkija u fit-triq li saret mill-Ministru preżenti, liema trid tgħaqqad il-Qala man-Nadur.

Messhom ħaduh fl-Iskola Medika ta' Barts ħalli jkunu jistgħu juruh il-ġmiel u s-suċċess li qiegħda tagħmel din l-iskola. (Onor. Membri: Hear, hear) Imsieken, illum kemm qed jagħtu b'idejhom fuq sidirhom u jgħidu li għandhom il-qasam tas-saħħa fil-gżira Għawdxija għal qalbhom! Min għandu ftit taż-żmien, bħali, jaf x'diżastru ħallew huma fil-qasam tas-saħħa. Qatt, u nirrepeti, qatt ma kienu jinvestu f'apparat mediku għal din il-gżira! It-tobba u l-professjonisti l-oħra kienu jagħtu l-aħjar tagħhom, però provvisti u apparat mediku għall-gżira Għawdxija ma kienx hemm. Jien niftakar lil wieħed mill-professjonisti - li nista' nsemmih b'ismu għax veru kien jaħdem - Dr Janula, jibki għax kien ried jagħmel l-interventi f'għajnejn l-Għawdxin, imma lanqas apparat ma kienu ġabulu, u mbagħad fl-aħħar ġabulu apparat second-hand minn Malta!

B'dan il-mod kienu jistmaw lill-poplu Għawdxi huma, li dak li għadda żmienu u m'għadux jintuża f'Malta jibagħtuh second-hand fil-gżira Għawdxija! Jew inkella l-apparat fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ikollu jinxtara minn xi NGO. Min irid jista' jmur jaraha b'għajnejh - naħseb hemmhekk għadha - plakka fil-Cardiac Care Unit (CCU) li tgħidlek li l-monitors ta' dik il-ward inxtraw minn NGO, jiġifieri lanqas il-Gvern Nazzjonalista ta' dak iż-żmien ma kellu r-rieda politika li jagħmel il-monitors fis-CCU. Dan kien it-tip ta' Gvern Nazzjonalista li kellna fil-gżira Għawdxija!

U xi ngħidu għall-kċina tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex? Meta dħalna f'din il-kċina għall-ewwel darba fl-2013, jien u l-Eks Ministru Godfrey Farrugia konna sibna diżastru kbir hemmhekk. Kienet kċina tat-tielet klassi, kollha ħmieġ, ġrieden u insetti! Kull min jidħol f'din il-kċina kien jistagħġeb u jitkaża. Dan kien dak li sibna aħna! (Interruzzjonijiet) Dan kien il-mod kif huma kienu jittrattaw il-qasam tas-saħħa dak iż-żmien, imma issa llum qegħdin jagħtu b'idejhom fuq sidirhom u qegħdin jgħidu lill-poplu Għawdxi: "Aħna tagħkom, u għalina s-saħħa tagħkom tiġi l-ewwel u qabel kollox!" Madankollu jien inwissihom li l-istorja hija l-ikbar sors ta' tagħlim li għandu l-bniedem, u jekk xi darba l-poplu jafdakom bil-poter, dak li għamiltu fil-passat se terġgħu tirrepetuh, b'mod partikolari fil-gżira Għawdxija, għax intom hekk kontu, hekk għadkom u hekk se tibqgħu! (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, il-Membri tan-naħa l-oħra m'għandhom l-ebda viżjoni għall-gżira Għawdxija. Din diġà għedtha, nerġa' ngħidha u se nibqa' nkompli ngħidha. Min-naħa l-oħra, tafu kemm se jonfoq il-Gvern Laburista għall-ħaddiema tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u tal-Isptar Karin Grech, sptarijiet li qabel kienu jitmexxew minn VGH? Se jonfoq €75 miljun! Dawn li tant iħobbu s-saħħa tal-poplu Għawdxi qalulna li l-Baġit ma jsemmi l-ebda sptar ġdid li suppost se jinbena għall-gżira Għawdxija. Aħna m'għandniex għalfejn insemmu l-isptar ġdid għal Għawdex fil-Baġit.

Aħna dak li nħossu li hu tajjeb għall-gżira Għawdxija nagħmluh għax aħna dejjem ħdimna man-nies u konna viċin in-nies. Aħna għandna r-rieda politika li nagħmlu dak li hemm bżonn għal Għawdex, u r-risposta tahielkom id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa Chris Fearne meta qalilkom li iva, l-isptar ta' Għawdex sejjer jinbena. (Onor. Membri: Hear, hear) Għalhekk serrħu moħħkom u tinkwetawx! Issa aħna nafu li intom m'intomx tinkwetaw, imma l-isptar ta' Għawdex sejjer jinbena għax Gvern Laburista għandu rieda politika għall-gżira Għawdxija.

Inti forsi ma tiftakarx, Onor. Alex Borg, għax għadek żgħir, imma darba minnhom kontu ġejtu f'din il-Kamra u għedtu li tridu tagħmlu ċentru komunali għall-gżira Għawdxija. Meta għedtu dan, kull min kien f'din il-Kamra beda jistagħġeb għax kulħadd beda jistaqsi x'se tagħmlu f'dan iċ-ċentru komunali, biex imbagħad ivvotajtu s-somma ta' €20,000 għalih u dan iċ-ċentru komunali ma deher imkien!

Ħalli nkompli nsemmi l-istorja tagħkom. Minkejja li elezzjoni wara l-oħra kontu twiegħdu li se tagħmlu l-mollijiet taċ-Ċirkewwa u tal-

Imġarr u f'baġit wara l-ieħor is-somma kienet titla' d-doppju, tliet darbiet iktar u erba' darbiet iktar, bqajtu m'għamiltuhomx. Imbagħad spiċċajtu mill-Gvern, u dawn fl-aħħar saru! Din kienet ir-rieda politika li kellkom intom għall-gżira Għawdxija! Issa nispera li jekk xi darba l-poplu jkun miġnun u jafdalkom il-poter f'idejkom, ma tagħmlux kif għamiltu fl-1987 meta dħaltu fl-uffiċini tal-Qorti ta' Għawdex! L-istorja kulħadd jafha. Dħaltu fil-Qorti ta' Għawdex, kissirtu kulma hemm, bdejtu theddu lin-nies, sawwattuhom u keċċejtuhom 'il barra mill-uffiċini! Għawdxin tad-demm u l-laħam bħalkom kienu dawn! Din hija l-istorja ta' Għawdex! Issa meruni jekk mhux veru. Dan kien il-Partit Nazzjonalista fil-Gvern!

Qabel ma nikkonkludi nixtieq ngħid żewġ kelmiet fuq is-sajjieda. Sur President, aħna żidna l-vot rikorrenti għas-sajjieda, għar-raħħala u l-bdiewa tagħna bi €28 miljun għax aħna nemmnu f'dan is-settur. Għadna kemm ħabbarna €12-il miljun għal fond ta' stabilizzazzjoni tal-prezzijiet. Għada se nkunu qed inħabbru t-twaqqif ta' aġenzija riżorsi agrikoli f'Malta filwaqt li fi ftit jiem oħra se nħabbru wkoll li se nagħtu miżura oħra lis-sajjieda tagħna ta' €3.8 miljun oħra minħabba żieda fil-fertilizzant.

Qed nara li ma fadallix ħin u għalhekk se nikkonkludi. L-ideat u l-viżjoni tagħna għall-gżira Għawdxija huma ċari u ffokati. Ma bżajniex u lanqas se nibżgħu nbiddlu meta l-poplu Għawdxi jurina li hemm bżonn bidla, kif sar fil-kwestjoni tal-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien. Wara kollox l-iskema tar-rata tal-boll imnaqqsa għal min jixtri proprjetà f'Għawdex hija turija ċara ta' kemm hemm bżonn jinżamm bilanċ bejn l-iżvilupp sostenibbli u l-industrija tal-kostruzzjoni. (Interruzzjonijiet) Aħna se nkomplu noħolqu opportunitajiet ġodda f'Għawdex għall-Għawdxin. Ma nibżgħux mill-isfidi għax aħna Gvern li dejjem dawwarna l-isfidi f'opportunitajiet. Dan huwa l-Għawdex ġust li jien u l-kotra tal-Għawdxin irridu għall-gżira sabiħa ta' Għawdex, Għawdex ġust u Għawdex progressiv li dejjem fittex l-avvanzi tiegħu filwaqt li fl-istess ħin iġġedded matul iż-żmenijiet.

Sur President, Għawdex ġust ifisser investiment fiż-żgħażagħ tagħna, fil-familji tagħna u f'uliedna. Din hija l-viżjoni ta' dan il-Gvern għall-gżira Għawdxija. Perfetti m'aħniex, però aħna għandna r-rieda politika favur il-gżira ta' Għawdex u favur l-Għawdxin tagħna. Aħna dejjem b'dan il-mod imxejna, u hekk se nkomplu nimxu, għax għalina l-Membri tal-Gvern immexxi mill-Prim Ministru tagħna Robert Abela, Għawdex jiġi l-ewwel u qabel kollox. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON (Onor. Michael Farrugia):** Grazzi. Jekk jogħġobkom infakkarkom li għandkom tindirizzaw dejjem lis-Sedja u kemm jista' jkun nitlobkom biex tnaqqsu l-interruzzjonijiet. Nitlob il-koperazzjoni tagħkom. Nirringrazzjakom.

Iktar rimarki? L-Onor. Abigail Camilleri.

**ONOR. ABIGAIL CAMILLERI:** Sur President, minkejja l-isfidi li qed naraw madwarna, assistejna għal Baġit ieħor li qed juri verament ir-ruħ soċjali ta' dan il-Gvern; Baġit ieħor mingħajr taxxi li ma jitfa' l-ebda piż fuq il-poplu Għawdxi u Malti, anzi Baġit li se jkun ta' sostenn u ta' inċentiv għall-familji u għan-negozji Għawdxin u Maltin. L-Onor. Alex Borg qalilna li l-kelma "revolutionise" m'għoġbitux. Issa jien taf x'ma jogħġobnix? Il-kliem "awsterità" u " se jogħlew il-prezzijiet"! Dak żgur li ma jogħġobnix lili! Dan il-Baġit intlaqa' tajjeb mill-Għawdxin, u dan nista' ngħidu mill-ħafna kummenti li rċevejt mill-Għawdxin stess waqt żjarat fid-djar, attivitajiet kif ukoll meta niltaqa' man-nies fil-ħajja ta' kuljum.

Dan hu Baġit b'saħħtu, u dan nista' ngħidu wkoll għax dak li kien qed iħabbar il-Ministru Clyde Caruana fit-30 ta' Ottubru proprju f'din il-Kamra qajjem reazzjoni fl-Oppożizzjoni li xtaqt naqsamha ma' dawk li qed jisimgħuna. Fil-fatt rajt b'għajnejja lill-Membri tal-Oppożizzjoni fi skiet perfett. Kien hemm min saħansitra beda jberraq xi ftit għajnejh u jibdel xi daqsxejn il-kulur. U nista' naħseb għaliex, Sur President, għax għandna Oppożizzjoni li minflok ma tipprova tkun gvern alternattiv, l-unika ħaġa li għandha f'moħħha hi li tkisser lill-Gvern Laburista billi tirkeb fuq kull karru popolist li jeżisti.

Għalhekk meta tara Baġit bħal dan, minflok ma tieħu pjaċir li se jgawdu minnu bosta familji u negozji Għawdxin u Maltin, jaqbadha paniku għax taf li mhix se ssib alternattivi jew proposti iktar progressivi minn dawn. B'konsegwenza ta' dan kollu, tispiċċa titħabbel f'kobba u l-unika soluzzjoni li ssib hi li tinfexx fit-tmaqdir u toħroġ

bi proposti li s'issa la kienu jagħmlu sens u lanqas kienu costed. Fil-fatt jidher li lanqas viżjoni jew pjan konkret m'għandhom.

Sur President, dan il-Baġit huwa frott ta' ħidma minn Gvern li jifhem fl-ekonomija, Gvern bil-għaqal u, fuq kollox, Gvern li jħobb lill-poplu Għawdxi u Malti. Hawnhekk irrid nirrimarka wkoll li għalkemm fil-Baġit ikun hemm miżuri immirati għal Għawdex, l-Għawdxin jibbenefikaw mill-miżuri tal-Baġit fl-intier tiegħu. Għalhekk lill-Onor. Alex Borg ngħidlu li m'hemmx għalfejn ikollna kapitli ddedikati lil Għawdex fid-dokument tal-Baġit għax Għawdex qed jibbenefika mill-miżuri kollha tal-Baġit. (Onor. Membri: Hear, hear) Pereżempju, ma nistax ma nsemmix miżura importanti li hawn f'dan il-Baġit, dik taż-żamma fl-istabilità tal-prezzijiet tal-enerġija. Il-Gvern fehem u għaraf li l-piż għandu jerfgħu hu u mhux il-poplu ħalli b'hekk iżomm iċ-ċertezza u l-istabilità fl-ekonomija tal-pajjiż.

Nafu x'qed jiġri f'pajjiżi oħrajn li l-mexxejja tagħhom m'għamlux bħalma għamel il-Prim Ministru tagħna, iżda għamlu bħalma kien għamel il-Partit Nazzjonalista fil-Gvern, u lkoll nafu x'kienu l-konsegwenzi. Dan il-Gvern immexxi mill-Prim Ministru Robert Abela lanqas biss ħalliena nduqu prezzijiet ogħla fl-enerġija, u l-Għawdxin huma grati ta' dan kollu. Barra minn hekk, dan il-Gvern mhux talli ħabbar Baġit li bih se jkompli jgħin lill-Għawdxin u lill-Maltin, speċjalment lil dawk l-iktar batuti fis-soċjetà, talli se jkompli għaddej b'ħafna proġetti innovattivi biex ikompli jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-Għawdxin u l-Maltin.

Taħt Gvern Laburista Għawdex ħa l-ħajja. Minn gżira li kienet tibki għax-xogħol, illum qed naraw lil Għawdex bħala mutur ekonomiku, dejjem mimli attivitajiet u bi kwantità ta' Maltin u turisti li jżuru lil din il-gżira matul is-sena kollha. Il-progress huwa sabiħ, u huwa tajjeb li nkomplu naraw lil din il-gżira timxi paripassu maż-żminijiet, però huwa importanti li ma nħallux il-progress u l-iżvilupp jiġru bina bil-konsegwenza li nitilfu s-sbuħija u l-uniċità ta' din il-gżira.

Ma rridx ninftiehem ħażin. Jien m'iniex kontra l-iżvilupp, però wasal iż-żmien li nibdew naraw bis-serjetà li nibnu b'mod li jkun jagħmel sens skont l-estetika u l-karatteristiċi tal-gżira. Irridu naraw ukoll li jkollna iktar sensittività lejn il-wirt storiku ta' pajjiżna. Riċentement kont preżenti għat-tnedija ta' *The Gozo Regional Development Strategy*. Dan id-dokument, li jħares lejn Għawdex bħala gżira ta' villaġġi, nibet bis-saħħa tal-ħidma sfiqa tal-Gozo Regional Development Authority (GRDA).

Wara diskussjonijiet ma' diversi stakeholders u NGOs Għawdxin tfasslet strateġija għal din il-gżira għall-għaxar snin li ġejjin, strateġija mill-Għawdxin għall-Għawdxin. Dan juri biċ-ċar kemm il-Gvern Laburista huwa kommess li jisma' u li jwettaq, u issa dan hu proprju dak li qed jistennew minna l-Għawdxin, li dak li hemm miktub f'dan id-dokument sabiħ jitwettaq. (Interruzzjonijiet) L-ewwel prijorità ... Sur President, jien lill-Onor. Alex Borg ma telliftux meta kien qed jitkellem. Naf li jħobb juża l-metafora, għax saħansitra mar quddiem l-isptarijiet jgħid li hemmhekk barumbara tal-ħamiem, imma hu jeqred iktar minn barumbara tal-ħamiem, jiġifieri huwa importanti li jħallini nkompli d-diskors tiegħi bil-kwiet!

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Nitlob biex ikun hemm rispett reċiproku.

**ONOR. ABIGAIL CAMILLERI:** Kont qed ngħid li l-ewwel prijorità li tissemma f'dan id-dokument tirrigwarda proprju l-ippjanar u l-iżvilupp sostenibbli. Ilqajt bi pjaċir il-fatt li f'dan il-Baġit il-Gvern ħabbar miżuri li jimxu paripassu ma' din l-istrateġija bħal, pereżempju, li minn wara x-xahar ta' Diċembru, l-iskema tat-tnaqqis fir-rata tal-boll għal dawk li jixtru proprjetajiet f'Għawdex mhix se tiġi estiża. Għal darb'oħra f'dan il-Baġit il-Gvern se jinċentiva lil dawk li jixtru proprjetà fiż-żona tal-UCA jew proprjetà li ilha vakanti permezz ta' għajnuna finanzjarja tant li, kif semma tajjeb ħafna l-kollega tiegħi l-Ministru Anton Refalo, il-grant se jiżdied minn €30,000 għal €40,000. Ta' min jgħid ukoll li kull min jixtri u jbigħ dawn it-tip ta' proprjetajiet se jiġi eżentat mit-taxxa. Din hija miżura tajba ħafna għax tnaqqas l-iżvilupp ta' dik l-art li għadha mhix mittiefsa filwaqt li tgħin fir-riġenerazzjoni ta' dawk il-proprjetajiet eżistenti li jinsabu vojta fil-qalba tal-ibliet u l-irħula tagħna.

L-istrateġija titkellem ukoll dwar l-infrastruttura u l-aċċessibbiltà. Huwa fundamentali li nkomplu nsaħħu l-infrastruttura ġewwa l-gżira ta' Għawdex għax għalkemm sar ħafna minn dan il-lat, għad fadlilna x'nagħmlu. Madankollu, meta aċċennajt għal dan, ġejt interpretata li qed nattakka lill-kollega tiegħi l-Ministru Clint

Camilleri. Mhux ovvja li fadal ħafna xi jsir, Sur President, jekk fi żmienhom m'għamlu kważi xejn! Se nsemmi xi wħud mit-toroq li saru u li qegħdin fil-pjan li jsiru, fosthom dik it-triq li min-Nadur tieħdok għall-Imġarr, triq li kellha terġa' ssir mill-ġdid imma li issa tlestiet u verament sar xogħol tajjeb ħafna.

Beda wkoll il-proġett infrastrutturali fuq it-triq ta' wara s-sur fil-Belt Victoria fejn hemmhekk mhux biss se jingħata wiċċ ġdid, iżda se tinħoloq ukoll junction ġdida biex tiġi indirizzata l-problema tal-bottleneck eżistenti. B'hekk ikun hemm iktar aċċessibbiltà lejn l-inħawi ta' din il-gżira u jonqos it-traffiku miċ-ċentru tal-Belt Victoria. Minn informazzjoni li għandi, diġà bdew jiġu ddisinjati l-pjanti ta' Triq it-Tiġrija fin-Nadur, triq li la tagħmel ġieħ lin-Nadurin u lanqas lil kull min jgħaddi minnha, u għalhekk huwa importanti li ssir. Nifhem li mhux faċli li tagħmel triq bħal din, però ġaladarba jkun hemm ir-rieda - u naf li r-rieda qiegħda hemm – u djalogu kontinwu mar-residenti u mmaniġġjar tajjeb tat-traffiku nemmen li għandna naslu.

Nixtieq insemmi wkoll dawk il-proġetti li permezz tagħhom qed jinħolqu spazji miftuħa għall-familji tagħna ġewwa din il-gżira. L-ewwel nett tajjeb ngħid li qed tkompli l-ħidma tal-Ministeru għal Għawdex fuq ir-riġenerazzjoni tal-pjazez. Fil-fatt, il-pjazza tal-Munxar tlestiet u bħalissa għaddej ix-xogħol fuq il-pjazza ta' Ta' Sannat. Sar ukoll investiment f'diversi ġonna. Matul dan is-sajf kelli l-opportunità li nkun preżenti għall-inawgurazzjoni tal-learning garden ġewwa Għajnsielem, fejn grazzi għall-ħidma tal-kunsill lokali tal-istess lokalità nħoloq spazju rikreattiv ġdid li jinkorpora fih anke l-element edukattiv. Proġett ieħor huwa dak ta' Ġnien il-Kunsill fix-Xewkija li se jiġi implimentat mill-kunsill lokali rispettiv flimkien ma' Project Green u li se jkun l-ewwel ġnien carbon-neutral f'Għawdex. Ġie riġenerat ukoll Ġnien iż-Żebbuġ li issa se jibda jitgawda mill-familji Għawdxin. Dan u ħafna iktar qed nagħmluh biex inkomplu noffru lill-Għawdxin spazji iktar miftuħa, kif wara kollox jixirqilhom.

Ħafna Għawdxin jivvjaġġaw kuljum lejn Malta, min biex jistudja, min biex jaħdem u min minħabba li jkollu lil xi ħadd mill-qraba tiegħu rikoverat f'xi sptar f'Malta. Għalhekk l-aċċessibbiltà hija fundamentali. L-introduzzjoni tal-fast ferry, iż-żieda fit-traġitti tal-vapuri tal-Gozo Channel u l-introduzzjoni tar-raba' vapur żgur għenu biex l-ivvjaġġar bejn iż-żewġ gżejjer jieħu inqas ħin. Il-Green Park and Ride li jopera miż-żona tal-Heliport fix-Xewkija għal min irid jaqsam lejn Malta mingħajr l-użu tal-karozza għen sabiex tittaffa l-problema ta' parkeġġ li hemm fil-Port tal-Imġarr.

Wieħed jista' jipparkja l-karozza f'din iż-żona u minn hemmhekk jirkeb karozzi tal-linja elettriċi sakemm jitlesta l-proġett f'Ta' Xħajma fi ftit xhur oħra. Ta' min isemmi wkoll li ġie msaħħaħ is-servizz tar-rotta X300, rotta li se tiffaċilita l-ħajja tal-istudenti Għawdxin għax se jkollha inqas waqfiet minn rotot oħrajn biex il-vjaġġ jieħu inqas ħin. Minn hawn nixtieq infaħħar il-ħidma tal-Gozo University Group (GUG), li ma jiqafx jitkellem dwar il-bżonnijiet u l-isfidi li jiltaqgħu magħhom l-istudenti Għawdxin. Napprezza li permezz tal-midja soċjali huma jinformaw lill-istudenti dwar il-ħinijiet ta' trasport u dwar dak kollu li hu ta' importanza għal min jistudja f'Malta.

Sur President, l-aċċessibbiltà hija fundamentali wkoll għall-ekonomija biex noħolqu iktar opportunitajiet ġewwa din il-gżira. Dan il-Gvern jinsab kommess li jkompli jsaħħaħ l-aċċessibbiltà anke bl-ajru billi l-Gozo Heliport jinbidel f'Gozo rural airfield bl-inqas impatt ambjentali possibbli. B'hekk inkunu qed inżidu l-opportunitajiet ta' investiment, għax ġaladarba dan l-airfield jitlesta, mhux biss ikollna iktar aċċessibbiltà bejn iż-żewġ gżejjer iżda wkoll nattiraw turisti ta' kwalità minn gżejjer oħra viċin tagħna. Dan il-Gvern kien u għadu kommess li jkompli jtejjeb l-aċċessibbiltà. Barra minn hekk, se jkun ta' għajnuna ikbar għal dawk l-Għawdxin li jkollhom bżonn jgħixu Malta minħabba li jkunu qed jistudjaw f'livell terzjarju jew inkella għax ikollhom lil qrabathom rikoverati f'xi sptar ġewwa Malta. Dan il-Gvern qed jaħseb ukoll biex joffri akkomodazzjoni lil dawn l-Għawdxin. Fil-fatt f'dan il-Baġit tħabbar li x-xogħol strutturali fuq Villa Lauri tlesta u li s-sena d-dieħla se tiġi mgħammra b'dak kollu li hemm bżonn biex tibda topera. Ġie mħabbar proġett ieħor ta' akkomodazzjoni bl-isem "Dar Fatima" fi Gwardamanġa. B'hekk l-Għawdxin se jkollhom iktar serħan tal-moħħ.

Għawdex hija wkoll gżira rurali, u għalhekk huwa importanti li ngħinu lill-bdiewa, lir-raħħala u lil kull min jipproduċi l-prodott lokali. Għandna napprezzaw dak kollu li ġej mill-art, mhux biss għax warajh hemm ħafna xogħol u sagrifiċċji, iżda wkoll għax huwa bnin u ġenwin. Għandna

nippromwovu l-prodott lokali kontinwament u nedukaw lill-konsumatur dwaru, inkomplu nsaħħu l-infrastruttura fiż-żoni agrikoli, innaddfu l-widien u nkomplu nestendu s-servizz tan-new water.

Sur President, l-istrateġija li semmejt iktar kmieni titkellem ukoll dwar l-iżvilupp ta' ekonomija ġdida u t-talent uman. F'Għawdex huwa essenzjali li jkollna diversifikazzjoni tal-ekonomija, jiġifieri li l-ekonomija tagħna ma tibqax tiddependi minn settur wieħed biss. Għalhekk huwa importanti li nassiguraw illi ż-żgħażagħ tagħna jkollhom l-għodod u l-ħiliet neċessarji sabiex ikunu jistgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol ta' għada, dinja li qed tavvanza b'mod mgħaġġel ħafna. Ilqajt bi pjaċir kbir il-miżura tal-Baġit li permezz tagħha se jingħata stipendju ogħla lil min jagħżel li jistudja setturi bżonjużi għal pajjiżna bil-għan li nirridirezzjonaw il-futur tal-workforce tagħna.

Matul il-jiem li għaddew rajna wkoll investiment dirett fil-gżira Għawdxija mill-kumpanija internazzjonali Noovle, li hija sussidjarja ta' Google. Cartesio Ltd għażlet proprju lil din il-gżira sabiex tkabbar l-operat tagħha b'uffiċini fil-Gozo Innovation Hub. Din il-kumpanija se tiżviluppa ChatBot ta' konverżazzjoni bil-lingwa Maltija bil-għan li tibda tintuża fis-setturi finanzjarji, bankarji, ta' assikurazzjoni u ta' investiment. Ta' min jgħid li dan il-proġett qed isir b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta. Proġetti bħal dawn juru biċ-ċar li l-Gvern Laburista jwettaq dak li jwiegħed u li qed jimxi paripassu ma' dak li qed tipproponi l-istrateġija għal Għawdex. Ara ħaddieħor, Sur President, kien qalilna li kienet ġejja kumpanija mill-Brażil biex iġġib l-investiment lejn Għawdex, imma fil-fatt din il-kumpanija ma ġiet qatt għax kienet kumpanija fantażma!

Prijorità oħra f'din l-istrateġija huwa t-turiżmu sostenibbli, li huwa settur fundamentali għall-ekonomija ta' din il-gżira. Però l-ħin li kelli allokat kważi għadda. Kieku nixtieq ngħid ħafna iktar fuq dak li sar f'Għawdex daqskemm saru affarijiet, imma issa se nħalli f'idejn il-Ministru għal Għawdex biex ikompli jgħidilna dwar il-ħidma tiegħu u dak li rnexxielu jwettaq għal Għawdex.

Għalhekk, Sur President, nixtieq nikkonkludi l-intervent tiegħi billi ngħid li saru ħafna affarijiet anke fis-settur edukattiv t'Għawdex. Kien hemm min qal li kulma sar fl-iskejjel tagħna kienet biss lagħqa żebgħa, però jien noqgħod fuq il-kliem ta' Ursula von der Leyen - jien min-Nadur, u ħadt pjaċir nara dik it-tbissima tat-tfal tagħna dakinhar - li qalet dawn il-preċiżi kelmiet:

"The school is indeed brand new.".

Għawdex minn dejjem kien prijorità għal dan il-Gvern, u dan qed jidher biċ-ċar bil-ħidma li qed titwettaq fost l-Għawdxin. Jien kburija b'Għawdex, u ħafna iktar bin-nies li jgħixu f'din il-gżira, għax fl-aħħar mill-aħħar kienu huma li sellfuni dan is-siġġu. Għalhekk jien kommessa li nkompli nxammar il-kmiem u flimkien mal-kollegi tiegħi l-Ministru Clint Camilleri, il-Ministru Anton Refalo u l-Ministru Jo Etienne Abela inkompli naħdem b'enerġija u b'entużjażmu bil-għan li nkompli nwassal dak kollu li jolqot lill-Għawdxin. Fl-aħħar nett nixtieq nawgura l-festi t-tajba lill-Għawdxin u lill-Maltin kollha. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. iktar rimarki? Il-Ministru Clint Camilleri.

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Sur President, ftit tal-ġimgħat ilu nidejna l-viżjoni u l-istrateġija għall-iżvilupp reġjonali ta' Għawdex bħala gżira ta' villaġġi, u dan il-Baġit beda jinċentiva din l-istrateġija bis-sħiħ biex sena wara l-oħra nibdew narawha ssir realtà. Din kienet wegħda elettorali oħra li dan il-Gvern wettaq u li tagħmel parti ċentrali mill-mandat li l-Gvern ingħata meta ppreżenta l-Manifest tiegħu "Malta Flimkien". Kif qed naraw, dak li nwiegħdu aħna nwettquh, u huwa proprju għalhekk li l-poplu Għawdxi u Malti jibqa' jafda lil dan il-Gvern. Lil Għawdex tagħna aħna bdilnieh f'mutur ekonomiku u ma ħallejniehx kif sibnieh, mażżra mal-ekonomija Maltija.

Din l-istrateġija li nidejna qed tħares lejn Għawdex bħala reġjun b'karatteristiċi li jagħmlu lil din il-gżira distinta mill-bqija tal-pajjiż. Hija se tkun qiegħda timxi lil hinn mill-konċett ta' one-size-fits-all għax dak li hu tajjeb għall-gżira Maltija ma jfissirx neċessarjament li hu tajjeb għall-gżira Għawdxija. Illum qed nagħrfu li Għawdex għandu l-ħtiġijiet distinti tiegħu. Din l-istrateġija hija mfassla mill-Għawdxin għall-Għawdxin u filwaqt li qed iżżomm fiċ-ċentru tagħha l-konċett ta' Għawdex bħala gżira ta' villaġġi, fl-istess waqt qed tipprepara lil din l-

istess gżira għall-ħtiġijiet u għall-isfidi li se jkollna fil-futur.

Diġà ħabbarna diversi miżuri u inizjattivi minn din l-istrateġija li għandha l-għan li tixpruna tranżizzjoni ekonomika u soċjali bil-għan li l-Għawdxin jgħixu kwalità ta' ħajja aħjar. Dan il-pjan ta' għaxar snin li tfassal mill-GRDA jħaddan tliet prinċipji ewlenin; l-użu għaqli tal-ambjent, kemm dak urban kif ukoll dak rurali, tkabbir ekonomiku li jwassal għal kwalità ta' ħajja aħjar kif ukoll iżjed valur lill-identità Għawdxija.

Sur President, minn Għawdex aħna rridu tabilħaqq nagħmlu gżira ta' villaġġi. Dan huwa Gvern li jisma', Gvern li jkun viċin in-nies, u għalhekk aħna smajna u fhimna dak li qed jgħidu l-Għawdxin, inkluż il-proposti tal-NGOs u tal-GRDA, li ppreżentat il-proposti għall-Baġit u li, kif għedt diġà, ħafna minnhom se jkunu qegħdin jiġu implimentati. Għalhekk l-iskema tar-rata tal-boll imnaqqsa għal dawk il-proprjetajiet f'Għawdex li mhumiex f'urban conservation area (UCA) mhix se tiġi estiża wara Diċembru li ġej. Dan il-Gvern xorta se jibqa' jagħti inċentivi fiskali, però din id-darba dawn se jkunu mmirati lejn il-viżjoni tal-Gvern għall-gżira Għawdxija.

Għaldaqstant dawk li jagħżlu - il-first-time buyers b'mod partikolari - proprjetà li tkun f'UCA jew inkella xi proprjetà li tkun ilha mibnija għal iktar minn 20 sena se jieħdu grant li issa minn €30,000 tela' għal €40,000. (Onor. Membri: Hear, hear) Iktar minn dan kollu, sabiex inkomplu nixprunaw lis-suq u mmorru lejn id-direzzjoni li fiha dan il-Gvern jixtieq jieħu lil Għawdex tagħna, it-trasferimenti ta' dawk il-proprjetajiet li jinsabu f'UCA kif ukoll dawk il-proprjetajiet li għandhom karatteristiċi tradizzjonali u arkitettoniċi se jkunu eżenti mit-taxxa tal-boll sal-ewwel €750,000. Dan huwa inċentiv b'saħħtu ferm sabiex jinkoraġġixxi lis-suq, u allura lill-familji tagħna kif ukoll lil dawk kollha li jixtru proprjetà f'Għawdex, biex jagħżlu li jixtru proprjetà u mhux oħra.

Terġa', apparti milli l-first-time buyers li se jixtru dawn it-tip ta' proprjetajiet se jkunu qed jibbenefikaw minn grant ta' €40,000 u mhumiex se jkunu qed iħallsu t-taxxa tal-boll fuq it-trasferiment tal-proprjetà, se jkunu qed jibbenefikaw ukoll mit-tielet miżura li daħħal il-Gvern sabiex tinċentiva bis-sħiħ din il-viżjoni tiegħu, ir-rifużjoni tal-VAT fuq ir-restawr tal-istess proprjetà. Għaldaqstant il-viżjoni tagħna ta' fejn irridu nieħdu lis-suq Għawdxi hija ċara, u fl-aħħar mill-aħħar l-inċentivi fiskali li qed nagħmlu qed ikomplu jsaħħu din il-viżjoni.

Sur President, matul din is-sena aħna komplejna għaddejjin bil-ħidma tagħna fuq diversi inizjattivi u proġetti kapitali bil-għan li ntejbu l-ħajja tal-komunità Għawdxija kif ukoll ta' min iżurna. Il-viżjoni ta' Għawdex bħala gżira ekoloġika li tħares 'il quddiem lejn żvilupp sostenibbli minn dejjem kienet waħda dinamika li evolviet matul iż-żmien, però issa din il-viżjoni ġiet integrata b'mod iktar b'saħħtu fl-istrateġija li għadni kif semmejt.

Fost il-proġetti li għandna għaddejjin bħalissa nsibu l-Multi-Modal Hub, jew kif inhuwa magħruf aħjar il-Park and Ride, fejn permezz ta' €7 miljun f'fondi Ewropej żona mimlija skart tal-kostruzzjoni qiegħda tinbidel f'car park kbir li jesa' 300 karozza u li, iktar minn hekk, se jkun qiegħed iservi wkoll ta' hub għall-buses elettriċi li se joffru servizz ta' Park and Ride - servizz li ġie introdott anke f'żona oħra - għall-Port tal-Imġarr u possibbilment anke għal lokalitajiet oħra. L-għan hu li b'hekk inkunu qed insolvu l-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ, partikolarment fl-Imġarr, b'mod għaqli u b'mod li ma nħammġux l-ambjent.

Sur President, lestejna wkoll il-bini ta' diversi ħitan tas-sejjieħ permezz tal-€10 miljun li ngħatajna f'fondi Ewropej. Il-ħitan tas-sejjieħ ġewwa Għawdex huma mifruxa mal-gżira kollha, u għalhekk apparti li bil-bini tal-ħitan tas-sejjieħ qegħdin ngħinu lill-bdiewa tagħna bis-sħiħ, b'mod partikolari fejn tidħol iż-żamma tal-ħamrija, qegħdin anke noffru pajsaġġ mill-isbaħ lil dawk kollha li jżuruna. Ftit tal-ġimgħat ilu rnexxielna wkoll inġibu €2 miljun oħra f'fondi Ewropej għall-iżvilupp rurali, li bihom se nkunu qed nagħmlu numru ta' toroq fil-kampanja. Fil-fatt, wara li se jiġi ffirmat il-grant agreement minn hawn u ftit tal-jiem oħra, se noħorġu t-tenders u sussegwentement se nkunu qed nimplimentaw mill-ġdid Triq Ta' Għajn Abdul, Triq Wied Juno, Triq Ta' Spiteri u Triq Klula.

Ftit tax-xhur ilu, permezz ta' ħidma konġunta mal-Kunsill Lokali tal-Munxar, lestejna l-pjazza tal-Munxar b'finanzjament ta' €750,000. Illum din il-pjazza moderna hija amministrata aħjar fejn jidħol it-traffiku u, fl-aħħar mill-aħħar, għandha iktar spazji miftuħa u żoni pedonali għall-Munxarin kif ukoll għal dawk kollha li

jiddeċiedu li jqattgħu xi ftit tal-ħin fiċ-ċentru ta' dan ir-raħal.

Bħalissa ninsabu għaddejjin ukoll bil-proġett ta' pjazza oħra li tinsab fil-qalba ta' Għawdex, il-Pjazza Santa Margerita f'Ta' Sannat fejn hemmhekk b'investiment ta' €2 miljun qegħdin nagħmlu din il-pjazza mill-ġdid. Irridu ngħidu wkoll li din il-pjazza sservi bħala junction u allura taf tkun traffikuża wkoll, però din il-pjazza li tinsab fil-qalba tal-lokalità tagħna tattira lejha numru ta' residenti u ta' turisti li jżuru din in-naħa t'Għawdex. Irrid nirrimarka li x-xogħlijiet fuq din il-pjazza kienu estensivi u sibna saħansitra problemi arkeoloġiċi, però fortunatament dawn il-problemi ġew megħluba. Għaddejna culverts ġodda għas-servizz tal-ilma u għal servizzi oħra, qegħdin nagħmlu l-bankini u iktar tard din is-sena se nibdew il-pavimentar tal-istess pjazza.

Din il-pjazza se tkun imqassma b'mod tajjeb ħafna, għax filwaqt li se jibqa' jkun hemm numru ta' spazji għall-parkeġġ, se tingħata prijorità liż-żona pedonali, kemm biex min ikun f'din il-pjazza jkollu aktar serħan il-moħħ kif ukoll biex ġaladarba titlesta, din il-pjazza tkun taqbel mal-karatteristiċi arkitettoniċi u urbani tal-madwar. Fil-fatt għal din il-pjazza qegħdin nużaw materjal naturali, bħal travertin u ġebel, li f'ċerti każi se jkun qed jikkontrasta u f'każijiet oħra se jkun qed jikkomplementa l-bini urban. Però, iktar minn hekk, l-għażla tal-materjali saret skont l-użu taż-żoni differenti li għandha din il-pjazza sabiex il-proġett isir kif suppost għall-ġid ta' kulħadd.

Il-viżjoni t'Għawdex bħala gżira ta' villaġġi se tibqa' tiggwidana matul kull intervent li jsir fil-qalba ta' kull raħal fi gżiritna. Bħalissa wieħed jista' jinnota li madwar il-gżira Għawdxija għaddejjin diversi proġetti. Ma waqafniex naħdmu u nwiegħdu li se nkomplu għaddejjin bl-istess ritmu għall-ġid ta' Għawdex u tal-Għawdxin.

Sur President, huwa fatt magħruf minn kulħadd li fejn jidħol l-isport, dan il-Gvern jinvesti bis-sħiħ mhux biss bil-paroli, iżda anke bil-fatti. Iktar kmieni matul din is-sena grupp ta' madwar 40 atleta Għawdxi u Għawdxija kkompetew għall-ewwel darba fl-International Island Games ġewwa Guernsey - (Onor. Membri: Hear, hear) - fejn hemmhekk aħna mhux biss tajna opportunità mill-aqwa lil dawk l-Għawdxin li jistgħu jirrappreżentaw lill-gżira tagħhom b'mod internazzjonali, iżda wkoll għollejna l-livell, il-miri u anke l-ambizzjoni tal-istess atleti tagħna. Żgur li m'aħniex se nieqfu hemm. Biżżejjed insemmi l-investiment massiċċ li qed isir fiċ-Ċentru Akkwatiku u Sportiv ġewwa r-Rabat, Għawdex.

Ħaddieħor għamel 20 sena jwiegħed li dan iċ-ċentru kien se jsir "is-sena d-dieħla". Aħna erba' snin ilu bdejna dan il-proġett u llum qegħdin nagħmlu l-finishings tiegħu. (Onor. Membri: Hear, hear) Dan il-Baġit ukoll qiegħed jalloka ammont ta' fondi għal dan il-proġett sabiex finalment inkunu nistgħu nagħtu dan iċ-ċentru lura lill-pubbliku u nkunu nistgħu nibdew nagħmlu użu minnu mhux biss aħna bħala Għawdxin, iżda possibbilment nibdew saħansitra nattiraw investiment ġdid minn barra billi nattiraw lil dawk li jkunu qegħdin ifittxu dawn it-tip ta' kumplessi tal-ogħla livell. Ta' min jgħid li dan il-proġett għandu footprint ta' xejn inqas minn 5,000 metru kwadru. Din tajjeb li nsemmiha għax il-kobor li jidher mill-faċċata ma jagħmilx ġieħ lill-kobor li hemm ġewwa, però matul il-ġranet u l-ġimgħat li ġejjin kulħadd se jkollu l-opportunità li jara dan iċ-ċentru minn ġewwa kif ukoll li jagħmel użu minnu.

Se nkomplu ninvestu fi proġetti sportivi kif għamilna tul din l-aħħar sena meta, fost oħrajn, għamilna investiment qawwi fuq il-grawnd tal-futbol tal-Qala bil-għan li nagħtu faċilitajiet mill-aqwa lill-isportivi tagħna. Wettaqna wkoll numru ta' proġetti kemxejn innovattivi. Pereżempju, permezz ta' investiment mill-Ministeru għal Għawdex u b'ħidma konġunta mal-Università ta' Malta waqqafna l-ewwel ċentru astronomiku nazzjonali li qiegħed jintuża mill-istudenti universitarji biex jgħinhom fl-istudji tagħhom. Jien nemmen li proġetti bħal dawn ikomplu jixprunaw iktar żgħażagħ sabiex jimirħu lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Sur President, ta' min isemmi wkoll li f'Ottubru, flimkien mal-Prim Ministru, inawgurajna l-klinika tad-dentistrija ġewwa Għajnsielem b'investiment ta' madwar €2 miljun. Għal darb'oħra l-ħidma biex tinfetaħ din il-klinika twettqet flimkien mal-Università ta' Malta, din id-darba flimkien mal-Fakultà tad-Dentistrija. B'hekk illum il-poplu Għawdxi għandu klinika mill-aqwa f'dak kollu li għandu x'jaqsam mas-saħħa tal-ħalq u tas-snien. Din il-klinika twaqqfet wara li riċerka li saret uriet li f'Għawdex hemm bżonn ta' iktar kura u interventi fil-komunità f'dan il-qasam. Għaldaqstant, minflok ma

qgħadna nħarsu lejn ir-rapporti u ftit wara tajniehom il-ġenb, bħalma forsi kien isir qabel, aħna assigurajna li f'Għawdex inwaqqfu klinika tad-dentistrija tal-ogħla livell.

Ta' min isemmi wkoll li permezz ta' din il-klinika, għall-ewwel darba studenti Maltin li waslu fir-raba' sena tal-istudji tagħhom fl-Università ta' Malta qegħdin jagħmlu l-prattika tagħhom ġewwa l-gżira ta' Għawdex. Din hija xi ħaġa importanti, u l-messaġġ huwa importanti wkoll. Apparti minn hekk, din il-klinika se tkun qed tagħti servizz kompletament ġdid lil kulħadd, mill-kbir saż-żgħir, u s-servizz qed jingħata permezz ta' apparat tal-ogħla livell. Iktar minn hekk ukoll se nkunu qed nassiguraw li tal-inqas darba fis-sena l-istudenti Għawdxin kollha jmorru f'din il-klinika sabiex isirulhom iċ-check-ups u l-interventi li għandhom bżonn.

Kif semmew il-kelliema ta' qabli, il-ġimgħa li għaddiet ftaħna ċentru tas-saħħa ġdid ġewwa r-Rabat, Għawdex, ċentru li jikkuntrasta bil-kbir ma' dak li kien hemm qabel, u dan bir-raġun għax ta' qabel kien ilu żmien hemm u l-area kienet żgħira. Ta' min jgħid li dan iċ-ċentru tas-saħħa l-ġdid jinsab bejn Pjazza San Franġisk u l-venda tal-karozzi tal-linja, jiġifieri qiegħed f'post ċentrali, u qed joffri madwar 12-il servizz ġdid li qabel kienu jingħataw biss fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Għaldaqstant, permezz ta' din il-viżjoni qegħdin inqarrbu l-professjonisti u s-servizzi offruti fil-qasam tas-saħħa u l-kura lejn il-komunità kemm jista' jkun. Din mhijiex l-ewwel darba li għamilna dan it-tip ta' investiment, jiġifieri dan mhuwiex xi investiment fl-arja.

Iktar minn hekk, ftit tax-xhur ilu flimkien mad-Deputat Prim Ministru u l-Ministru għas-Saħħa Chris Fearne ftaħna l-ewwel klinika fil-komunità ġewwa l-Għarb b'numru ta' servizzi ġodda, filwaqt li ftit tal-ġimgħat oħra se nkunu qegħdin nifitħu t-tielet klinika f'Għawdex, din id-darba ġewwa l-Qala. F'din il-klinika wkoll se jibdew jingħataw numru ta' servizzi ġodda, fosthom dawk relatati mal-kura tal-għajnejn. B'hekk qegħdin nuru bis-sħiħ li qed nifirxu l-importanza li għandha saħħitna għalina lkoll madwar Għawdex kollu, mil-Lvant sal-Punent u saċ-ċentru tal-gżira.

Nemmen li din il-ħidma se tkun qiegħda tħalli ħafna frott u ħafna iktar kumditā, b'mod partikolari għall-anzjani tagħna. Insemmi wkoll li f'Settembru li għadda nħareġ it-tender għall-MRI, li se jkun ifisser li fiż-żmien li ġej se naqtgħu darba għal dejjem il-ħtieġa li l-Għawdxin ikollhom joqogħdu jmorru Malta, xi kultant anke f'ħinijiet strambi, sabiex jagħmlu l-MRI. Naturalment dan għandu jnaqqas ukoll il-lista ta' stennija li hemm. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, għas-sena d-dieħla l-Ministeru għal Għawdex għandu allokati xejn inqas minn €8 miljun għall-infrastruttura tat-toroq madwar il-gżira. Matul is-sena 2023 il-Ministeru għal Għawdex kompla bl-impenn tiegħu li jtejjeb it-toroq arterjali sabiex jiffaċilita l-konnettività interna filwaqt li issa se jkompli bil-programm ambizzjuż li għandu għat-toroq arterjali u distributorji. Proprju ftit tal-ġimgħat ilu kellna l-opportunità li nosservaw l-użu li qed isir mil-links ġodda li saru bejn il-Port tal-Imġarr u n-naħa tal-Lvant tal-gżira, jiġifieri bażikament hawn qed nitkellmu dwar dawk it-toroq li mill-Port tal-Imġarr iwasslu għal Għajnsielem, għall-Qala u għan-Nadur.

Kien ilu żmien jinħass il-bżonn li jsiru tali interventi infrastrutturali, u għax ħdimna bil-għaqal irnexxielna nagħmlu dawn l-interventi mingħajr ma staġnajna dik il-parti. Għamilna, pereżempju, Triq iż-Żewwieqa fil-Qala, Triq Sant'Antnin f'Għajnsielem u Triq l-Imġarr, li minkejja d-diffikultajiet kollha li kellna niffaċċjaw biex nagħmluha, illum din it-triq li twasslek għan-Nadur hija monument infrastrutturali ġewwa Għawdex. Bħalissa qed isiru Triq il-Ħamri kif ukoll Triq it-28 ta' April 1688 ġewwa l-Qala, jiġifieri qed isir intervent b'saħħtu lejn in-naħa tal-Lvant tal-gżira. Madankollu m'aħniex se nieqfu hawn, Sur President. Tul din is-sena għamilna Triq l-Imgħallem, li tinsab fiċ-ċentru tar-Rabat, Għawdex kif ukoll numru ta' toroq oħrajn, fosthom Triq Ġużeppi Spiteri u Triq Sant'Antnin.

Apparti minn dan kollu, se nkunu qed nistudjaw kif nistgħu neliminaw jew innaqqsu t-traffiku miċ-ċentru tal-Belt Victoria. Ix-xogħol fuq Triq Ta' Wara s-Sur diġà nbeda, u issa kif inkunu neżlin lejn il-parti ta' isfel, proprju fejn jinsab il-bottleneck bejn Triq Ta' wara s-Sur, Triq l-Imgħallem u Triq Wied Sara, se nesproprjaw xi art u nagħmlu junction ġdida sabiex neliminaw dan il-bottleneck, li prattikament huwa l-kawża ta' ħafna mill-iġġammjar tat-traffiku li jkun hemm ġewwa l-Belt Victoria. Bħalissa x-xogħol

huwa miexi, il-permessi diġà qegħdin f'idejna, u se nkunu qed inwettqu dan il-proġett bil-għan li forsi neliminaw din il-problema tat-traffiku darba għal dejjem. Iktar minn hekk ukoll se nkunu qegħdin naħdmu fuq Triq Ġorġ Pisani, triq li se tkun qiegħda toffri link ġdida bejn l-inħawi fit-trufijiet tar-Rabat u Marsalforn u b'hekk se tkun triq essenzjali biex jitnaqqas it-traffiku miċ-ċentru tar-Rabat. Għalhekk huwa importanti li nassiguraw li din it-triq mhux biss se tkun qiegħda ssir, imma se tkun qiegħda ssir b'mod tajjeb.

Kif semmiet l-Onor. Abigail Camilleri, inbeda d-drafting tal-pjanti fir-rigward ta' Triq it-Tiġrija ġewwa n-Nadur u ta' Triq il-Qala ġewwa l-Qala għax bażikament dawn iż-żewġ toroq se jkunu l-link li tgħaqqad il-Qala man-Nadur. Triq il-Qala, li ilha ma ssir mis-snin sebgħin, tħalliet abbandunata u se nkunu aħna li nagħmluha kif suppost darba għal dejjem. (Onor. Membri: Hear, hear) M'aħniex se nieqfu hawn, u fil-fatt bħalissa għaddejjin ukoll bi pjanijiet sabiex nindirizzaw arterji oħra, fosthom dik it-triq li hemm bejn ir-Rabat u ż-Żebbuġ fejn ukoll hemm bżonn ta' intervent qawwi.

Sur President, ma nistgħux nitkellmu dwar l-investiment mingħajr ma nsemmu l-investiment li sar fuq il-fast ferry, li sal-ewwel sitt xhur ta' din is-sena ġarret xejn inqas minn 255,000 persuna. Minkejja l-ħafna diskorsi li smajna u minkejja li kien hemm min ipprova jiżra' d-dubji, dan il-Gvern dejjem baqa' jsib is-soluzzjonijiet. Filwaqt li għal ħaddieħor dan is-servizz ġie mwaqqaf, aħna ddeċidejna li nissussidjawh għax nemmnu li tali servizz huwa indispensabbli għall-gżira Għawdxija, u lanqas f'dan il-każ m'aħniex se nieqfu hawn. Wara s-suċċess li ksibna fil-konnettività permezz tal-baħar, fosthom bejn iċ-Ċirkewwa, il-Port tal-Belt u l-Imġarr Għawdex, se nkunu qed naraw kif nistgħu nkomplu nespandu l-konnettività u nkomplu nħarsu 'l quddiem.

Għaldaqstant, Sur President, bħalissa għaddejjin bi proċess mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex issir l-ewwel rural airfield fil-gżira Għawdxija. (Onor. Membri: Hear, hear) Hawnhekk ukoll, il-pjan hu li jsir kollox bi ħsieb, kif suppost u b'impatt minimu. Li kieku ridna, stajna nagħmlu airfield id-doppju jew it-tripplu ta' dik li qegħdin nipproponu, imma aħna ddeċidejna li nagħmlu l-affarijiet pass pass u b'mod limitat sabiex ma jkunx hemm impatti ambjentali fuq art agrikola. Għaldaqstant jien inħares 'il quddiem u nixtieq li s-sena d-dieħla mhux biss niksbu l-permessi neċessarji mill-Awtorità tal-Ippjanar iżda li din il-faċilità titlesta. Mingħajr faċilitajiet ma jistax ikollok opportunitajiet, u din il-faċilità, iktar minn kollox, se tagħti opportunità.

Biżżejjed ngħid li ġaladarba titlesta, din il-faċilità mhux biss se tkun qed tagħti opportunità ta' air travel bejn Malta u Għawdex imma se tkun qiegħda tagħti wkoll opportunitajiet oħrajn. Pereżempju, possibbilment din il-faċilità se tkun tista' toffri servizz tal-ajru bejn Għawdex u gżejjer jew pajjiżi oħra fil-Mediterran, imma iktar minn hekk din l-istess faċilità se tkun qed tattira lejha investiment ġdid lejn Għawdex, bħal drone testing, skejjel tal-bdoti u skydiving. Dawn huma kollha opportunitajiet li mingħajr din il-faċilità li qed insemmi ma nistgħux nattirawhom lejna.

Sadanittant, Sur President, irridu nibqgħu għaddejjin b'dawk il-proġetti li jolqtu lis-soċjetà b'mod iktar dirett, partikolarment lill-familji u lill-anzjani tagħna. Għaldaqstant, wara d-diversi intoppi li ltqajna magħhom tul is-snin fir-rigward tad-dar tal-anzjani "Dar San Ġużepp" u wara d-diversi battalji legali li kien hemm bejn diversi bidders, illum ix-xogħol ta' finishing fuq Dar San Ġużepp jinsab għaddej ġmielu u lill-kuntrattur għamilnihielu ċara li dan ix-xogħol irid jitlesta sa Marzu tas-sena d-dieħla. (Onor. Membri: Hear, hear) Ta' min jgħid li din id-dar tal-anzjani se tkun qed tospita fiha xejn inqas minn 120 resident. Issa żgur kulħadd jaf fejn tinsab din id-dar. Din hija sitwata f'post b'veduti mill-aqwa, mhux biss tat-triq prinċipali imma wkoll tal-baħar u tal-kampanja Għawdxija, jiġifieri m'għandix dubju li meta din id-dar titlesta se tkun dar tal-ogħla livell għal Għawdex.

Aħna qegħdin naħdmu anke f'dak li għandu x'jaqsam ma' akkomodazzjoni soċjali. Fil-fatt bdejna x-xogħol fuq blokk appartamenti f'Taċ-Ċawla, ir-Rabat. Ta' min jgħid li fi żmien tliet xhur lestejna l-kostruzzjoni ta' tmien appartamenti ġodda u bħalissa għaddejjin bil-finishing works. Qed nagħmlu wkoll xogħlijiet ta' upgrading fiż-żona tal-madwar. B'hekk qed insebbħu ż-żona ta' Taċ-Ċawla għar-residenti li jgħixu fiha u, apparti minn hekk, qed nagħtu lil tmien familji Għawdxin post ġdid fejn joqogħdu.

Ħaddieħor l-ewwel beda jikkritikana li domna ma bdejna dan il-proġett u mbagħad qalilna biex nagħmlu dan il-proġett ix-Xewkija, bħal dak li

qallu li kien se jagħmel xi differenza jekk minflok f'Taċ-Ċawla dan il-proġett kien isir fix-Xewkija! Il-verità hi dan huwa proġett li se jkun qed igawdi minnu kulħadd. Se jkunu qegħdin igawdu minnu r-residenti preżenti u se jkunu qegħdin igawdu minnu wkoll dawk it-tmien familji ġodda li, kif semmejt diġà, se jkunu qegħdin jingħataw post kull wieħed f'Taċ-Ċawla.

Sur President, l-Onor. Alex Borg ikkritika l-fatt li l-Iskola Primarja tar-Rabat, Għawdex ilha ħafna biex issir. Jien naqbel miegħu li din l-iskola ilha ħafna biex issir. Biss biss huma kienu ilhom 20 sena sħaħ iwiegħdu lill-Għawdxin skola primarja ġdida fir-Rabat! (Onor. Membri: Hear, hear) Qagħdu jwegħduhom, qagħdu jagħmlu l-pjanti, qagħdu jiddiskutu u l-Għawdxin baqgħu bla skola! Għall-kuntrarju, dan il-Gvern beda dan il-proġett u jinsab miexi b'ritmu tajjeb ħafna tant li sal-bidu tas-sena d-dieħla se nkunu qegħdin nagħtu lura lill-istudenti u lill-għalliema tagħna parti mill-middle school filwaqt li sas-sajf tas-sena d-dieħla se nkunu qegħdin nagħtu lura lill-istudenti u lill-għalliema tagħna skola ġdida fjamanta b'investiment ta' €21 miljun. (Onor. Membri: Hear, hear)

Għaldaqstant f'din iż-żona se jkollna kumpless edukattiv kbir b'childcare centre, skola primarja, middle school u sixth form sabiex b'hekk mhux biss inkunu qed naqdu l-esiġenzi edukattivi tar-residenti tar-Rabat imma wkoll ta' dawk kollha li jiffrekwentaw jew se jkunu qegħdin jiffrekwentaw din iż-żona. M'hemmx għalfejn ngħidu li dan huwa investiment edukattiv qawwi ieħor li qed isir proprju fiċ-ċentru ta' Għawdex. Dan apparti l-investiment kbir li sar u li għadu qed isir f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskola tan-Nadur, li wasalna fil-fażi finali tiegħu. Il-Kap tal-Oppożizzjoni kien qalilna li kulma qed nagħmlu hemmhekk kienet lagħqa żebgħa. Mela mhux lagħqa żebgħa! Staqsi lill-għalliema u lill-edukaturi l-oħra jekk saritx biss lagħqa żebgħa! Ix-xogħol li sar biex lill-istudenti tan-Nadur tingħatalhom skola ġdida kien jammonta għal €6 miljun, li nġabu minn fondi Ewropej. (Onor. Membri: Hear, hear)

Ta' min isemmi wkoll li wara d-diskussjonijiet li kellna, ma ħriġniex tifel wieħed minn dik l-iskola waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet għax għarafna nistrutturaw dawn ix-xogħlijiet. Ovvjament iltqajna ma' diffikultajiet, imma aħna wettaqna x-xogħlijiet li kien hemm bżonn fażi fażi sabiex b'hekk l-istudenti setgħu jibqgħu f'post sigur anke waqt li kienu qed isiru dawn ix-xogħlijiet. Issa llum qed naraw il-frott ta' din il-ħidma għax qegħdin nagħtu lil dawn l-istudenti kif ukoll lill-istudenti ta' għada skola tal-ogħla livell, kif wara kollox jixirqilhom.

Sur President, nixtieq insemmi wkoll li bħala Gvern bħalissa qegħdin inħejju għall-implimentazzjoni tas-Sustainable Urban Development Fund (SUD) bi €58 miljun f'fondi Ewropej. Din id-darba l-Gvern iddeċieda li jiddedika ring fence għall-gżira Għawdxija. Biex wieħed ikun jista' jifhem aħjar x'qiegħed ngħid, hekk kif matul is-seba' snin li għaddew kien hemm ammont ta' fondi Ewropej li ġew iddedikati biss għar-riġenerazzjoni tal-Belt Valletta, matul is-seba' snin li ġejjin għandna €58 miljun li se jkunu ddedikati biss fuq ir-riġenerazzjoni ta' Għawdex. (Onor. Membri: Hear, hear)

Għaldaqstant id-Direttorat responsabbli għaddej b'numru ta' laqgħat, ta' diskussjonijiet u ta' pjanijiet biex mhux biss jara kif se jintnefqu dawn il-fondi u liema proġetti se jkunu qed jikkwalifikaw għalihom, iżda sabiex jidentifika wkoll numru ta' fondi oħrajn, bħalma huma l-fondi soċjali, il-fond tal-iżvilupp rurali, il-fond tal-affarijiet marittimi u fondi li għandhom x'jaqsmu mal-politika agrikola komuni, bil-għan li finalment inkunu nistgħu nimplimentawhom wieħed wara l-ieħor. Ovvjament dan mhuwiex xi proċess faċli iżda huwa proċess li rridu nagħmluh, għax jekk verament irridu li Għawdex jibbenefika minn dawn il-fondi, irridu nkunu aħna stess, bħala Għawdxin, li naħdmu sabiex nutilizzaw dawn il-fondi.

Sur President, matul dan id-dibattitu smajna ħafna dwar l-iżvilupp sostenibbli, li huwa parti mill-istrateġija għal Għawdex. Ta' min jgħid li bħalissa anke l-Gozo Regional Development Authority (GRDA) għaddejja b'numru ta' diskussjonijiet kif ukoll qed tipprepara numru ta' papers f'dak li għandu x'jaqsam mal-policies tal-ippjanar sabiex, iktar minn kollox, tistabbilizza l-viżjoni li għandha din l-istrateġija, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-karatteristiċi arkitettoniċi, mal-ambjent urban u ma' kif wieħed jista' jibni mingħajr ma jieħu xejn lil ħadd, għax ejjew inkunu ċari, ħadd ma jieħu gost li xi ħadd inaqqaslu xi ħaġa. Għaldaqstant jien nemmen li d-deċiżjoni li għandha tittieħed hi dik li nesiġu li d-disinji, il-faċċati u l-bini jsiru kif suppost. Nemmen li se nkunu qegħdin naslu

wkoll sabiex naġġustaw u nemendaw skont il-bżonn.

Se nkomplu għaddejjin anke bl-implimentazzjoni tad-dwal tal-knejjes li għandna fil-gżira Għawdxija. Ftit tax-xhur ilu dawwalna l-Knisja ta' San Ġorġ ġewwa r-Rabat u l-Knisja ta' Ta' Kerċem, filwaqt li issa qed nistennew li jitlesta l-proċess sabiex inkunu nistgħu ndawlu anke r-rotunda tal-Knisja tax-Xewkija. Qegħdin indawlu l-knejjes kollha għax apparti li l-knejjes tagħna għandhom funzjonijiet reliġjużi, għandhom ukoll funzjoni kulturali. Dawn huma landmarks f'pajjiżna, u għaldaqstant huwa tajjeb li nilħqu ftehim mal-arċiprieti u mal-Kurja biex ninvestu bil-għan li dawn il-landmarks jiġu esposti aħjar.

Se jitkompla wkoll il-proċess tal-breakwater ta' Marsalforn. Forsi wieħed ma japprezzax il-proċess burokratiku li jeżisti sabiex isir intervent fil-baħar. Tħejjew ir-rapporti tal-environmental impact assessment (EIA) u issa qegħdin nistennew risposta min-naħa tal-awtorità responsabbli sabiex inkunu nistgħu mmexxu għall-permess.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-akkomodazzjoni għall-Għawdxin f'Malta, apparti s-sussidju li jingħata lil kull min jiddeċiedi li jistudja f'Malta, fosthom fl-MCAST, fl-Università ta' Malta u fl-ITS, qegħdin inwettqu diversi xogħlijiet f'Villa Lauri, li tinsab f'Birkirkara, sabiex noffru akkomodazzjoni alternattiva għal dawk l-istudenti Għawdxin li ma jaffordjawx ċerti kirjiet. Dan qed nagħmluh għax nemmnu li kemm bħala Gvern kif ukoll bħala Ministeru li jirrappreżenta lill-Għawdxin, għandna nkunu soċjalisti u ngħinu lil min verament ikollu bżonn. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, għal Għawdex it-turiżmu huwa wieħed min-niċeċ ekonomiċi ewlenin ta' din il-gżira, u għalhekk ta' min jgħid li fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena kellna żieda fin-numru ta' t-turisti li żaru Għawdex meta kkomparat man-numru ta' turisti li żaru lil Għawdex fl-2019, jiġifieri ma' dik is-sena ta' qabel il-pandemija tal-COVID-19. Nemmen illi l-viżjoni tagħna li nagħmlu lil Għawdex gżira ta' kull staġun qiegħda tħalli l-frott, mhux bħal għaxar snin ilu meta Għawdex kien imfittex biss matul ix-xhur tas-sajf. Għaxar snin ilu l-Maltin u t-turisti kienu jżuru Għawdex biss matul ix-xhur tas-sajf. Illum aħna bħala Ministeru qed ninvestu flimkien ma' diversi kunsilli lokali u NGOs sabiex norganizzaw numru kbir ta' attivitajiet.

B'hekk qed inħaddmu strateġija li biha qed noffru lil Għawdex bħala destinazzjoni naturali mhux biss għall-Maltin iżda anke għat-turisti li jżuru Malta. (Onor. Membri: Hear, hear) Fil-fatt fl-2022 il-viżitaturi li ġew mis-suq barrani u minn dak domestiku żdiedu b'16% meta kkomparat mal-2019. Apparti minn hekk, matul is-sena li għaddiet it-turiżmu f'Għawdex iġġenera €193 miljun, jiġifieri żieda ta' 27% meta kkomparat mas-sena ta' qabel, li €129 miljun minnhom intnefqu minn turisti barranin, jiġifieri mhux mill-Maltin li jżuru Għawdex u li huma dawk meqjusin bħala turisti domestiċi, iżda minn turisti li ġejjin minn barra. Dan ifisser li kull persuna li żaret Għawdex nefqet madwar €1,000 *per capita*.

Għaldaqstant, Sur President, dawn is-suċċessi ma jiġux b'kumbinazzjoni imma jiġu permezz ta' ħidma għaqlija u b'sinerġija min-naħa tal-Gvern, tal-privat u tal-assoċjazzjonijiet rispettivi li jkunu qegħdin jaħdmu għal dan il-għan. Żgur li dawn is-suċċessi ma jiġux mill-kritika mhux xierqa u popolista li ssir meta nkunu qegħdin inbeżżgħu lill-Maltin u lit-turisti bil-babaw biex innaffruhom milli jżuru l-gżira Għawdxija. Ovvjament il-ħidma f'dan ir-rigward trid tkompli għaddejja ħalli jibqa' jkollna iktar minn dawn is-suċċessi.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-impjiegi f'Għawdex, illum għandna l-inqas rata ta' qgħad fl-istorja. Għandna wkoll numru ta' inċentivi sabiex inkomplu ngħinu lill-operaturi jġibu iktar turisti lejn Għawdex. Se nkomplu ninvestu fi skemi promozzjonali u diġitali f'dak li għandu x'jaqsam ma' turiżmu avventuruż kif ukoll se nibqgħu ninvestu fl-upgrading tal-venues. Apparti minn hekk, se nkunu qed nitkellmu mal-Gozo Tourism Authority (GTA) sabiex nerġgħu nniedu l-iskema tal-Extended Stays in Gozo bil-għan li t-turiżmu f'Għawdex jibqa' għaddej b'saħħtu anke matul ix-shoulder months filwaqt li se nkunu qegħdin nerġgħu nġeddu u nsaħħu l-VisitGozo Brand permezz ta' iktar ftehimiet ma' online travel agencies u ma' travel-content creators sabiex inkomplu nattiraw lejn Għawdex turisti ta' kwalità.

Sur President, diġà kelli l-opportunità li nsemmi l-fatt illi l-qgħad f'Għawdex bħalissa huwa l-inqas li qatt rajna, u għaldaqstant fejn qabel dawk l-iskemi li jinċentivaw ix-xogħol kienu mmirati

sabiex dak li jkun jaqleb minn impjieg part-time għal full-time, illum se nkunu qegħdin nagħmlu l-emendi neċessarji sabiex mhux biss nimpjegaw iktar persuni full-time iżda naġġustaw ukoll tali inċentivi mas-salarji. Dan qed isir bil-għan li nibqgħu ninċentivaw pagi tajbin, pagi ta' kwalità u xogħol ta' kwalità ġewwa Għawdex stess. (Onor. Membri: Hear, hear)

Biżżejjed ngħid li minn 750 persuna tirreġistra għax-xogħol fl-2013, illum qegħdin nitkellmu fuq ċifra ta' madwar 60 persuna. Ovvjament l-inċentivi li ħloqna ħallew effett. Pereżempju, matul dawn l-aħħar erba' snin l-Employment Refund Scheme sostniet madwar 461 impjieg ġdid filwaqt li din is-sena biss għandna xejn inqas minn 194 applikazzjoni. Għaldaqstant irridu nibqgħu naħdmu sabiex nattiraw iktar impjiegi ta' kwalità. Spiċċa ż-żmien li l-ħaddiem jiġri wara x-xogħol għax illum ix-xogħol qiegħed jiġri wara l-ħaddiem, u issa rridu li jkun ix-xogħol ta' kwalità li jiġri wara l-ħaddiema. (Onor. Membri: Hear, hear)

Il-ġimgħa l-oħra kelli l-opportunità li nżur il-Gozo Innovation Hub flimkien mal-Ministru Miriam Dalli fejn hemmhekk, permezz ta' partnership bejn żewġ kumpaniji barranin u flimkien mal-Università ta' Malta ġie żviluppat l-ewwel ChatBot bil-Malti, li se jkun ta' għajnuna kbira għal diversi servizzi, fosthom għas-servizzi finanzjarji u bankarji. Dan iċ-ChatBot ġie żviluppat minn professuri Maltin fl-Università ta' Malta u minn żgħażagħ bid-Dottorat. Ta' min jgħid li dan l-investiment, li jammonta għal xejn inqas minn €3 miljun, għandu x'jaqsam mal-AI biex b'hekk bil-mod il-mod inkunu qegħdin ukoll nimxu għal tranżizzjoni ekonomika li tersaq lejn dawn il-mudelli ġodda.

Sur President, il-kelliema tal-Oppożizzjoni Għawdxin u anke Maltin iħobbu jpinġulna l-memorji ta' qabel l-2013 - jiġifieri ta' żmien GonziPN u ta' l-eks Ministru Giovanna Debono - bħallikieku dawn kienu xi storja minn dawk li naqraw lit-tfal qabel ma jorqdu! Però jien nieħu gost nismagħhom għax fl-aħħar mill-aħħar dawn ikunu qegħdin ifakkru lill-Għawdxin fejn konna dak iż-żmien u fejn aħna llum. Pereżempju, fl-2013 kien hemm 12,700 persuna Għawdxija taħdem mentri llum il-ġurnata din il-figura telgħet għal 20,000 persuna. Fl-istess perjodu kellna 10,000 persuna Għawdxija li taħdem f'Għawdex stess mentri llum din il-figura telgħet għal 15,600.

Fi żmien GonziPN kellna 6,500 persuna Għawdxija taħdem f'Għawdex mas-settur privat filwaqt li llum il-ġurnata din il-figura telgħet għal 11,600. Dak iż-żmien in-numru ta' Maltin li kienu jżuru lil Għawdex kien jammonta għal 186,000 u llum il-ġurnata għandna xejn inqas minn 331,000. Dan ifisser li llum Għawdex huwa l-għażla naturali tal-Maltin f'dak li għandu x'jaqsam ma' vaganzi. Ta' min jgħid ukoll li f'dak l-istess perjodu t-tkabbir ekonomiku kien jammonta għal 5.9% filwaqt li llum qed nitkellmu fuq tkabbir ekonomiku ta' 16.6%. Dak iż-żmien in-numru ta' persuni Għawdxin jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 750 persuna mentri llum dan in-numru niżel għal inqas minn 61 persuna. (Onor. Membri: Hear, hear)

Imbagħad xi ngħidu għall-assistenza soċjali? Il-Gvern Nazzjonalista kien jeċċella f'din l-assistenza għax dak iż-żmien kulħadd kien bir-relief! Biżżejjed ngħid li dak iż-żmien kien hemm 1,116-il persuna li kienu bir-relief, però llum il-ġurnata aħna rnexxielna nnaqqsu dan in-numru għal 345 persuna. (Onor. Membri: Hear, hear)

Ta' min jgħid ukoll li dak iż-żmien Għawdex kellu vot rikorrenti ta' €26 miljun meta llum dan kiber għal €64 miljun. Dak iż-żmien ukoll Għawdex kellu vot kapitali ta' €7 miljun filwaqt li llum dan kiber għal iktar minn €20 miljun. Għaldaqstant nista' nassigurakom li ħadd ma jrid idawwar l-arloġġ lura, u llum qegħdin nipprogressaw 'il quddiem pass wara pass għal riżultati aħjar.

Sur President, issa nixtieq indur biex nitkellem dwar l-ispazji ħodor. Bħalissa għaddejjin bix-xogħlijiet fuq Victoria Park, li se jkun qiegħed proprju fil-qalba tar-Rabat, Għawdex. Naturalment dawn it-tip ta' xogħlijiet jieħdu l-ħin tagħhom, però aħna rridu nassiguraw li jiġu implimentati. Hawnhekk qiegħed nirreferi għall-estensjoni ta' Villa Rundle u għaż-żona kollha fejn preżentement hemm il-parkeġġ, jiġifieri ħdejn il-venda, sabiex hemmhekk isir park b'options oħrajn f'dak li għandu x'jaqsam ma' parkeġġ, bħal ngħidu aħna taħt l-art jew inkella f'żoni oħrajn. Bħalissa qed naħdmu sabiex is-sena d-dieħla mmorru lil hinn mid-disinji u mill-konċetti astratti u nwettqu l-affarijiet b'mod iktar konkret.

Sur President, tul dawn l-aħħar snin rajna qabża kbira f'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet kulturali f'Għawdex. Se nkomplu naħdmu wkoll

f'dak li għandu x'jaqsam mal-Mużew ta' Għawdex b'allokazzjoni għall-istess mużew biex ix-xogħol jibqa' għaddej, xogħol li sab l-intoppi tiegħu wkoll minħabba sejbiet arkeoloġiċi. Però l-Gvern kien għaqli biżżejjed li jemenda d-disinji sabiex il-patrimonju li nstab ma jintilifx.

Se nkomplu għaddejjin anke bil-proġett tal-Ministeru għal Għawdex fejn se nagħmlu upgrading tal-uffiċini u tal-faċilitajiet kollha bil-għan li nipprovdu ambjent aħjar kemm lil dawk il-ħaddiema kollha li jaħdmu maċ-Ċivil kif ukoll lil dawk in-nies kollha li jiġu hemmhekk biex jinqdew mid-diversi servizzi li joffri dan l-istess Ministeru.

Fil-fatt, qabel ma nikkonkludi l-intervent tiegħi nixtieq nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lill-ħaddiema kollha tal-Ministeru għal Għawdex kif ukoll lil dawk il-ħaddiema li b'xi mod jew ieħor għandhom xogħol relatat ma' dan il-Ministeru. Nirringrazzjahom talli kull meta jkun hemm bżonn u kull meta jkun hemm a call of duty, dejjem issibhom hemm biex jagħtu l-pariri tagħhom u sabiex jimplimentaw il-politika tal-Gvern. (Onor. Membri: Hear, hear)

Dan huwa Gvern li jaħdem għal Għawdex mill-qalb. Dan huwa Gvern li jara li Għawdex ikun mutur ekonomiku sabiex ikollu l-inqas rata ta' qgħad fl-istorja filwaqt li jattira lejh numru rekord ta' viżitaturi. Dan huwa Gvern li jassigura kwalità ta' ħajja aħjar lil dawk kollha li jgħixu f'din il-gżira. Dan huwa Gvern li jagħti lill-familji iktar kontijiet tad-dawl u l-ilma sostenibbli. Dan huwa Gvern li jwettaq il-proġetti li jwiegħed u jagħti lura lin-nies l-aqwa infrastruttura, l-aqwa servizzi tas-saħħa, l-aqwa servizzi soċjali, l-aqwa benefiċċji għall-persuni b'diżabilità, l-aqwa pensjonijiet għall-anzjani, għajnuna bla preċedent liż-żgħażagħ, żieda fiċ-children's allowance u serħan il-moħħ lill-familji kif ukoll lin-negozjanti tagħna.

Sur President, aħna se nkomplu għaddejjin bir-ritmu li rnexxielna naqbdu tul dawn l-aħħar snin sabiex nibqgħu nagħtu rendikont lill-votanti u liċ-ċittadini tagħna kif ukoll lil pajjiżna b'iktar ħidma, b'iktar xogħol u b'iktar implimentazzjoni. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għal Għawdex hija konkluża. Il-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

*Fis-7.17 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għal Għawdex ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa ġew posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Insejjaħ lill-Ministru Clint Camilleri biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal għada t-Tlieta, 28 ta' Novembru 2023 fit-8.30 a.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**Is-Sittax-il Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Anzjanità Attiva**

Vot 45 - Ministeru għall-Anzjanità Attiva

Vot XXI - Ministeru għall-Anzjanità Attiva – Kapital

Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva għandha tieħu mhux iktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Ninforma wkoll lill-Kamra li din is-seduta għandha tkun mingħajr mistoqsijiet, u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Il-Kamra hija aġġornata għal għada t-Tlieta, 28 ta' Novembru 2023, fit-8.30 a.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mill-Ministru Clint Camilleri.

*Fis-7.19 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

**TAS-SLIEMA, IL-GŻIRA, SAN ĠILJAN - SANITÀ**

**11419. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il ġurdien mejjet inġabar mid-Dipartiment tas-Sanità minn tas-Sliema, San Ġiljan u l-Gżira, rispettivament għal kull lokalità, f'Mejju 2023?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**TAS-SLIEMA, IL-GŻIRA, SAN ĠILJAN - SANITÀ**

**11420. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il ġurdien mejjet inġabar mid-Dipartiment tas-Sanità minn tas-Sliema, San Ġiljan u l-Gżira, rispettivament għal kull lokalità, f'Ġunju 2023?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**TAS-SLIEMA, IL-GŻIRA, SAN ĠILJAN - SANITÀ**

**11421. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il ġurdien mejjet inġabar mid-Dipartiment tas-Sanità minn tas-Sliema, San Ġiljan u l-Gżira, rispettivament għal kull lokalità, f'Lulju 2023?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**TAS-SLIEMA, IL-GŻIRA, SAN ĠILJAN - SANITÀ**

**11422. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il ġurdien mejjet inġabar mid-Dipartiment tas-Sanità minn tas-Sliema, San Ġiljan u l-Gżira, rispettivament għal kull lokalità, f'Awwissu 2023?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**PARENTAL ALIENATION - KUMITAT TA' ESPERTI**

**11512. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'sar mill-kumitat ta' esperti biex jindirizza l-parental alienation, li ġie mwaqqaf minnu u mill-Ministru tal-Ġustizzja fl-2021?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** Il-kumitat ta' esperti biex jindirizza l-parental alienation li ġie mwaqqaf mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u mill-Ministru għall-Ġustizzja, fl-2021 lesta t-terminu tiegħu u minfloku nħatar kumitat ieħor fejn hemm rappreżentanti miż-żewġ Ministeri.

**ARRETRATI DOVUTI LILL-GVERN**

**11766. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamenti 11045, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, u jgħid kemm għandu jieħu flus f'arretrati l-Gvern sal-aħħar tas-sena l-oħra?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

**ANZJANI LI ĠEW INTERDETTJATI MILL-FAMILJARI TAGĦHOM MINĦABBA MARD MENTALI**

**11767. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamenti 11047, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva, u jgħid kemm hawn anzjani li ġew interdettjati mill-familjari tagħhom minħabba mard mentali jew mard ieħor, sena b'sena, mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**PJAN - BINI TA' DISTRIBUTION CENTRE ĠDIDA**

**11769. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid hemmx pjanijiet biex jinbena distribution centre ġdid? Jekk iva, tista' tgħid fejn ser ikun u kemm hi l-istima?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża):** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 11157, ninfurmah li l-aktar żewġ ċentri ta' distribuzzjoni li jinsabu avvanzati fl-ippjanar tagħhom huma dawk tan-Naxxar u tas-Siġġiewi. L-ewwel stimi proviżorji jindikaw li dak tan-Naxxar ser jiġi jiswa madwar €14-il miljun, filwaqt li dak tas-Siġġiewi huwa stmat li ser jiswa €18-il miljun.

**GĦOTI TA' FONDI GĦAL RESTAWR**

**11817. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11104, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10796, jista' l-Ministru jgħid matul l-2022 kemm ingħataw bħala għajnuniet, fondi għar-restawr tal-knejjes, djar antiki, ħitan tas-sejjieħ, mid-Direttorat tar-Restawr u jekk minn

fondi tal-Unjoni Ewropea taħt liema programm jaqgħu?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAD-DAWL

**11831. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 11127 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u tgħid x'inhi l-istima ta' telf għall-ekonomija tal-pajjiż minħabba l-qtugħ fil-provvista tad-dawl fl-aħħar erbat ijiem?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Fir-rigward tal-provvista tad-dawl u l-impatt tagħha fuq l-ekonomija tal-pajjiż, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-akbar telf u saħansitra staġnar fit-tul l-ekonomija tal-pajjiż iġġarrabhom meta l-prezzijiet tad-dawl, u anke tal-ilma, tal-gass, tad-diesel u l-petrol, jogħlew minn xahar għal xahar mingħajr l-ebda ħjiel ta' stabbiltà.

Il-Gvern preżenti dan għarfu sa mill-bidu nett u ħa deċiżjonijiet kuraġġużi biex, fost oħrajn, wettaq b'suċċess il-qalba mill-Heavy Fuel Oil għall-gass. Din il-qalba ma għenitx biss biex jitnaqqsu l-emissjonijiet iżda wkoll biex il-Gvern, kif kien wiegħed minn qabel, raħħas il-kontijiet tal-dawl, u anke tal-ilma, għall-familji u n-negozji kollha. Dan is-serħan il-moħħ li ġabet magħha l-politika tal-Gvern preżenti kkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-irkupru ekonomiku li pajjiżna tant kien jeħtieġ, u grazzi għal dawn id-deċiżjonijiet għaqlin, ilkoll kemm aħna stajna ngawdu minn stabbiltà ekonomika.

Aktar riċenti, hekk kif sab ma' wiċċu t-taqlib internazzjonali u l-kriżi li ġabet magħha l-gwerra fl-Ukrajna, l-Gvern reġa' aġixxa b'mod deċiżiv u mill-ġdid serraħ moħħ il-familji u n-negozji li l-prezzijiet tad-dawl, tal-ilma, tal-gass, tad-diesel u anke tal-petrol kienu se jibqgħu stabbli.

Bid-deċiżjoni li ħadna li nżommu l-prezz tal-enerġija stabbli, minn Ġunju 2021 sa Ġunju ta' din is-sena tajna aktar minn €766 miljun f'għajnuna għal dan is-settur. Fuq dawl biss, in-negozji u l-familji ffrankaw aktar minn €615-il miljun. Li ma kienx għal din il-politika ta' stabbiltà, kieku l-familji llum qegħdin iħallsu d-doppju f'kontijiet tad-dawl. Għalhekk li għas-sena d-dieħla qed nibbaġittjaw €350 miljun oħra biex inżommu l-prezzijiet tad-dawl, tal-fuel u taċ-ċilindri tal-gass stabbli.

Konna, għadna u se nibqgħu innovattivi, proattivi u deċiżivi. L-isfidi li qed iġġib magħha t-tibdil fil-klima u d-domanda dejjem togħla għall-elettriku, se nkomplu nindirizzawhom ukoll, kemm f'dik li hija ġenerazzjoni, kemm fid-distribuzzjoni u anke fejn tidħol l-affordabilità għall-konsumatur. Din hija ċ-ċertezza li f'dawn l-aħħar snin żammitna 'l bogħod minn telf ekonomiku jew saħansitra riċessjoni. Din hija ċ-ċertezza li kontinwament baqgħet tagħti lil pajjiżna stabbiltà ekonomika. Din hija ċ-ċertezza li tagħti s-serħan il-moħħ lill-poplu u n-negozji tagħna.

## ARRETRATI DOVUTI LILL-GVERN

**11836. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11045 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u jgħid kemm għandu jieħu flus f'arretrati l-Gvern sal-aħħar tas-sena l-oħra?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE

**12955. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali matul is-sena 2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Hemm bosta direttivi kif ukoll regolamenti tal-Unjoni Ewropea li l-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali jimplimenta

fil-funzjoni tiegħu ta' kuljum. Dawk id-Direttivi li kellhom data ta' skadenza għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali fis-sena 2023 u li ġew trasposti huma s-segwenti:

Direttiva (UE) 2022/738 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq.

Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/2407 tal-20 ta' Settembru 2022 li temenda l-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku li jkun sar.

Direttiva li għadha pendenti u li qiegħed isir xogħol ta' abbozzar fuqha sabiex tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali hija:

Direttiva (UE) 2021/2118 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2021 li temenda d-Direttiva 2009/103/KE dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà.

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE**

**12956. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża matul is-sena 2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE**

**12957. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali matul is-sena 2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ma kienx hemm direttivi li ġew trasposti fis-sena 2023 kif ukoll m'hemmx direttivi li jridu jiġu trasposti matul is-sena 2023.

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE**

**12958. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ matul is-sena 2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** Fis-sena 2023, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ ma kellu l-ebda Direttiva tal-Unjoni Ewropea li kellha tiġi trasposta fil-Liġi Nazzjonali u għaldaqstant ma hemm l-ebda Direttiva li hija pendenti.

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE**

**12959. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal matul is-sena 2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Il-Ministeru tiegħi m'għandux direttivi tal-Unjoni Ewropea li jridu jiġu trasposti fil-preżent u m'għandux direttivi li huma pendenti.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE

**12960. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur matul is-sena 2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur):** Ma kien hemm ebda obbligu li tiġi trasposta xi Direttiva fl-2023 dwar id-diżabilità.

Filwaqt li ninfurmah ukoll li d-Direttivi tal-UE li ġew trasposti matul l-2023 u dawk li għadhom pendenti biex jiġu trasposti din l-istess sena (iż-żewġ titoli EN & MT inklużi) min-naħa tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - ĦADDIEMA STAZZJONATI F'KEMMUNA

**13137. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu li huma stazzjonati f'Kemmuna u minn liema dipartiment ġejjin dawn il-ħaddiema? Jista' jgħid ukoll x'inhu x-xogħol ta' kull wieħed minn dawn il-ħaddiema f'Kemmuna matul is-sena u kemm minnhom huma ħaddiema tal-Gvern u kemm minnhom ma humiex ħaddiema tal-Gvern?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-Ministeru għal Għawdex għandu 18-il ħaddiem u Senior Foreman li jagħmlu xogħol ta' tindif fil-bajja ta' Santa Marija u fil-bajja tal-Blue Lagoon. Ix-xogħol huwa ta' Beach Cleaners. Minn dawn id-dsatax-il ħaddiem, disgħa minnhom huma Community Workers u l-oħrajn huma ħaddiema tal-Gvern.

## GĦAWDEX - AĠENZIJA MALTIJA GĦALL-IKEL

**13138. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li l-Ministeru tiegħu, permezz tal-Aġenzija Maltija għall-Ikel, jibda jopera s-suq tal-bdiewa ġewwa l-gżira ta' Għawdex fil-ġimgħat li ġejjin bħalma qed isir f'diversi postijiet f'Malta f'dawn l-aħħar snin?

**ONOR. ANTON REFALO:** Il-Malta Food Agency taċċetta kull talba li tiġi mill-kunsilli kemm Maltin u anke Għawdxin. Jekk il-proġett tal-Farmers Market ikun wieħed sostenibbli, dan ikun jista' jiġi organizzat bil-kollaborazzjoni tal-kunsill lokali rispettiv.

## TRIQ LI TWASSAL GĦALL-BAJJA TAL-ĦONDOQ - XOGĦLIJIET

**13139. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 3651 u 7574 li ngħataw fl-14 ta' Novembru 2022 u fis-17 ta' April 2023 rispettivament dwar x'qed isir fil-parti tat-triq li twassal għall-Bajja ta' Ħondoq li bdiet tisfronda, peress li din it-triq kien sar xogħol fuqha fi żmien il-Ministru preċedenti iżda ftit wara bdiet tisfronda, fejn ġie mwieġeb li x-xogħlijiet huma ppjanati li jsiru ladarba jiġi pproċessat it-tender, jista' l-Ministru jgħid jekk it-tender ġiex ipproċessat u jindika meta, bejn wieħed u ieħor, hu maħsub li jibda x-xogħol meħtieġ fuq l-imsemmija triq, x'se jkun jikkonsisti x-xogħol u kemm hu stmat li se jiġi jiswa?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** It-tender għall-bini mill-ġdid ta' din il-parti tat-triq qiegħda tiġi vvettjata u sussegwentement nistennew li tiġi ppubblikata.

## GĦAWDEX U KEMMUNA - TĦAWWIL TA' SIĠAR U ARBUXELLI

**13140. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid f'dawn l-aħħar għaxar xhur ta' din is-sena kemm intnefqu flus minn Project Green fi tħawwil ta' siġar u arbuxelli fil-gżira ta' Għawdex u fil-gżira ta' Kemmuna? Tista' tgħid

ukoll kemm tħawlu siġar u arbuxelli, ta' liema speċi u fejn tħawlu?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** F'Għawdex, Project Green hija involuta f'għadd ta' proġetti li anke jinvolvu t-tħawwil ta' bosta siġar u arbuxelli. Fost dawn hemm il-proġett propost mill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem fejn qed jiġu investiti kważi €600,000 b'finanzjament mill-Community Greening Grant. Proġett ieħor huwa dak tar-riġenerazzjoni ta' Ġnien il-Kunsill, fix-Xewkija fejn, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, se jinfetaħ l-ewwel ġnien carbon neutral f'Għawdex li fih se jintużaw teknoloġiji innovattivi li jiġġeneraw l-enerġija rinnovabbli. L-aġenzija se tkun qed twettaq ukoll r-riabilitazzjoni tal-Wied tal-Grixti kif diġà spjegajt fit-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet parlamentari 8151 u 9142.

Project Green qed tikkollabora mal-Ministeru għal Għawdex anke sabiex isiru investimenti konġunti f'aktar spazji miftuħa u proġetti ambjentali oħrajn madwar Għawdex li jagħmlu differenza pożittiva fil-lokalitajiet.

Fejn jirrigwarda Kemmuna, l-interventi ta' tħawwil ta' siġar u arbuxelli qegħdin isiru minn Ambjent Malta. Matul din is-sena, fuq din il-gżira s'issa tħawlu 1,400 siġra li jikkonsistu f'1,300 tal-ispeċi Pinus Halepensis, 50 tat-tip Vitex Agnus-castus u 50 Tamarix Africana.

## SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX – SEJĦA GĦAL EMERGENCY RESPONDERS

**13141. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għas-sejħa li ħarġet reċentement biex jiddaħħlu persuni fil-grad ta' Emergency Ambulance Responder Trainee/Emergency Ambulance Responder 1 at the Gozo General Hospital, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fil-ġimgħat li ġejjin kemm hemm ippjanati li jiddaħħlu ħaddiema f'dan il-grad skont il-capacity building?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ir-riżultat huwa validu għal sena u jidħlu skont l-esiġenza tas-servizz f'dan il-perjodu.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ĦADDIEMA SEKONDATI JEW ON LOAN

**13142. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 5397 u 7821 u jgħid kemm kien hemm u kemm hemm ħaddiema seconded jew on loan mal-Ministeru għal Għawdex, sena b'sena u xahar b'xahar mit-8 ta' Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid x'tip ta' xogħol qed jagħmlu mal-Ministeru għal Għawdex? Jista' jgħid x'kien ix-xogħol tagħhom (il-grad jew job description) u ma' liema Ministeru, entità, awtorità, korporazzjoni, aġenzija jew kumpanija tal-Gvern kienu jaħdmu qabel ġew seconded jew ġew on loan mal-Ministeru għal Għawdex?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Matul din il-leġiżlatura kien hemm total ta' erba' ħaddiema li ġew seconded jew on loan. Minn dan in-numru msemmi, attwalment hemm tliet ħaddiema. Aktar dettalji jinsabu fit-tabella li tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat- Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13262. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13263. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Tista' tgħid ukoll liema kienu u tagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13264. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13265. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti break down tagħhom?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13266. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti break down tagħhom?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13267. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, 2021 u 2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti break down tagħhom?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU: BAĠIT 2024 - SPIŻA FUQ REKLAMAR

**13550. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12904 u 13118, u jagħti rendikont totali tal-ispiża ta' reklamar u propaganda li saret mill-Gvern wara d-diskors tal-baġit, li sar nhar it-Tnejn 30 ta' Ottubru 2023, b'rabta mal-Baġit 2024?

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Mal-mument li jitħabbar il-baġit ikunu mnedija wkoll numru ta' servizzi biex il-pubbliku jkun mgħarraf dwar kif jista' jibbenefika mill-miżuri mħabbra.

Fost oħrajn titnieda linja tat-telefon (8007 2207) li mill-għada tal-baġit tibda tirċievi t-telefonati tal-pubbliku kif ukoll jitnieda s-sit elettroniku budget.gov.mt li għandu l-għan li jinforma lill-pubbliku bil-miżuri ewlenin. Għall-istess għan tintuża wkoll il-paġna tal-Gvern, MaltaGov.

Naturalment, dawn is-servizzi jridu jkunu reklamati.

Mill-mument li tħabbar il-baġit, kienu madwar 40,000 persuna li aċċessaw xi wieħed minn dawn is-servizzi msemmija.

L-iktar temi li dwarhom staqsew in-nies huma kif jidher hawn taħt.

• Iż-żidiet fil-pensjonijiet;
• L-allowance (€1,500 fuq tliet snin) għall-ġenituri li wliedhom jibqgħu jistudjaw;
• Il-mekkaniżmu addizzjonali tal-għoli tal-ħajja;
• Is-ceiling tal-pensjonijiet u l-miżuri biex jindirizzaw l-inġustizzja ma' dawk li twieldu qabel l-1962;
• Iż-żieda fiċ-children's allowance.

Għal din il-kampanja ta' informazzjoni hemm allokati €165,000.

## ĦAL QORMI: ĊENTRU TAS-SAĦĦA - XOGĦLIJIET

**13565. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jitlesta x-xogħol fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Il-pjan hu li x-xogħol fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi jitlesta fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla.

## BDIEWA REĠISTRATI

**13573. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tingħabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## ĦAL QORMI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**13574. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Qormi full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tingħabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## ĦAL LUQA – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**13575. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Luqa, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tingħabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## IS-SIĠĠIEWI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**13576. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti s-Siġġiewi, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tingħabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL - ĊENTRU TA' TAĦRIĠ

**13589. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min qiegħed imexxi ċ-Ċentru ta' Taħriġ ġewwa l-Faċilità San Vinċenz de Paul? Jista' jgħid ukoll kemm hemm persuni b'kollox li jaħdmu f'dan iċ-Ċentru?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għall-Anzjanità Attiva):** Fiċ-Ċentru tat-Taħriġ f'San Vinċenz de Paul hemm żewġ practice nurses li jmexxu d-Dipartiment. B'kollox hemm seba' impjegati jaħdmu f'dan iċ-Ċentru.

## FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL: ĊENTRU TA' TAĦRIĠ – KORSIJIET LILL-IMPJEGATI

**13590. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'korsijiet ġew offruti miċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-Faċilità ta' San Vinċenz de Paul lill-impjegati tal-Faċilità fis-snin 2021, 2022 u 2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

## FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL: ĊENTRU TA' TAĦRIĠ – KORSIJIET LILL-PUBBLIKU ĠENERALI

**13591. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'korsijiet ġew offruti miċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-Faċilità ta' San Vinċenz de Paul lill-pubbliku ġenerali fis-snin 2021, 2022 u 2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

## KUNSILLI LOKALI – RWOLI EŻEKUTTIVI

**13596. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm u liema huma l-kunsilli lokali u reġjuni li għandhom Aġent Segretarju Eżekuttiv? Jista' jgħid ukoll kemm hemm u liema huma l-kunsilli lokali u reġjuni li għandhom Deputat Segretarju Eżekuttiv? F'kull każ kemm ilhom f'din is-sitwazzjoni l-kunsilli lokali/reġjuni affettwati u meta hu mistenni li jimtlew il-vakanzi f'dawn il-lokalitajiet/reġjuni?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Fil-preżent hemm ħames kunsilli lokali li għandhom ingaġġati magħhom Aġent Segretarju Eżekuttiv u dawn huma: il-Fontana, l-Għasri, il-Kalkara, San Ġiljan u Ta' Xbiex.

Hemm tmien (8) kunsilli lokali li fil-preżent għandhom Deputat Segretarju Eżekuttiv ingaġġat magħhom u dawn huma: Il-Gżira, Ħal Luqa, il-Qrendi, Santa Luċija, Santa Venera, Tas-Sliema, Ħal Tarxien u x-Xewkija.

Finalment, filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella t'hawn taħt, ninfurmah li bħalissa għaddej proċess tal-għażla għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u dan mistenni jissokta fil-ġranet li ġejjin.

| Kunsill Lokali | Data ta' Bidu ta' Kariga tal-Aġent/Deputat Segretarju Eżekuttiv |
|---|---|
| Il-Fontana | It-Tnejn, 8 ta' Mejju 2023 |
| L-Għasri | Il-Ġimgħa, 14 ta' April 2023 |
| Il-Kalkara | It-Tnejn, 31 ta' Lulju 2023 |
| San Ġilian | It-Tlieta, 25 ta' Jannar 2022 |
| Ta' Xbiex | L-Erbgħa, 2 ta' Awwissu 2023 |
| Il-Gżira | It-Tlieta, 15 ta' Ottubru 2019 |
| Ħal Luqa | Is-Sibt, 7 ta' Mejju 2022 |
| Il-Qrendi | L-Erbgħa, 7 ta' Lulju 2021 |
| Santa Luċija | It-Tnejn, 20 ta' Novembru 2023 |
| Santa Venera | It-Tnejn, 2 ta' Lulju 2018 |
| Tas-Sliema | Il-Ġimgħa, 10 ta' Novembru 2023 |
| Ħal Tarxien | Il-Ħamis, 1 ta' Ġunju 2023 |
| Ix-Xewkija | It-Tnejn, 9 ta' Ottubru 2023 |

## APPLIKAZZJONIJIET GĦAL BINI TA' FAĊILITAJIET RELIĠJUŻI

**13597. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm hu n-numru ta' applikazzjonijiet għal bini ta' faċilitajiet reliġjużi, jew faċilitajiet ta' talb li jinsabu quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar bħalissa? X'tip ta' faċilità qiegħda tintalab minn kull applikazzjoni? F'liema lokalitajiet saru dawn l-applikazzjonijiet?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 13597, lista ta' applikazzjonijiet għal żvilupp li għadhom mhux deċiżi mill-Awtorità tal-Ippjanar, fejn il-proposta tal-iżvilupp provduta mill-perit fl-applikazzjoni tinkludi l-kliem: worship, prayer, church, chapel, mosque, talb, knisja, kappella, moskea tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti. Dan ifisser li jista' jkun hemm applikazzjonijiet oħra quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar għal faċilitajiet reliġjużi li mhux

inklużi fil-lista minħabba d-deskrizzjoni tal-iżvilupp li tkun intużat fl-istess applikazzjoni.

**SKEMI GĦAL RESTAWR TA' POSTIJIET STORIĊI**

**13598. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema skemi għal restawr ta' postijiet storiċi qed jiġu evalwati preżentement? Kemm kien hemm kunsilli lokali li applikaw għal tali skemi?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-iskema li biha d-diversi kunsilli lokali jipproponu fejn jixtiequ li d-Direttorat tar-Restawr u Preservazzjoni jagħmel restawr fil-lokalità tagħhom għas-sena li ġejja se tkun qed tiġi ċċirkolata mal-kunsilli lokali fil-ġranet li ġejjin, bl-evalwazzjoni mistennija li ssir fi Frar tal-2024.

**IMTIEĦEN TAD-DQIQ**

**13599. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' postijiet li fihom kien isir id-dqiq (flour mills) madwar Malta u Għawdex, bħalma kien hemm fix-Xemxija (niżla lejn il-Mistra), l/o San Pawl il-Baħar, u l-Palma, l/o Mġarr? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-imtieħen għadhom taħt il-management tal-Gvern, kemm minnhom għaddew għand il-privat u kemm minnhom għaddew għand xi għaqda volontarja?

**ONOR. OWEN BONNICI:** F'Malta u Għawdex insibu numru ta' mtieħen li fihom kien isir id-dqiq (underground flour mills), inkluż:

- Ix-Xemxija (1)
- L-Imġarr (2) – Ta' Mrejnu u San Martin
- Il-Mellieħa (1)
- San Ġwann (1)
- Is-Siġġiewi (Buskett) – (1- double mill)
- Ix-Xlendi (Il-Munxar) – (1)
- Ix-Xagħra (1) - Ta' Kola

Is-Sovrintendenza m'għandhiex informazzjoni rigward min hu/huma s-sidien ta' dawn l-imtieħen. Heritage Malta hi responsabbli mill-Mitħna ta' Kola.

**ĦADDIEMA BARRANIN**

**13600. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid minn liema pajjiżi ġew il-ħaddiema barranin li qed jaħdmu f'pajjiżna mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll f'liema industrija ta' pajjiżna jaħdmu u kemm persuni jaħdmu f'kull industrija?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**MARSAXLOKK – TRASPORT BIL-FREJGATINA**

**13601. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Avviż Legali 117/2014 hux qed jiġi applikat għat-trasport tat-turisti bil-frejgatina mill-Bajja ta' Marsaxlokk u jekk hux qiegħed jiġi infurzat fir-rigward tad-distanzi rikjesti bil-liġi?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

**MARSAXLOKK – TRASPORT BIL-FREJGATINA**

**13602. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li s-servizz tat-trasport għat-turisti bil-frejgatina mill-Bajja ta' Marsaxlokk jiġi organizzat aħjar biex jingħata dehra aktar kordinata tal-prodott turistiku Malti u lokali, inkluż billi dawn jinġabru f'postijiet apposta flimkien fil-bidu tal-bajja fejn jinġabru l-maġġoranza tat-turisti bħalma jsir fid-diversi lokalitajiet oħra f'Malta u barra minn Malta?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Għaddejjin diskussjonijiet mal-partijiet kollha konċernati sabiex bi qbil mal-operaturi kollha din iż-żona u dan is-servizz jiġi organizzat aħjar. Għal dan il-għan, l-Awtorità dwar it-Trasport ressqitilhom numru ta' proposti, miżuri u soluzzjonijiet bl-iskop li jingħata servizz professjonali kif xieraq.

**L-IMĠARR - SERVIZZ TA' NURSE U TABIB FIL-BERĠA**

**13603. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser jibda jingħata mill-ġdid is-servizz li kien mogħti qabel l-2020 fil-Berġa tal-Imġarr, darba fil-ġimgħa, fejn is-servizz ta' nurse u tabib kien jgħin fil-formolarju tar-riċetti tal-mediċini u kienu jingħataw servizzi oħra bażiċi fejn tidħol is-saħħa tar-residenti Imġarrin?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Is-sit fejn kienet il-Berġa tal-Imġarr m'għadux adattat għall-bżonnijiet tal-Primary HealthCare. Sakemm jiġi identifikat sit alternattiv, ir-residenti tal-Imġarr jistgħu jinqdew miċ-ċentri tas-saħħa tar-Rabat jew tal-Mosta. Jistgħu wkoll jagħmlu appuntament fi kwalunkwe klinika fil-komunità billi jċemplu 21231231 jew 21222444.

**L-IMĠARR – TRASPORT PUBBLIKU - ROTTA 238**

**13604. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2818, jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex infurmat li diversi drabi r-rotta 238 bejn l-Imġarr u l-Belt ma tgħaddix jew tiġi tard mill-ħin rikjest, bil-konsegwenza li l-istudenti jaslu tard jew anke saħansitra tilfu l-lezzjonijiet?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Minħabba x-xogħlijiet li għaddejjin fil-Mosta, ir-Rotta 238 qiegħda tgħaddi minn devjazzjoni. Din id-devjazzjoni qed twassal għal vjaġġ itwal bi 'l fuq minn żewġ kilometri (kull vjaġġ). Konsegwenza ta' dan qed jirriżulta li f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata, dawn il-vjaġġi jaslu tard fid-destinazzjoni tagħhom u allura jitilqu tard għall-vjaġġ ta' ritorn ukoll.

Madankollu tajjeb li nindika li minn stħarriġ li twettaq fuq perjodu ta' żmien, jirriżulta li r-reliability ta' din ir-rotta kien ta' 97.6%. Dan l-istħarriġ kien ibbażat fuq id-data tal-GPS li hemm fuq kull karrozza tal-linja.

**LESA – SERVIZZI LEGALI**

**13605. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min qed joffri servizzi legali lil -LESA u x'inhuma l-kundizzjonijiet/remunerazzjoni li tingħata għall-għoti ta' dawn is-servizzi legali?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

**KAŻ TA' INDIVIDWU - TRASFERIMENT**

**13606. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-mistoqsija 13370 u ġaladarba f'din il-mistoqsija qiegħed jintalab li jiġu mogħtija r-raġunijiet, jista' l-Ministru jgħid għaliex l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament tneħħa mill-kariga tiegħu u safa trasferit għal ministeru ieħor?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**TENDERS GĦAT TOROQ - DEADLINES**

**13627. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid mit-tenders li nħarġu u ġew awarded fis-sena 2022 biex toroq jinbnew mill-ġdid jew jiġi rranġat l-asfaltar u/jew is-servizzi tat-triq, f'kemm minn dawn inqabeż id-deadline stipulat sakemm tlestew u ġew iffinalizzati x-xogħlijiet, u f'kull każ jgħid b'kemm inqabeż?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Il-lista tal-kuntratti li ġew ikkuntrattati fl-2022 hija ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Sa issa l-ebda minn dawn ix-xogħlijiet ma jirriżultaw li qabżu d-data taż-żmien biex jitlesta x-xogħol.

**VETTURI ELETTRIĊI - MECHANICS/ELECTRICIANS**

**13628. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-

Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 13309 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid kemm hawn mechanics/electricians reġistrati li jaċċettaw xogħol ta' tiswija ta' vetturi elettriċi f'pajjiżna? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern huwiex imħasseb dwar il-possibbiltà li ma jkunx hawn biżżejjed mechanics biex ilaħħqu mad-domanda fil-futur qarib?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Sal-aħħar ta' Ġunju 2023 kien hawn 1,325 persuna jaħdmu bħala mechanics fuq bażi full-time u part-time bħala x-xogħol ewlieni tagħhom. Madanakollu, Jobsplus ma jkollhiex l-informazzjoni jekk dawn humiex mechanics li jaċċettaw xogħol ta' tiswija ta' vetturi elettriċi jew le.

**KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET – ĦIDMA ANNWALI**

**13632. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13431 u jipprovdi kopja tar-rapporti annwali dwar l-attivitajiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet matul l-2016-2022?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet ingħata funzjoni eżekuttiva minn Marzu 2023.

**KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET - LAQGĦAT**

**13633. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13432 u jipprovdi lista tal-laqgħat li saru tal-membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet għal kull sena għall-perjodu 2016-2023?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-Onor. Interpellant mitlub jikkjarifika hux qed jirreferi għall-Kunsill innifsu jew inkella għall-entità li bdiet topera matul din is-sena.

**KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET - MEMBRI**

**13634. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13433 u jipprovdi lista tal-membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet għal kull sena għall-perjodu 2016-2023 għal kull waħda mill-kategoriji li ġejjin:

• Rappreżentant mill-Università ta' Malta;
• Rappreżentant mill-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija;
• Rappreżentant tal-Jobsplus;
• Rappreżentant mill-Istitut għall-Istudji Turistiċi;
• Rappreżentant mill-Kamra tal-Kummerċ, l-Intrapriża u l-Industrija ta' Malta;
• Rappreżentant mill-Malta Enterprise;
• Rappreżentant tas-soċjetà ċivili;
• Rappreżentant minn fost speċjalisti tat-tagħlim tul il-ħajja;
• Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni;
• Erba' persuni oħra li għandhom kwalitajiet ta' tmexxija, u li jifhmu l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol fil-kuntest ta' soċjetà miftuħa, demokratika, ġusta, prospera u inklużiva?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

**KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET – RAPPREŻENTANTI TAS-SUQ TAX-XOGĦOL**

**13635. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13434 u jgħid kif il-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet jinvolvi rappreżentanti tas-suq tax-xogħol fl-ippjanar tal-preparazzjoni tas-suq tax-xogħol u liema rappreżentanti inkluda f'dan il-proċess mis-snin 2016 sal-2023?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Isiru diversi laqgħat mar-rappreżentanti tas-suq tax-xogħol. L-involviment tar-rappreżentanti tas-suq tax-xogħol huwa permezz ta' konsultazzjoni mill-qrib u kontinwa biex nixtarru l-isfidi kurrenti, niddiskutu l-kuntest lokali u Ewropew, nifhmu r-

riċerka x'inhi turi u nfasslu rakkomandazzjonijiet.

## PAYROLL TAL-GVERN U KUNTRATTURI

**13636. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13023, 13108 u 13427 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u lill-Prim Ministru rispettivament u jgħid in-numru ta':

1. Ċittadini Maltin li huma direttament fuq il-payroll tal-Gvern (is-setturi kollha tal-Gvern);
2. Ċittadini tal-Unjoni Ewropea li huma direttament fuq il-payroll tal-Gvern (is-setturi kollha tal-Gvern);
3. Ċittadini mhux tal-Unjoni Ewropea li huma direttament fuq il-payroll tal-Gvern (is-setturi kollha tal-Gvern);
4. Maltin li jaħdmu ma' kuntratturi li jipprovdu servizz lill-Gvern (settur Pubbliku u settur tas-Servizzi);
5. Ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jaħdmu ma' kuntratturi li jipprovdu servizz lill-Gvern (settur Pubbliku u settur tas-Servizzi); u
6. Ċittadini mhux tal-Unjoni Ewropea li jaħdmu ma' kuntratturi li jipprovdu servizz lill-Gvern (settur Pubbliku u settur tas-Servizzi)?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13735, ninfurmah ukoll li fis-Servizz Pubbliku hemm 248 ċittadin tal-Unjoni Ewropea u 531 ċittadin li mhumiex mill-Unjoni Ewropea , fil-maġġoranza assoluta tagħhom jaħdmu fl-oqsma tas-saħħa u l-kura tal-anzjani.
Fl-entitajiet li huma fid-dekasteru tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru hemm 1,021 ċittadini Maltin, erba' ċittadini tal-Unjoni Ewropea u persuna li mhix ċittadin tal-Unjoni Ewropea bħala ħaddiema.

Ir-responsabbiltà tal-ħaddiema li jaħdmu mal-kuntratturi li jipprovdu servizz lill-Gvern hija tal-istess kuntratturi.

## KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET – ĦIDMA ANNWALI

**13637. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13430 u jipprovdi kopja tal-pjanijiet ta' ħidma annwali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet għas-snin 2016-2023?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13436.

## AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT MALTI

**13638. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12980, 13203 u 13476 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12731, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-salarji, inkluż bonuses, allowances u perkaċċi oħra, li għandhom it-tmien impjegati tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta msemmija fl-istess tweġiba?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

## MONITORAĠĠ TA' PRINĠUNIERI

**13639. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13428, jista' l-Ministru jgħid għal kemm ammont kien dan id-direct order, u kemm tħallas s'issa?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-Aġenzija tħallas €361 għal kull brazzuletta fix-xahar. Dawn huma l-ħlasijiet li saru mis-sena 2019: 2019 - €55,700.59, 2020 - €75,722.29, 2021- €115,975.54, 2022 - €133,581.25, 2023 – sa Awwissu ta' din is-sena tħallset is-somma ta' €72,943.92. L-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi ħarġet tender CT2359/2022 - Service Tender for the Design and Build of an Electronic Monitoring System for the Correctional Services Agency fil-25 ta' Novembru 2022, dan sabiex tiġi

implimentata sistema li dwarha saret konsultazzjoni pubblika u ġie ppubblikat abbozz ta' liġi li jinsab fuq l-aġenda ta' dan il-Parlament.

## EKS MALTA SHIPBUILDING - KONĊESSJONI

**13642. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13543 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-konċessjoni għas-sit magħruf bħala l-eks Malta Shipbuilding fil-Marsa, li fl-2016 għadda mill-Malta Industrial Parks lil terzi?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li peress li l-kuntratt tal-konċessjoni għas-sit magħruf bħala l-eks Malta Shipbuilding fil-Marsa fih dettalji ta' persuni terzi, se nkun qiegħed ngħaddi kopja ta' dan il-kuntratt lill-Onor. Interperllant b'mod kunfidenzjali.

## CYBER BULLYING - ABBOZZ TA' LIĠI

**13643. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja: Fid-dawl tar-riċerka li turi li n-numru ta' persuni li jesperjenzaw bullying online huwa kbir u li dan il-fenomenu saħansitra qed iwassal għal suwiċidji f'ċerti każijiet, u fid-dawl li fil-leġiżlatura preċedenti kien tressaq abbozz ta' liġi li jagħmel is-cyber bullying reat speċifiku fil-Kodiċi Kriminali li jinkludi sanzjonijiet b'saħħithom, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jitressaq dan l-abbozz?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Għaddejjin diskussjonijiet inter-ministerjali f'dan ir-rigward.

## CYBER BULLYING - ABBOZZ TA' LIĠI

**13644. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Fid-dawl tar-riċerka li turi li n-numru ta' persuni li jesperjenzaw bullying online huwa kbir u li dan il-fenomenu saħansitra qed iwassal għal suwiċidji f'ċerti każijiet, u fid-dawl li fil-leġiżlatura preċedenti kien tressaq abbozz ta' liġi li jagħmel is-cyber bullying reat speċifiku fil-Kodiċi Kriminali li jinkludi sanzjonijiet b'saħħithom, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jitressaq dan l-abbozz?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## BUS SHELTERS

**13645. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13104 fejn ġejt infurmat li mis-sena 2023, il-bus shelters ġodda reġgħu waqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-kunsilli lokali skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.79 Ordni dwar delegazzjoni ta' funzjoni lil Kunsilli Lokali (Bus Shelters), jista' l-Ministru jgħid kemm saru bus shelters għal kull lokalità separatament mill-bidu ta' din is-sena sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni rikjesta qed tinġabar.

## IŻ-ŻEJTUN, ĦAL GĦAXAQ, MARSAXLOKK U WIED IL-GĦAJN – PROĠETTI MINN INFRASTRUCTURE MALTA

**13646. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid xi proġetti saru minn Infrastructure Malta fil-lokalitajiet taż-Żejtun, Ħal Għaxaq, Marsaxlokk u Wied il-Għajn separatament, mill-bidu tas-sena 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll xi proġetti hemm ippjanati f'dawn l-istess lokalitajiet?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Fiż-Żejtun, Ħal Għaxaq, Marsaxlokk, u Wied il-Għajn, mill-bidu tal-2022 sal-lum, twettqu dawn ix-xogħlijiet: Triq il-Qattus, Għaxaq, Triq Dun V. Scicluna Hernandez, Għaxaq, Triq Tgeżwira, Għaxaq, Trejqet Santu Kristu, Għaxaq, Triq Wied Ħas Saptan/Sqaq il-Pont/Trejqet R Dimech, Għaxaq, Triq Connaught/ Triq il-Kantur/ Triq Kamumilla/Ta' Ganza Area, Żejtun, Triq il-Ġiebja Rumana, Żejtun, Triq il-Wilġa/Triq Santa Katerina, Marsaxlokk, Triq il-Kajjik/Triq iċ-Ċippi Maraxlokk, triq alternattiva lejn Delimara,

Xatt il-Batterija ta’ Riħama Wied il-Għajn, Triq San Nikola, Triq id-Difiża Kostali, Wied il-Għajn, Misraħ is-Suq, Żejtun, Triq Dun Ġużepp Demicoli, Għaxaq, Trejqet ir-Rummien and PO Triq il-Bwar, Għaxaq, Triq San Piju X/Triq San Profilju/, Triq Santa Fawstina/Triq Santa, Monika/Triq San Ġużepp/Triq Beland Żejtun, Triq Delimara Marsaxlokk, it-triq li tagħti lejn il-kamra tan-nar Santa Katerina, Marsaxlokk, Triq Mons. Cachia Abela.

Din hija l-lista ta’ toroq li l-kunsilli lokali msemmija pproponew lil Infrastructure Malta biex iwettqu xogħlijiet infrastrutturali fihom: Tal-Barrani Junction; Trejqet Ir-Rummien u P/o Triq Il-Bwar /Triq Il-Gebelin /Triq Dwardu Buttiġieġ /PO Triq Dun Ġużepp Demicoli/Triq IĠĊ-Ħareb/ Triq Iċ-Ċimiterju/Triq Id-Dejl/Triq Il-Bizzilla/Triq Rebbiegħa/Triq Napuljun Caruana Dingli/Triq Santa Tereża/Alleys - Set 1/ Vjal Il-Labour, Għaxaq. Misraħ Santa Marija/Triq Żebbuġ u Triq ir-Remissi/Triq Santa Cecilia/Misraħ Pizzuto/Wesgħet Ġużeppi Pulis Montebello/Triq Wied Il-Għajna/Triq Mons Cachia Abela/ Triq San Duminku/Triq Il-Qadi/Triq Id-daħla ta San Tumas/ Xeħt il-Forom/ Triq Dun Mikiel Cassar/Triq San Alfonsu/Triq Sant Anġlu/ Misraħ Mikiel Anton Vassalli/Sqaq Tal-Usif Nru 1, Żejtun. Triq 8 ta' Mejju /Triq San Frangisk/Triq Santa Katerina/Triq Il-Galjazz/Triq Lepanto/Triq Il-Felukka/Triq Arznell/Triq Trunċiera/Triq Bir Rikka u Tas-Silġ, Marsaxlokk; Triq l-Iskal/Triq Il-Gross/Triq Salvu Buħaġiar/Triq Is-Silla/Triq Il-Gramastri/Triq San Nikola/P/o Santa Marija/Triq l-Artillieri/Triq Il-Bajja/p/o Triq La Sengle/Triq Vajrita, Marsaskala.

**GĦAWDEX – INĦAWI TAL-ĠGANTIJA – APPLIKAZZJONI GĦALL-PERMESS TA’ BINI**

**13647. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet varji li qed isiru rigward il-pożizzjoni tal-awtoritajiet konċernati rigward l-applikazzjoni għall-permess tal-bini PA 570/21 ġewwa l-buffer zone tas-sit ta' Patrimonju Dinji tal-UNESCO tal-Ġgantija, jista’ l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Minuti kollha tal-Kumitat Tekniku Nazzjonali tal-Wirt Dinji rigward dan il-każ matul is-snin 2022 u 2023?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Waqt li napprezza l-ispirtu li bih l-Onor. Interpellant qed titlob kopja ta’ dawn il-minuti, irrid ninformaha li anke konformi ma’ diversi risposti li ngħataw matul is-snin minn ministri varji tad-diversi amministrazzjonijiet b'referenza għal talbiet li setgħu saru dwar pubblikazzjonijiet ta' minuti ta' bordijiet varji (mhux neċessarjament dan il-kumitat), ir-risposti kienu fis-sens li n-natura ta' dan it-tagħrif mhijiex waħda pubblika.

**MUŻEW MARITTIMU - RESTAWR**

**13648. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid fiex wasal ir-restawr fil-Mużew Marittimu u kemm fadallu biex ikun lest?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-proġett tal-Mużew Marittimu jinsab qrib it-tlestija tal-ewwel fażi tiegħu, liema fażi kienet kofinanzjata minn fondi Norveġiżi (EEA Funds). Il-ftuħ mill-ġdid ta’ din il-parti tal-Mużew Marittimu hu ppjanat għall-ewwel kwart tas-sena 2024.

Intant, l-implimentazzjoni tal-fażijiet l-oħra li qed jiġu finanzjati minn fondi nazzjonali jinsabu fi stadju avvanzat ta' disinn.

**SAN PAWL TAT-TARĠA – TORRI TAL-KAPTAN**

**13649. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid-dawl illi t-Torri tal-Kaptan f’San Pawl tat-Tarġa, l-ewwel fortifikazzjoni tal-Kavallieri barra n-naħat tal-port, huwa fil-periklu li jaqa’ u wkoll jagħmel parti mill-Inventarju Nazzjonali tal-Patrimonju Kulturali, jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb jew deċiżjonijiet li jridu jiġu meħuda biex dan l-imsemmi torri jiġi ppreservat mill-elementi biex ma jkomplix jaqa’ u mbagħad jiġi kkonservat u rrestawrat ukoll?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Heritage Malta għamlet talba formali sabiex it-Torri tal-Kaptan jgħaddi fil-kustodja tagħha, liema talba ġiet riferuta lill-Awtorità kkonċernata.

Saru wkoll taħdidiet bejn Heritage Malta u l-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar din il-binja.

Għar-rigward tal-bqija tal-proċess rigwardanti tali talba, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

### TAL-ĦANDAQ: KULLEĠĠ TA' SAN INJAZJU - XOGĦLIJIET

**13651. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu x-xogħlijiet biex l-iskola medja u l-iskola sekondarja tal-Ħandaq li jagħmlu parti mill-Kulleġġ ta' San Injazju jkunu mgħammra bl-apparat tal-arja kkundizzjonata?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

### SHELTERED HOUSING - PROĠETTI

**13652. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid xi proġetti għandu bħala sheltered housing sabiex jgħinu lill-anzjani li jgħixu fil-komunità?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet bejn l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u l-Awtorità tad-Djar.

### SKEMA CARER AT HOME

**13653. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn anzjani f'Malta u f'Għawdex li għandhom carer id-dar u li qed jagħmlu użu mill-Iskema Carer at Home? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-carers huma Maltin jew Għawdxin u kemm minnhom huma barranin?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** In-numru ta' anzjani f'Malta u Għawdex li għandhom carer id-dar u qed jagħmlu użu mill-Iskema Carer at Home huwa ta' 842.

In-numru ta' carers Maltin u Għawdxin huwa ta' 57 filwaqt li n-numru ta' carers barranin huwa ta' 785.

### CARERS - KWALIFIKI

**13654. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kwalifiki li għandu bżonn carer sabiex jiġi ngaġġat bħala carer id-dar u l-anzjan ikun jista' jibbenefika mill-benefiċċju għall-Iskema Carer at Home? Jista' jgħid ukoll x'ekwivalenza hija meħtieġa meta l-kwalifika tkun ottenuta minn barra minn Malta?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-kwalifiki li għandu bżonn carer sabiex jiġi ingaġġat bħala carer id-dar u l-anzjan ikun jista' jibbenefika mill-benefiċċju għall-Iskema Carer at Home jrid ikun ta' livell MQF livell 2 jew aħjar, f'caregiving.

Meta l-carer ikun kwalifikat minn barra minn Malta nitolbu ċertifikat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni MQRIC li jirrikonoxxi l-kwalifika ta' barra minn Malta u trid tkun ta' livell MQF 2 jew aħjar.

### RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – HYDROPOOL

**13659. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-hydropool li nfetħet fir-Residenza San Vinċenz de Paul f'Novembru 2021 ilhiex magħluqa sena minħabba ħsara? Jista' jgħid ukoll x'inhi din il-ħsara u meta hemm il-ħsieb li terġa' tinfetaħ?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Fis-sezzjoni tal-idroterapija hemm żewġ pixxini, waħda kbira u waħda żgħira. Bħalissa l-kbira qed tintuża u m'hemm ebda ħsara fiha. Il-pixxina ż-żgħira ilha wieqfa minn Frar ta' din is-sena għaliex kien hemm nixxija tal-ilma. Saru x-xogħlijiet kollha meħtieġa, inkluż it-tibdil tal-liner fil-balance tank, tiswija tan-nixxiegħa u l-pjan huwa li terġa' tibda tintuża fil-ġranet li ġejjin.

### RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – HYDROPOOL – LISTA TA' STENNIJA

**13660. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni fuq il-lista ta' stennija għall-użu tal-hydropool fir-Residenza San Vinċenz de Paul?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Bħalissa hemm erba’ persuni fuq il-lista ta’ stennija.

**RAPPORTI DWAR KAŻIJIET TA’ VIRGINITY TESTING**

**13661. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta’ każijiet ta’ virginity testing f’Malta f’dawn l-aħħar għaxar snin? Lil min saru dawn ir-rapporti? X’azzjoni ttieħdet fuq dawn ir-rapporti?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sal-lum dan l-att ma kienx illegali, u għaldaqstant informazzjoni ta' dan it-tip ma tinżammx. Huwa l-pjan tal-Gvern li jressaq abbozz ta’ liġi li jikkriminalizza l-ittestjar tal-verġinità.

**KONFERENZA NAZZJONALI DWAR IS-SOCIAL WORK – ATTENDENZA**

**13662. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Fid-dawl li nhar il-Ħamis, 9 ta’ Novembru 2023, id-Dipartiment tal-Politika u l-Ħidma Soċjali fl-Università ta’ Malta organizza Konferenza Nazzjonali dwar is-Social Work, f’għeluq l-għoxrin sena mit-twaqqif tad-Dipartiment u peress li numru ta’ social workers impjegati mal-Fondazzjoni għall-Ħarsien Soċjali kellhom jieħdu ġurnata leave biex attendew għal din il-konferenza għax il-Fondazzjoni ma kkunsidratx din il-konferenza bħala importanti biżżejjed biex tkun ikkunsidrata bħala ġurnata ta’ xogħol, jista’ l-Ministru jgħid kemm kien hemm impjegati tal-Fondazzjoni li ngħataw permess biex jattendu din il-konferenza bħala ġurnata ta’ xogħol u kemm kien hemm li kellhom jieħdu ġurnata leave biex jattendu għal din il-konferenza? Jekk il-Ministru jirriżultalu li l-Fondazzjoni għamlet distinzjoni bejn min seta’ jattendi l-konferenza bħala ġurnata ta’ xogħol u min kellu jieħu ġurnata leave, jista’ jgħid xi kriterji ntużaw biex saret din id-distinzjoni?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Fid-data msemmija ma saret l-ebda Konferenza Nazzjonali kif qed jingħad mill-Onor. Interpellant imma Konferenza bit-titlu ta’: Sharing the Social Work Journey: From education to practice, together. Screenshot minn web page, li juri li mkien ma kien qiegħed jindika li din kienet Konferenza Nazzjonali, tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta’ Karti.

Ma kien hemm l-ebda talba minn l-ebda impjegat/a sabiex jingħatalhom permess sabiex jattendu din il-konferenza b’mod li din ma titnaqqasx mill-vacation leave tiegħu/tagħha. Lanqas ma kien hemm xi talba uffiċjali minn xi entità biex min ried jattendi jingħata permess li jattendi b’dan il-mod. Kull min attenda għamel hekk fuq l-inizjattiva tiegħu/tagħha.

Li kieku kien hemm talba f’dan is-sens, il-management kien jikkunsidraha favorevolment.

Attwalment, l-FSWS taf biss b’erba' (4) ħaddiema soċjali li infurmaw lill-management li kienu se jattendu għal din il-konferenza. Waħda infurmat lid-Direttur tagħha li ġiet mistiedna biex tieħu sehem f’wieħed mill-panels, u għal dan żgur ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni. It-tlieta l-oħra talbu li r-registration fee għall-parteċipazzjoni tagħhom titħallas mill-Continuous Professional Development Allowance (CPD) tagħhom kif huma intitolati bil-ftehim kollettiv. Tajjeb li jingħad li din is-CPD allowance ġiet introdotta fil-ftehim kollettiv proprju għal avvenimenti bħal dawn, u dan għax nemmnu bis-sħiħ fit-taħriġ kontinwu tal-ħaddiema soċjali u l-professjonisti l-oħra fi ħdan l-FSWS sabiex ikomplu jtejbu l-ħiliet tagħhom.

**BREAST SCREENING – INVITI LIL NISA**

**13663. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, sena b’sena, mill-2009 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm ħarġu inviti biex nisa jagħmlu l-breast screening? Jista’ jgħid ukoll kemm minnhom aċċettaw l-istedina u għamlu t-testijiet tal-breast bcreening? X’kienet l-età ta’ dawn in-nisa?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba minnha tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| SENA | NISA LI ATTENDEW |
|---|---|
| Ott – Diċ 2009 | 654 |
| 2010 | 5, 690 |
| 2011 | 5, 385 |
| 2012 | 5, 594 |
| 2013 | 7,169 |
| 2014 | 9, 072 |
| 2015 | 11,524 |
| 2016 | 9,224 |
| 2017 | 13,190 |
| 2018 | 13,772 |
| 2019 | 13,293 |
| 2020 | 7,287 |
| 2021 | 12,702 |
| 2022 | 11,645 |
| 2023 ( Jan – Ott) | 11,448 |

## BREAST SCREENING – LISTA TA' STENNIJA

**13664. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm nisa jistennew biex jirċievu invit biex jagħmlu t-testijiet tal-breast screening?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** bħalissa qegħdin jintbagħtu appuntamenti lin-nisa li twieldu fl-1972 u fl-1973. Għad fadal 2,682 persuna li twieldu fl-1972 u 4,001 persuna li twieldu fl-1973.

## MEDITERRANE FILM FESTIVAL: THE GOLDEN BEE AWARDS – KIRI TA' DGĦAJSA LUSSUŻA

**13707. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12110, 12431, 12666, 12997, 13195 u 13464 u jgħid x'kien l-iskop tal-luxury boat li abbord tagħha kien hemm VIPs u li ttieħdu fuq Manoel Island għal gala night tal-Mediterrane Film festival: The Golden Bee awards? X'inhu l-isem tad-dgħajsa u ta' min hi? Jista' jgħid ukoll kemm ġie jiswa l-pontoon li nbena f'Manoel Island biex tkun tista' tittrakka l-luxury boat biex jitniżżlu l-VIPs u min ħallas għal dan il-pontoon? Jista' jgħid kemm ġiet tiswa l-luxury boat b'kollox u jagħti l-lista tal-mistednin VIP li kienu fuq din id-dgħajsa?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

## MEDITERRANE FILM FESTIVAL – ATTENDENZA GĦALL-ISCREENINGS

**13708. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10816, 11081, 12109, 12430, 12665, 12996, 13194 u 13465 u jgħid kemm persuni bbukkjaw biex jaraw l-iscreenings li ntwerew waqt il-Mediterrane Film Festival fi Spazju Kreattiv, fl-Embassy u fl-Eden Cinema, u kemm minnhom attendew u raw kull screening?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

## QTUGĦ TA' DAWL - TALBIET GĦAL KUMPENS

**13711. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13475 dwar il-kumpens *ex gratia* li qed jingħata lil min sofra qtugħ ta' dawl fit-tul f'Lulju 2023, u abbażi tal-kriterji li saret referenza għalihom fl-istess tweġiba, tista' l-Ministru tgħid għalfejn l-applikazzjoni għal kumpens tar-residenti tal-appartamenti li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament ġiet rifjutata meta jien infurmat li dawn ġarrbu qtugħ ta' dawl għal ħamest ijiem infila, għal tul ta' tmien sigħat, 12-il siegħa, għaxar sigħat, għaxar sigħat u sitt sigħat kull darba?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-konsumaturi kollha li ma jaqblux mad-deċiżjoni li rċevew mill-Enemalta għandhom jagħmlu kuntatt permezz tal-freephone 80002024 sabiex l-applikazzjoni tagħhom terġa' tiġi analizzata.

## EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI

**13728. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk intnefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-eks Malta Shipbuilding jiġi ppreparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk

iva, jista' jagħti lista tal-ammonti kollha li ntnefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**13729. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk intnefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-eks Malta Shipbuilding jiġi ppreparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntnefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Min-naħa tal-Ministeru jew l-entitajiet li jaqgħu taħtu ma ntnefqu l-ebda flus pubbliċi biex is-sit tal-eks Malta Shipbuilding jiġi ppreparat biex jospita konferenzi u fieri.

**RAĦAL ĠDID: TRIQ L-ARKATA – INFURZAR TAS-SINJALI TAT-TRAFFIKU**

**13730. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13537, peress li jidher li s-sinjali tat-traffiku ma humiex biżżejjed u qegħdin jiġu injorati, sal-fatt li hemm nies li qed jispiċċaw isewwu l-gallarija kull ġimgħa, jista' l-Ministru jara li jsir ukoll infurzar b'uffiċjali ta' Transport Malta? Jista' wkoll jikkonferma li kif jgħid is-sinjal, vetturi ogħla minn 2.5 metri ma jistgħux jitilgħu minn dik it-triq lanqas biex jagħtu servizz, u mhux kif ta x'jifhem fit-tweġiba tal-mistoqsija oriġinali? Jista' jistudja l-possibbiltà li tiġi installata xi forma ta' struttura li tillimita l-għoli tal-vetturi kif sar fid-daħla tal-mina ta' taħt ir-runway tal-Airport fit-22 ta' Novembru ta' din is-sena?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nikkonferma lill-Onor. Interpellant li vetturi ogħla minn 2.5 metri ma jistgħux jitilgħu minn toroq fejn hemm din il-limitazzjoni, però kif diġà indikajt fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13537, is-sinjal tat-traffiku f'dan il-post mhuwiex standard u Transport Malta qed tieħu l-azzjonijiet neċessarji sabiex dawn jinbidlu.

Fir-rigward tal-istruttura li qed jipproponi l-Onor. Interpellant, la hu prattiku u wisq anqas sigur li jitwaħħlu tali strutturi f'nofs ta' triq. Mill-banda l-oħra għandu jkun hemm osservanza tas-sinjali tat-traffiku u għaldaqstant nikkonferma li l-Awtorità għat-Trasport ser tkun qed twettaq aktar sorveljanza f'din iż-żona.

**IL-PIETÀ U L-FLORIANA: MASĠAR – SIĠAR IMMARKATI BL-AĦMAR**

**13731. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid għalfejn numru ta' siġar fil-masġar li jinsab fit-telgħa ta' bejn il-Pietà u l-Floriana ġew immarkati b'ċirku aħmar?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Mill-verifiki li saru l-marki li qed jirreferi għalihom l-Onor. Interpellant ma sarux minn xi entità jew dipartiment tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża. Ukoll, għand l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi ma daħlet l-ebda applikazzjoni li setgħet wasslet biex isiru l-marki msemmija. Madankollu tlabt lill-istess Awtorità sabiex tkompli għaddejja bil-verifiki tagħha.

**PROJECT GREEN – PROĠETTI**

**13732. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tipprovdi lista tal-proġetti li saru minn Project Green flimkien man-nefqa kapitali ta' kull proġett u d-data li fiha ġie inawgurat?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni qed tinġabar.

**UŻU TA' ENERĠIJA RINNOVABBLI**

**13733. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm l-enerġija rinnovabbli preżentement qed tikkontribwixxi mit-total ta' enerġija li tiġi prodotta f'pajjiżna f'punti perċentwali? Tista' tgħid ukoll liema enerġija rinnovabbli tintuża?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Għall-2021, l-ammont ta' enerġija rinnovabbli kien ta' 12.15%, hekk kif irrappurtat mill-Eurostat. Dan il-perċentwal huwa magħmul minn sorsi li jiġġeneraw elettriku rinnovabbli bħal pannelli tax-xemx u waste-to-energy, minn sorsi rinnovabbli ta' tisħin jew tkessiħ bħal heat pumps u solar water heaters, kif ukoll minn biofuels. Għall-2022, l-istimi proviżorji li mistennija jiġu rappurtati mill-Eurostat jindikaw li l-persentaġġ tar-rinnovabbli tela' għal 13.4%.

## SERVIZZ PUBBLIKU – IMPJEGATI

**13734. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid fis-sena 2023 kemm żdiedu impjegati fis-Servizz Pubbliku?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13735, ninfurmah li mill-2022 għall-2023 kien hemm tnaqqis ta' 83 ħaddiem.

## SERVIZZ PUBBLIKU – IMPJEGATI

**13735. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku għal dawn l-aħħar għaxar snin, u jipprovdi din l-informazzjoni permezz ta' tabelli maqsuma skont is-sena?

**ONOR. ROBERT ABELA:** L-informazzjoni mitluba hija skont it-tabella hawn taħt:

| | |
|---|---|
| **2014** | 32,716 |
| **2015** | 33,126 |
| **2016** | 33,438 |
| **2017** | 33,943 |
| **2018** | 34,318 |
| **2019** | 34,659 |
| **2020** | 35,222 |
| **2021** | 35,521 |
| **2022** | 35,026 |
| **2023** | 34,943 |

## UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – DIRECT ORDERS

**13736. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Il-contracting uuthority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull akkwist li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## WIED IL-QLEJGĦA - PROĠETT

**13780. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett ta' Wied il-Qlejgħa?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Matul dawn l-aħħar xhur issokta r-restawr ekoloġiku tal-wied fejn komplew jiġu indirizzati mat-13-il speċi invażivi bħalma huma l-Qasba (Great Reed) u s-siġra tar-Riċnu. Fil-fatt, tneħħew madwar 400kg ta' għeruq tal-qasab (rhizones) u aktar minn 2,000 pjanta ta' speċi oħrajn invażivi. Ġew indirizzati wkoll speċi ta' fawna invażivi bħal Louisiana Red Swamp Crayfish fejn inġabru aktar minn 1,000 eżemplar. Dan ix-xogħol ta' tneħħija ta' speċi invażivi jsir kollu bl-idejn.

Tħawlu 20 siġra lokali (mkabbra minn cuttings lokali) tul l-embankments tal-wied. Tnieda wkoll programm edukattiv dwar il-wied u l-ekosistemi tiegħu, li ġie offrut għall-ewwel darba waqt Skola Sajf. S'issa kien hemm total ta' 245 student imqassmin fi 15-il grupp li attendew għal dan il-programm edukattiv, li se jkompli jiġi offrut matul din is-sena skolastika. Beda x-xogħol fuq il-bini mill-ġdid tat-triq li tgħaddi mal-catchment tal-ilqugħ (dam) 'l isfel mill-Imtarfa, fejn bħalissa qegħdin jitħaffru u jinbnew numru ta' piles tul it-trejqa bejn l-ilqugħ u l-pont sabiex il-wiċċ tat-triq ikun ankrat fuq pedamenti sodi.

Matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru kien hemm aktar min 3,500 viżitatur li żaru l-inħawi tal-wied kif indikat mill-people counters li hemm installati fiż-żewġ truf tas-sit ta' dan il-proġett.

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ – BERĠA**

**13781. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se tiftaħ il-berġa ta' Ħaż-Żebbuġ u x'servizzi ser ikunu qed jingħataw?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Wara li fuq ordni tal-Qorti l-post mikri li minnu kien jingħata servizz għadda lura għand is-sid, bħalissa d-dipartiment tal-Kura Primarja qiegħed ifittex post alternattiv ġewwa Ħaż-Żebbuġ stess.

**DJAR TAL-ANZJANI – LISTA TA' STENNIJA**

**13782. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid, fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm hemm persuni fuq il-lista ta' stennija biex jidħlu f'dar tal-anzjani u kemm minnhom jinsabu fi sptar u kemm minnhom jinsabu fid-dar tagħhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar u tingħata f'seduta oħra

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA – X-RAY MACHINES MA JAĦDMUX**

**13783. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'liema ġranet ta' Ottubru u Novembru kien hemm x-ray machines ma jaħdmux f'xi ċentru tas-saħħa u jgħid f'liema ċentru tas-saħħa kienu?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Paola l-x-ray machine waqfet fit-12 ta' Ottubru għall-manutenzjoni bejn 7.30 a.m. – 9.30 a.m. F'Novembru, fiċ-Ċentru tal-Furjana, waqfet għal ġurnata fis-16 għax żviluppat ħsara u reġgħet bdiet taħdem fis-17 ta' Novembru u fiċ-Ċentru tal-Mosta ilha wieqfa tlett ijiem minħabba ħsara.

**BINI TA' SPTAR GĦAS-SAĦĦA MENTALI**

**13784. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti tal-isptar għas-saħħa mentali li se jkun qed jinbena qrib l-Isptar Mater Dei?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13153.

**MEDIĊINI ĠODDA FUQ IL-FORMULARJU TAL-GVERN**

**13785. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema huma l-mediċini ġodda li se jkun qed jintroduċi fuq il-formularju tal-Gvern għas-sena 2024?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Il-Formularju tal-Gvern se jkompli jespandi biex jinkludi mediċini li se jingħataw bla ħlas lill-pazjenti tal-IVF, lil dawk li jbatu mill-kundizzjoni tal-ażma, mill-Pulmonary Fibrosis u dawk li jiffaċċjaw sfidi ta' saħħa mentali.

**INDEPENDENT COMMUNITY LIVING - NEFQA**

**13795. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm intnefqu fondi għall-Independent Community Living mis-sena 2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid ukoll kemm-il persuna bbenefikat minn dawn il-fondi għal kull sena?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

**AĠENZIJA SAPPORT - ASSISTENZA PERSONALI**

**13796. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-

Ministru tgħid kemm hu l-minimu u l-massimu ta' fondi li qiegħed jingħata lil persuna b'diżabilità li qiegħda tibbenefika għas-servizz tal-assistenza personali mingħand l-Aġenzija Sapport? Tista' tgħid kemm hu l-minimu u l-massimu ta' sigħat li persuna b'diżabilità qiegħda tikkwalifika għalihom għas-servizz tal-assistenza personali mingħand l-Aġenzija Sapport?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Il-minimu ta' fondi mogħtija lil persuna b'diżabilità li tibbenefika fil-preżent mis-servizz tal-assistenza personali mmexxi mill-Aġenzija Sapport hu ta' €936 fis-sena waqt li l-ogħla somma li qed tingħata hi dik ta' €131,500 fis-sena.

Il-minimu ta' sigħat ta' servizz ta' assistenza personali fil-preżent hu ta' sagħtejn fil-ġimgħa waqt li l-massimu li qed jingħata hu ta' 24 siegħa kuljum għal sebat ijiem (servizz 24/7).

## KAŻ TA' INDIVIDWU

**13811. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13331 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12638, jista' l-Ministru jagħti d-data tal-ħatra tal-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Sa meta twassal din il-kariga? Peress li l-Ministru qal li "ma huwiex fil-kompitu tal-Kummissarju Għoli li jwettaq investigazzjonijiet", jista' jgħid x'miżuri ttieħdu biex il-Pulizija ta' Malta tingħata t-tagħrif kollu possibbli? Huwa każ li jiddaħħal l-Interpol?

**ONOR. IAN BORG:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

## KAŻ TA' INDIVIDWU

**13812. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13330 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12640, jista' l-Ministru jikkonferma jekk saritx verifika tad-dokument uffiċjali tal-Ministeru tiegħu, datat 24-28 ta' Lulju 2017, li jikkonferma illi l-persuna inkwestjoni (dettalji mibgħuta separatament) ma tatx informazzjoni korretta lill-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi meta ma semmietx dawk ir-rabtiet azjendali? Jista' l-Ministru jgħid jekk dawk ir-rabtiet inħallux wara li l-persuna inkwestjoni ħadet il-kariga?

**ONOR. IAN BORG:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

## APH LIMITED - KUNTRATTI

**13813. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13329 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti u l-ftehim li ġew iffirmati bejn il-Gvern u APH Limited (C 72130), u/jew mal-promoturi tal-istess soċjetà li d-dettalji tagħhom qegħdin jingħataw separatament mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI – ILMENT MINN RESIDENTI

**13814. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13090 fl-intier tagħha u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dan l-ilment kif ukoll tat-tweġiba għall-istess ilment?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13090 .

## QRATI TAL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI - MULTI PENDENTI

**13815. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13076 u jgħid kemm baqa' multi pendenti/mhux imħallsa li ġew imposti f'kawżi deċiżi mill-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali, kif ukoll il-valur tagħhom mill-perjodu 2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

## KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI FL-UE - UFFIĊJAL NOMINAT BĦALA FOCAL POINT

**13816. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13079, jista' l-Ministru jgħid min hu l-uffiċjal mid-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem nominat?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-uffiċjal mid-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem nominat huwa Assistent Direttur mid-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem.

## AVVIŻI - NUMRI TAL-BIBIEN ĠODDA

**13851. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid minn fejn wieħed jista' jaċċessa lista ta' avviżi ppubblikati qabel l-2013, relatati ma' eżerċizzji li saru biex jiġu assenjati numri tal-bibien ġodda?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## HOME OWNERSHIP SCHEME - KAŻIJIET SOLVUTI

**13852. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid matul din is-sena sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il każ tal-Home Ownership Scheme solviet l-Awtorità tal-Artijiet? Jista' għal kull każ jindika kemm ingħata kumpens lis-sidien oriġinali u jindika n-numru ta' każijiet solvuti u l-kumpens imħallas lokalità b'lokalità?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

## HOME OWNERSHIP SCHEME - KAŻIJIET MHUX SOLVUTI

**13853. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm fadal każijiet tal-Home Ownership Scheme li għadhom ma ġewx solvuti mill-Awtorità tal-Artijiet?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.